# Festa Santa Marija Mqabba 2009

## Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V



Les Etoiles d'Or du Jumelage - 1998

Rebbie˙a tal-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta - 2006

Rebbie˙a Assoluti tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis, Ruma - 2007

SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



Mineral
Fibre Soffits



Demountable
Partitions



Bulkheads
and all kind of ceilings

Gypsum
Partitions



Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com

# Werrej


Kumitat Eżekuttiv 2009 .......... Paġna 3
Impenn u preparazzjoni - Messaġġ tal-President tas-Soċjetà .......... Paġna 5
Lokalità Sostenibbli anke bil-festi tagħna ... sabiex flimkien ngħixu aħjar – Messaġġ tas-Sindku tal-Imqabba .......... Paġna 7
Santa Marija fost l-ikbar festi li għandha l-Knisja – Riflessjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa .......... Paġna 11
Lejn il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà – Messaġġ mis-Segretarju tas-Soċjetà .......... Paġna 13
Flimkien niċċelebraw Festa oħra kbira - Appell mill-Kaxxier .......... Paġna 15
Ġita Indimentikabbli .......... Paġna 16
Festa Titulari u Universali – Riflessjonijiet mid-Direttur Spiritwali .......... Paġna 17
Sena sħiħa ta' ħidma kontinwa fuq l-armar tal-Festa – Appell mill-Għaqda tal-Armar .......... Paġna 19
Banda Re Ġorġ V., inżommu l-livell tal-Banda fuq Pedestall – Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda .......... Paġna 23
Associazione Bandistica Città di Cave – Il-Banda Taljana minn Ruma li ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Marija 2008 .......... Paġna 25
Proġett Ambizzjuż … L-Estensjoni tal-Każin – Messaġġ mid-Direttur tal-Każin .......... Paġna 29
Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes .......... Paġna 31
Każin ġdid għas-Soċjetà – 75 sena ilu ġiet żgurata l-ħajja tas-Soċjetà .......... Paġna 35
Lil Santa Marija Patruna tal-Gżejjer Maltin – Poeżija .......... Paġna 41
L-Estensjoni tal-Każin – il-ħolma li qed issir realtà .......... Paġna 43
Programm Strumentali u Vokali nhar l-10 t'Awwissu .......... Paġna 49
Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija .......... Paġna 50
Funzjonijiet fil-Knisja .......... Paġna 53
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V .......... Paġna 55
Il-Qanpiena l-Kbira – Tifkiriet .......... Paġna 59
L-influwenza tal-Aħwa Ghigo fl-iżvilupp tal-Qniepen Maltin fis-seklu għoxrin .......... Paġna 63
Lil Santa Marija – Poeżija .......... Paġna 67
Insebbħu l-Palazz Maestuż tagħna – Messaġġ mill-Fergħa tan-Nisa .......... Paġna 69
Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M.,O.S.T.J. – L-attivist tas-Sena 2008 .......... Paġna 71
Int Marija Sabiħa Wisq – Poeżija .......... Paġna 73
Fejn hemm l-Għaqda hemm is-Saħħa! – Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ .......... Paġna 75
Poster Uffiċjali Ċelebrazzjonijiet tal-Aħħar Tridu .......... Paġna 78
Lejn l-ewwel 10 snin mit-twaqqif ta' Mqabba F.C. Youth Nursery .......... Paġna 83
Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fl-Imqabba .......... Paġna 87
Kwadru tas-Sagra Familja .......... Paġna 95
Marija bħala l-għalliema spiritwali tagħna .......... Paġna 97
Ritratt tal-Istatwa Devota u Artistika ta' Santa Marija u tifkiriet .......... Paġna 99
Il-Gwarniċun Mekkanizzat – Sorpiża 2008 .......... Paġna 103
Planċier Artistiku għall-Banda Re Ġorġ V. .......... Paġna 105
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija - Ritratti .......... Paġna 106
Poster Uffiċjali tan-Nar .......... Paġna 109
Spettakli kbar ta' nar – Messaġġ Għaqda tan-Nar .......... Paġna 111
Programm tal-logħob tan-nar .......... Paġna 115
Il-Battalja ta' Lepanto u l-Imqabba .......... Paġna 117
Il-Maġġur Anthony Aquilina – Is-Surmast tal-Marċi Maltin .......... Paġna 123
Innu lil Marija Assunta .......... Paġna 127
Awgurju Miguel Ghigo .......... Paġna 127
Minn fejn ser jgħaddi l-marċ? .......... Paġna 128
Mal-mewt ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem .......... Paġna 131
Il-Glorja fis-sema tal-Verġni Marija Assunta .......... Paġna 133
Tieqa ta' 100 sena ilu. Il-qagħda tal-parroċċa ta' Santa Marija Assunta fl-Imqabba fl-1909 .......... Paġna 137
Awgurju Dun Ronnie Zammit .......... Paġna 143
Il-'Programm' tal-Festa .......... Paġna 145
Anniversarji importanti .......... Paġna 147
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja - Festa Santa Marija 2008 .......... Paġna 152
Il-Festa kif kienet tkun iċċelebrata fl-Imqabba – Ritratt tal-imgħoddi. .......... Paġna 152



**Bord Editorjali**
BRIFFA Carmel
ELLUL Carmel
SCIBERRAS Antoine
SPITERI Christopher

**Artikolisti**
AGIUS Mro. David
BIANCHI Chev. Carmel
BRIFFA Carmel
CAMILLERI Benjamin
CAMILLERI Gilbert
CAMILLERI Joseph
CAMILLERI Mario
CARUANA Carmelo
CARUANA Rev. Dun Nazzaren
CAUCHI Kenneth
CHETCUTI Joe
ELLUL Carmel
FARRUGIA Anthony
FARRUGIA Antoine
FARRUGIA Giovanni Battista
FARRUGIA Rev. Fr. Jonathan
FARRUGIA Joseph
FARRUGIA Stefano
FENECH Mario
GALEA Emanuel
GALEA Victor
GAUCI Paul
GHIGO Franġiska
GHIGO Patri Joseph M.
LIA Carmen
MALLIA Roberta
SCIBERRAS Antoine
SCIBERRAS Carlo
SPITERI Christopher
ZAHRA Carmel
ZAHRA Rev. Fr. Joseph O.P.

**Qari tal-Provi**
SCIBERRAS Elvin

**Riklami**
BRIFFA Carmel


**Ritratti tal-Faċċata**
L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba. Fl-isfond jidher il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li din is-sena qed jagħlaq 75 sena.

**Ritratti tal-qoxra ta' wara**
Il-Gwarniċun - Sorpriża 2008 li żżanżnet fil-Festa ta' Santa Marija s-sena l-oħra, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.


*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali. L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*
© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – Mqabba, Malta Est. 1910
L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess tal-Bord Editorjali.



**Design, Prepress & Printing**
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789, 21649012

TAR-ROBBA LIMITED









- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tal-Konkos
- Blokki tas-Sejjieħ
- Garaxxijiet u Mħażen għall-Kiri
- Torba
- Ħitan tat-toroq

Tar-Robba l/o Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 21 683558, 21 685332
Mob: 9949 3311
Fax: (+356) 21 642834
E-mail: johnghig@maltanet.net





# Kumitat Eżekuttiv 2009



**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Carlo Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Michael Ghigo

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier/Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Direttur tal-Każin**
Anthony Farrugia

**Delegat tan-Nar**
Sandro Ghigo

**Delegata Attivitajiet fil-Każin/Delegata Nisa**
Maria Psaila

**Delegati għall-Armar**
Felix Galea, Michael Ghigo

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Antoine Farrugia, Antoine Sciberras

**Konsulenti Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L., LL.D., Dr. Mark Portelli B.A., LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Christopher Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra

- We keep your project on track
- We deliver value in every phase
- We meet your deadlines
- We endeavour to protect our people and your interest
- Through our experience you can put your mind at rest



An artistic impression of the final finished project of Fort Cambridge Development. Elbros Construction Limited have been awarded the Building Works.



Works for Fort Cambridge awarded to Elbros Construction Limited. Initial stages of construction works consist of excavation and all building works.

Elbros
CONSTRUCTION

**Elbros Construction Limited**
'Elbros', Triq l-Industrija, Kirkop KKP9042, Malta
**t:** +356 2124 9999, **f:** +356 2168 5075
**e:** info@elbros.com.mt, www.elbros.com.mt

---

*• Qualified Staff • Friendly Atmosphere • Hair Care Products & Cosmetics available*

# vanity affair

# *Hair & Beauty Salon*

*Triq it-Tempesta, Qrendi*
*Tel: 21649407 • Mob: 9984 0556*

*Hairdressing*
Cuts
Blow drys
Treatments
Lights
Perms
Straightening
Colouring
Real Hair Extensions

*Hair Removal*
Waxing

*Hands & Feet*
Manicures
Pedicures
Nail Extensions
Nail Art

*Make-Up*
Make-Up for special occasions
Personal Make-up lessons

*Free Hair Treatment with every €35 spent a EVA Garden Make-Up for the month of August 2009*

*Messaġġ tal-President tas-Soċjetà*

Is-Sur Carmel Zahra



# Impenn u preparazzjoni

Għeżież Soċi u Partitarji,

Fi żmien qasir reġgħet waslet il-Festa tant għażiża ta' Santa Marija u qiegħed ngħid hekk għaliex sena ma nafx kif għaddiet. Meta jkollok ħafna impenji fil-Każin u preparazzjoni għall-Festa, iż-żmien ma taraħx għaddej.

F'Ottubru li għadda beda x-xogħol fuq l-estensjoni tal-Każin, billi beda t-twaqqiegħ tal-bini l-antik u sar l-iskavar għall-*basement*. Fil-bidu tas-sena beda x-xogħol fuq il-bini u qed nippjanaw li sal-aħħar tas-sena x-xogħol tal-bini jkun finalizzat.

Bħal ma tafu huwa xogħol ta' responsabbiltà għall-Kumitat kollu, għaliex trid tipprova tagħmel l-aħjar li tista' u kif titlob il-ġenerazzjoni tal-lum. Ħamsa u sebgħin sena ilu kien inxtara l-Każin eżistenti u għaxar snin ilu nxtrat il-propjetà biswit il-każin fejn issa qiegħed isir ix-xogħol tal-bini. Dan seta' jsir għaliex l-antenati tagħna dejjem ħadmu u stinkaw biex inxtrat is-sede tagħna u ta' dan għandna nirringrazzjawhom.

Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lill-benefatturi kollha tas-Soċjetà li żgur li mingħajr l-għajnuna tagħhom ma konniex naslu sa fejn aħna llum.

F'Novembru li għadda kien sar il-kunċert ġewwa s-sala l-ġdida tal-iskola Primarja tar-raħal tagħna mill-Banda Re Ġorġ V fejn fakkarna l-għaxar sena mill-unur uniku li ksibna mill-Unjoni Ewropea *Les Etoiles d'Or du Jumelage*, kif ukoll il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Dan kien wieħed mill-aqwa kunċerti u kien suċċess ieħor għall-Banda tagħna. Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lis-Surmast Direttur u lill-bandisti kollha tagħna.

Għalkemm għandna ħafna xogħol għaddej, bil-ħidma u d-determinazzjoni tas-Sur Mario Camilleri kompla għaddej ix-xogħol fuq l-armar.

Il-pilandri ta' madwar l-istatwa ta' Santa Marija li hemm fil-pjazza tal-Knisja, ġew restawrati u ngħataw dehra ġdida kif jixraq. Din is-sena ser tkun imżanżna statwa oħra ġdida għal Triq Karmenu Ciantar maħduma mill-artist Aaron Camilleri Cauchi. Din l-istatwa ser tkun sponsorjata mis-Sezzjoni Nisa tas-Soċjetà Santa Marija. Minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lis-Sezzjoni Nisa għall-ħidma u l-għajnuna tagħhom li jagħtu lis-Soċjetà.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura u nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar għax-xogħol u s-sagrifiċċju li jagħmlu biex jagħmlu spettaklu sabiħ, kemm bin-nar tal-art kif ukoll bin-nar tal-ajru innovattiv. Nirringrazzja wkoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-għajnuna u l-koperazzjoni speċjalment waqt il-marċi.

Ma rridx ninsa wkoll ngħidilkom prosit tas-sorpriża oriġinali li għamiltu s-sena l-oħra. Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja lis-soċi u partitarji, benefatturi, kif ukoll lill-pulizija u lill-kleru kif ukoll dawk li jgħinu fl-armar tal-knisja.

Nappella biex kulħadd jagħmel sforz u jattendi għall-funzjonijiet reliġjużi fil-ġranet tal-festa speċjalment fil-quddiesa tal-paniġierku, waqt li nġibu ruħna tajjeb u ma nweġġgħu lil ħadd waqt il-marċi.

Grazzi u nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

**Viva Santa Marija.**



Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra jidher qed juri l-pjanti tal-estensjoni tal-Każin lill-E.T. Prim Ministru ta' Malta Dr. Lawrence Gonzi waqt żjara ta' kortesija li għamel nhar is-6 ta' April 2009, fis-sede tas-Soċjetà.

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



**Attard Bros. Co. Ltd.**

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



**A.C.S. Ltd.**

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



**Cementstone Mfg. Ltd.**

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



**Attard Blue Mix Ltd.**

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



**Eurocraft Ltd.**

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



**Attard Developments Ltd.**

Developers of Residential and Commercial Buildings.

*Your Construction Partner*

www.attardbros.com



*Messaġġ mis-Sindku tal-Imqabba*

Is-Sur Emanuel Galea

# Lokalità Sostenibbli .. anke bil-festi tagħna

## *Sabiex ilkoll ngħixu aħjar*

Riċentement kont qed naqra artiklu f'*magazine* fejn dak li kitbu bdieh hekk **"Taf li qed tgħix jew teżisti però qatt m'hu ser tkun taf meta spiċċajt.''** Fihom x'wieħed jaħseb dawn il-ftit kelmiet u mhux ta' min iħallihom għal riħhom. Aħna lkoll għandna l-objettivi tagħna f'ħajjitna. Hemm dawk marbuta mal-familja u s-sostenn tagħha però hemm dawk komunitarji li tkun poġġejt viżjoni għalihom. Dejjem hemm x'tirranġa fihom iżda ftit tibdel minn dak li tkun tlaqt bih. Biex inżid ma' dak li qal l-artikolist, dak li konna ser nagħmlu l-għada, jiswa aktar jekk neħilsuh illum. Għall-grazzja t'Alla permezz taċ-ċirku soċjali u politiku li issa ilni fih madwar 14-il sena, iltqajt ma' ħafna nies li mill-esperjenzi tagħhom għallmuni nagħraf personalitajiet u karattri differenti. Nies li ġejjin minn kull settur tal-ħajja b'ambizzjonijiet diversi u b'ideat totalment ma jqarrbux lejn xulxin. Dawn kollha però tista' tikklassifikahom f'karattri ħelwin u wieħed jiskanta kif żewġ persuni li żgur qatt ma ltaqgħu, jaqblu perfettament permezz tal-karattru tagħhom.

Għalkemm hemm ħafna x'wieħed jimraħ dwar dan li bdejt, ser niġi għall-punt tal-messaġġ tiegħi. Qed nitkellem ħafna u nikteb ukoll dwar is-sostenibilità li nixtieq nara fl-Imqabba. Din mhix xi *buz-word* kif jgħidu l-barranin jew sabiex inżidu kelma oħra fil-vokabularju Mqabbi. Li nkunu sostenibbli qed infisser li nagħmlu kollox bi ħsieb ġenwin, ippjanat tajjeb fuq tant snin. Maħsub illum fuq il-bżonnijiet ta' għada, b'viżjoni ta' ħajja aħjar mhux għalina biss iżda għal uliedna u ġenerazzjonijiet oħra. Li tkun lokalità sostenibbli tfisser aktar tmexxija lokali, nagħrfu nieħdu deċiżjonijiet li għalkemm fil-bidu jaf ikun hemm min jaħsibha differenti jew saħansitra jħossuha iebsa jibdlu l-ħajja tradizzjonali, jaċċetta li qed jolqtuna jew jaffettwawna aktar minn postijiet oħra. Sostenibbli tfisser kuraġġ f'sitwazzjonijiet li mhux kulħadd lest li jurih speċjalment fejn jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li taqta' fejn taqta', joħroġ id-demm. Dan huwa żmien eċitanti għalina lkoll. Is-sinjali taż-żminijiet qed juru orizzonti ġodda għal kull sezzjoni tas-soċjetà. Fl-Imqabba mhux anqas. Bħalma rkibna qabel fuq l-ideat ambizzjużi iżda tajbin ta' dawk ta' qabilna, hekk irridu nkomplu fiż-żmien li ġej.

Iż-żewġ Soċjetajiet tagħna wkoll jeħtiġilhom iħarsu lejn dawn l-orizzonti, mhux għax qed ngħidu jiena iżda din hija xi ħaġa inevitabbli. Il-bniedem wasal f'fażi oħra ta' evoluzzjoni u qed jibdel il-prijoritajiet tiegħu. Kollox jaffettwa, jekk hija kriżi dinjija ta' flus, xi diffikultà fuq xi postijiet tax-xogħol, *stress* akbar bl-impenji tagħna u tant oħrajn. Dawn bdew u ser ikomplu jaffettwaw il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-aħħar snin fejn jidħlu l-attivitajiet, marċi, funzjonijiet reliġjużi marbutin mal-festi, għandu jinduna li għalkemm għadhom b'saħħithom, fl-istess ħin qed tonqos ċerta parteċipazzjoni. Għadha mhix allarmanti però jeħtieġ azzjoni issa u din trid issir bi ħsieb u b'deċiżjonijiet li jimmiraw lejn ġenerazzjoni ġdida. B'hekk semmejt sostenibbli anke bil-festi tagħna. Min huwa midħla f'kumitati jew viċin tagħhom, jaf



Is-Sur Emanuel Galea, Sindku tal-Imqabba jidher jippreżenta rigal ta' tifkira lis-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà nhar id-9 t'Awwissu 2008.

# Brunch`n more

by Maypole

## *the healthy snack in the capital city*













*Merchant Street, Valletta - tel: 2258 1574*

Bakery & Cafè Bakery & Cafè Bakery & Cafè Ba

www.brunchnmore.com

sewwa x'qed ngħid. Illum festa tiswa l-eluf ta' Ewro u l-parti l-kbira tinġabar mingħand is-soċi u dawk viċin is-Soċjetà. Meta torbot dak li semmejt mal-persuna, id-dħul lejn soċjetà jaf jonqos iżda fl-istess ħin ħadd ma jixtieq jitlef minn dak li kiseb. B'hekk ukoll irid jibda jitkejjel kull deċizjoni li trid tkun sostenibbli. Kull Ewro għandu jitkejjel b'ritorn akbar lejn is-soċjetà. Dan kollu jgħin lil dawk li jmexxu u dawk li jsegwu l-mexxejja tagħhom sabiex flimkien nirkbu fuq dawn id-deċiżjonijiet li għalkemm jaf ikunu ftit iebsa fil-bidu tagħhom, b'fiduċja kuraġġuża 'l quddiem jgħinu lis-soċjetà tibqa' b'saħħitha, u tegħleb diffikultajiet ġodda.

Forsi tkellimt b'aktar ton politiku milli nitkellem normalment, però nħossni qed nonqos jekk ma niġbidx l-attenzjoni lejn xi ħaġa li qed inħossha tersaq lejna ftit ftit. Jiena għandi wisq għal qalbi l-festi u l-kultura b'dak kollu marbut magħhom, u wisq aktar in-nies. Twelidt fihom u huma parti kbira mill-karattru tiegħi. Għalhekk ma nistax ma nitkellimx dwarhom f'kull okkażjoni li jkolli, anke mal-ogħla mexxejja Maltin u ħbieb barranin. Forsi llum mhux kull min qed jaqra dan l-artiklu jifhem eżatt dak li qed ngħid, però jiġi dak iż-żmien li jiftakar f'dan li ktibt illum.

Meta naqbad nikteb ma nkunx nixtieq nieqaf, iżda llum ser nagħlaq b'dan il-ħsieb: **"Qatt tgħid il-kelma impossibbli sakemm trabbi l-kuraġġ u tagħmilha possibbli.''** Is-sabiħ tal-festi tagħna huwa li jiġu darba kull sena, għalhekk ix-xewqa għalihom tkun ferm akbar. Niftakru però li biex dawn jirnexxu hemm numru ta' persuni jaħdmu għalihom kuljum, sena sħiħa. Insellem għalhekk lill-President u l-Kumitat Ċentrali, kumitati tan-nisa, tan-nar, tal-banda u armar. Is-Sezzjoni Żgħażagħ u l-ħafna partitarji li jgħinu u ma jidhrux. Insellem lill-kleru u dawk li jgħinu fil-knisja għax finalment din hija festa reliġjuża ad unur Ommna tas-sema. Awgurju mill-qalb lil kulħadd.

*emanuel.a.galea@gov.mt*

**Websajt Uffiċjali**

**www.santamarija.com**








Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



St.James Art Centre, Valletta

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors,
Manufacturers of
precast concrete products
and suppliers of
building materials.**

**Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
Tel: 2157 3093, 2157 2666 • Fax: 2157 5562**



*Riflessjoni mill-Kappillan*

Il-W.Rev. Dun Nazzaren Caruana

# Santa Marija fost l-ikbar festi li għandha l-knisja

Niftakar minn mindu kont żgħir kont inħobb nisma' l-ħajja tal-qaddisin. Kont nammira l-ħajja sabiħa tagħhom. Però ngħid il-verità f'qalbi kont ngħid: "Imma jien kapaċi nagħmel bħalhom?" "Kif se nasal biex nagħmel dawk is-sagrifiċċji kollha li kienu jagħmlu huma?" Iżda meta tkun taf ftit il-ħajja tal-Madonna, l-akbar fost il-qaddisin, tagħmel kuraġġ…Xejn speċjali, xejn straordinarju…ħajja normali għall-aħħar. Il-Madonna tgħallimni, u tgħallem ukoll lilna, li biżżejjed tkun f'għaqda sħiħa ma' Alla u tipprova dejjem tagħmel dak li jixtieq Hu, u bħalha tkun miexi lejn il-ġenna pajjiżna.

M'hemmx dubju li l-festa li se niċċelebraw dalwaqt, dik magħrufa bħala SANTA MARIJA hija fost l-ikbar li għandha l-knisja. Insejħulha wkoll l-Għid ta' Marija għaliex bħal Ġesù bit-tlugħ tagħha fis-sema, bir-ruħ u bil-ġisem, bdiet il-ħajja ġdida tagħha f'għaqda sħiħa ma' Alla. Forsi l-kobor ta' Marija jidher l-aktar mill-fatt li hi dejjem kellha f'qalbha lil Alla. Kif kultant ngħidu: 'saqajha fl-art u moħħha fis-sema'. Alla kien kollox għaliha. Jiġi l-ewwel u qabel kollox. Apparti li kienet imżejna bis-safa' minn qabel it-twelid tagħha, jiġifieri meħlusa mid-dnub tan-nisel, qatt ma ħolmot li għal mument tinsa lil Alla jew b'xi mod toffendih. Marija dejjem rat kull ġid minn għandu.

Kienu għaqlin biżżejjed missirijietna li għażlu lil Marija bħala l-Patruna tal-parroċċa tagħna. Mhux sempliċement sabiex norganizzaw il-festa kull sena fix-xahar ta' Awwissu, iżda fuq kollox sabiex kull wieħed minna jimxi fuq l-istess passi tagħha. Jiena ngħid li qabel kollox il-festa tiġi sabiex nagħmlu eżami tal-kuxjenza u naraw, kull wieħed minna, fejn aħna ma' Alla. Lanqas Alla stess m'hu qed jistenna li aħna se nkunu safja daqs Marija. Iżda jistenna li aħna wkoll inżommuh f'qalbna. Ejjew ma naqilbux kollox. Ma npoġġux iż-żiemel wara l-karettun għax l-affarijiet ma jimxux hekk.

Nifhem li fil-festa jkun hemm ħafna affarijiet fuq x'hiex taħseb. Imma li tiġi l-festa u tagħmel ħafna affarijiet u tinsa lil ruħek tkun verament qed tiżvija. Sa ħmistax qabel nibdew naħsbu għal din il-festa (Kwindiċina) u f'dawn il-ġranet isir talb speċjali fil-knisja. Imbagħad fl-aħħar tlitt ijiem (Tridu) taslilna l-kelma t'Alla.



Dun Nazzaren Caruana, Kappillan tal-parroċċa, flimkien mal-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra f'mumenti waqt il-ħruġ tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier nhar id-9 t'Awwissu 2008.

Ikollna okkażjoni wkoll għall-Qrar u għas-Sagrament tat-Tqarbin. Fl-aħħar mill-aħħar DIN hija l-festa. Festa li titlaq qabel xejn mill-fond ta' qalbna. Għalhekk nistenna li jkun hemm attendenza sabiħa fil-funzjonijiet li l-parroċċa torganizza għal din il-festa. Xtaqt nagħmel stedina speċjali għall-qofol tal-festa li hija l-Quddiesa Prinċipali li ssir nhar il-Festa stess. Il-preżenza tagħna tkun ferm apprezzata. Ħaġa oħra li tolqotni ferm fil-Madonna hija l-armonija u s-sempliċità tagħha. Mhux ta' b'xejn li fiHa naraw l-isbaħ rifless ta' Alla li huwa mimli bis-sempliċità u bl-armonija. U f'dawn il-ġranet għandna wkoll nimitawha propju f'din il-ħaġa.

L-esaġerazzjoni hija dejjem ħażina. L-esaġerazzjoni dejjem iċċajpar l-atmosfera tal-festa. Barra minn hekk l-esaġerazzjoni twassal għal ċerta għejja esaġerata jew ukoll għal pika esaġerata. Irid ukoll jinstab bilanċ tajjeb bejn dak li hu materjali u dak li hu spiritwali.

Jiena wkoll nixtieq nirringrazzja lil dawk li f'dawn il-ġranet se jkunu impenjati fil-preparazzjoni ta' din il-festa. Nifhem li dak li jagħmlu, jagħmluh biss b'imħabba lejn Marija u lejn il-parroċċa tagħna. Nirringrazzja wkoll lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li kull sena tkun involuta bis-sħiħ fl-organizzazzjoni tal-festa speċjalment fejn jidħlu l-festi esterni. Minn qalbi nawgura festa sabiħa lill-Imqabbin kollha.

Jiena ċert, li kif dejjem sar, mijiet u eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta u Għawdex se jiġu jżuruna f'dawn il-ġranet.

Ibqgħu ċerti li l-isbaħ ħaġa li jistgħu jaraw dawn in-nies hija l-atmosfera ta' għaqda u mħabba ta' bejnietna, ħaġa li trid tidher fostna matul is-sena kollha iżda b'mod speċjali f'din il-festa ddedikata lil Marija Mtellgħa s-Sema.



# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 21680684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**

*Messaġġ mis-Segretarju*

Is-Sur Carmel Ellul



# Lejn il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà

Għaddiet sena oħra u Awwissu reġa' magħna. Meta dan il-ktieb ikun f'idejkom inkunu għaddejjin bl-aħħar preparamenti tal-Festa tal-Patruna Santa Marija. Mhux il-ħsieb tiegħi li nikteb fit-tul għax kulħadd jaf li l-aħħar biċċa xogħol li kellu quddiemu l-Kumitat apparti l-preparazzjoni tal-Festa matul is-sena kollha, kienet l-estensjoni tal-Każin.

Din l-estensjoni waslet wara għaxar snin li nxtrat il-proprjetà biswit il-Każin u l-75 sena minn meta s-soċi u partitarji xtraw il-Każin. Il-Kumitat waqt ix-xogħol fuq l-estensjoni tal-Każin iltaqa' ma' ħafna diffikultajiet, imma bil-għajnuna tal-Madonna u ta' kulħadd ix-xogħol baqa' miexi b'ritma mgħaġġel u jekk il-Bambin irid dan il-proġett ser ikun lest f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà.

Fost il-ħafna attivitajiet li s-Soċjetà organizzat matul is-sena naraw li kif għaddiet l-aħħar Festa, ġiet organizzata ġita għas-soċi u partitarji ġewwa l-Lussemburgu, Belġju, Franza u l-Olanda. Fi Brussell kellna x-xorti li nidħlu ġewwa l-Parlament Ewropew fost postijiet oħra ta' interess. F'Settembru wkoll irriżenja mill-Kumitat il-membru Adrian Galea minħabba raġunijiet personali u pressjoni ta' xogħol, u floku ġie elett il-membru ġdid Felix Galea. Filwaqt li nirringrazzja lil Adrian tax-xogħol kollu li għamel, nawgura kull suċċess lill-membru l-ġdid Felix Galea. F'Novembru li għadda ġie mfakkar għeluq l-10 sena mill-għoti tal-unur *Les Etoiles d'Or du Jumelage* kif ukoll il-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Għal din l-okkażjoni ġie mtella' programm mużikali fis-sala tal-iskola fil-preżenza tal-Ambaxxatur Taljan l-Eċċelenza Tiegħu Dott. Paola Andrea Trabalza u wara sar riċeviment. Fl-aħħar tas-sena ġiet orġanizzata ikla għas-soċi u partitarji tas-Soċjetà tagħna. Fl-okkażjoni tal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u tal-Għid il-Kbir, il-Kumitat Ċentrali, il-Kumitat taż-Żgħażagħ flimkien mas-Sinjuri Michael Chetcuti, Nathalie u Leonard Azzopardi u Antoine Farrugia tellgħu wirja fis-swali tal-Każin u l-Aħħar Ċena Ħajja fil-kantina tal-Każin. Għal din l-okkażjoni ġew iżuru s-sede tagħna l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u ħafna nies minn madwar Malta u Għawdex.

Nixtieq nibda biex nirringrazzja lill-President u lil sħabi tal-Kumitat u lill-familji tagħhom. Nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar tax-xogħol li jwettqu matul is-sena kollha u għall-ispettakli li joffrulna matul il-jiem tal-Festa.

Ringrazzjament ukoll imur lejn dawk il-persuni li jisilfuna l-għelieqi biex jinħaraq in-nar kif ukoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-attivitajiet li jorganizzaw b'risq is-Soċjetà speċjalment bil-briju li jorganizzaw fil-jiem tal-Festa. Nirringrazzja lill-Kummissjoni Banda, lis-Surmast, il-bandisti u l-alievi, tal-kunċerti u tal-programmi li jtellgħu fi żmien il-Festa u tas-servizzi li jagħtu fil-Banda meta din tkun impenjata barra l-Imqabba. Lill-Għaqda tal-Armar tax-xogħol kollu mwettaq minnhom biex inkomplu nsebbħu t-toroq u l-Pjazza fi żmien il-Festa. Nirringrazzja lil Benjamin Camilleri u lil sħabu tal-ħidma tagħhom fuq il-planċier kif ukoll lill-familja Falzon li kienet strumentali fit-tiżjin tat-toroq. Nirringrazzja lis-Sezzjoni Nisa li din is-sena ppreparaw ħafna attivitajiet biex l-iskop li għandhom li jwettqu proġett fl-estensjoni tal-każin jirnexxi. Ringrazzjament speċjali lill-Kappillan u lil dawk li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, lis-Sindku u l-Kunsilliera tal-għajnuna li jagħtu lill-Kumitat meta jkun hemm bżonn speċjalment fi żmien il-Festa, kif ukoll lill-Ispettur u l-pulizija tax-xogħol imwettaq minnhom b'mod partikulari waqt il-marċi.



Is-Sur Carmel Ellul, Segretarju, jidher imexxi delegazzjoni mis-Soċjetà waqt żjara ta' kortesija lil Dr. Simon Busuttil, Membru Parlamentari Ewropew, ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell nhar it-8 ta' Settembru 2008.

Fl-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas, nirringrazzja lill-benefatturi, soċi u partitarji li tul din is-sena offrew l-għajnuna tagħhom sew manwali, finanzjarja u materjali biex is-Soċjetà tagħna baqgħet miexja 'l quddiem. Hawn nixtieq nappella lil kulħadd biex jobdi d-direttivi mogħtija mill-Kumitat u li kulħadd jieħu gost u pjaċir mingħajr ma joffendi lil ħadd, biex b'hekk inkomplu ngħollu isem il-Patruna tar-raħal tagħna Santa Marija.

**VIVA SANTA MARIJA.**


Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Patata safra l-iżjed bikrija f'Malta reżistenti
għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata.
LISETA
Bikrija
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
AVONDALE
Bajda
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
ARRAN BANNER
Aktar Tagħrif
Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 08
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587

*Appell mill-Kaxxier*

Is-Sur Carmel Briffa



# Flimkien niċċelebraw Festa oħra kbira

Ninsabu ftit jiem biss bogħod mill-Festa tant mistennija tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Marija, kif ukoll sena bogħod miċ-ċentinarju ferm importanti għal din l-Għaqda Mużikali, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. F'dan iż-żmien ninsabu bl-aħħar preparamenti għall-Festa li kulħadd ikun qiegħed jistenna.

Minbarra l-Festa, ninsabu impenjati bil-proġett ferm ambizzjuż tal-bini tal-estensjoni tal-Każin. Ix-xogħol fuq il-proġett miexi ġmielu u jekk Alla jrid nisperaw li sas-sena d-dieħla jkollna l-bini lest. Dan huwa l-ikbar rigal li nistgħu nagħtu lis-Soċjetà f'għeluq il-mitt sena tagħha.

Ir-responsabbiltà tiegħi bħala kaxxier hija kbira u għalkemm huwa ta' sodisfazzjon għalija hija wkoll ta' piż kbir. Jiena xi kultant nidher ikrah mal-Kumitat u s-soċi għax inħobb nekonomizza fin-nefqa tas-Soċjetà. Dan nagħmlu b'imħabba għas-Soċjetà li għal dawn l-aħħar erbgħin sena dejjem bqajt miġbud lejha u nagħmlu b'responsabbiltà tal-istess nies li fdawni b'din il-kariga.

Madankollu nħossni sodisfatt bil-ħidma tas-Soċjetà u nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li sa issa kkontribwew għall-proġett tal-bini tal-każin kif ukoll lil dawk kollha li jirreklamaw fil-ktieb tal-Festa u l-kalendarju. Fadal ħafna oħrajn li jistgħu jgħinu finanzjarjament iżda sa issa għadhom ma waslux.

Iżda għalkemm din is-sena ninsabu impenjati bil-proġett tal-bini tal-każin, xorta waħda bħala Kumitat ħadna ħsieb sabiex ma jonqosx il-livell tal-Festa li drajna bih.



L-Onorevoli Dr. Joseph Muscat, Kap tal-Partit Laburista jidher jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi waqt żjara li għamel fil-Każin nhar it-8 t'April 2009. Jidhru wkoll is-Sur Carlo Sciberras, Viċi President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà u s-Sur Carmel Briffa, Kaxxier.

Kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà kienet impenjata bi sħiħ sabiex għal darb'oħra tagħmel unur lill-Imqabbin. Fost l-oħrajn l-Għaqda tal-Armar li rrestawrat erba' gastri u tkompla x-xogħol tal-injam fuq sett ta' pedestalli għal Triq Karmenu Ciantar.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ kompliet bil-ħidma tagħha matul is-sena kollha u ħadet ħsieb għall-briju tal-Festa. Filwaqt li l-Għaqda tan-Nar ħejjiet programm sħiħ għal matul il-ġranet tal-Festa.

Nixtieq nirringrazzja lill-kumitat tan-nisa, speċjalment lil Doris Camilleri li tħabbrek u tirsisti sabiex jinġabru fondi għall-Festa u għall-proġett tal-bini.

Ħajr ukoll lis-Surmast u l-bandisti tal-lokal li komplew jippreparaw bil-kunċerti għall-programm ta' din is-sena.

Naħseb li lkoll taqblu miegħi li din is-sena għandu jkollna Festa oħra speċjali bis-sehem tal-Banda tagħna u bil-parteċipazzjoni ta' baned ewlenin Maltin. Għalhekk bħas-soltu nitlobkom tgħinuna b'kull mezz possibbli, sew finanzjarju kif ukoll manwali għaliex l-impenji li għandna huma kbar.

Nagħlaq b'appell lejn il-partitarji numerużi tagħna sabiex bħal ma għamlu dejjem, matul il-Festa ta' din is-sena nkunu xhieda ta' ulied Santa Marija Patruna tagħna u membri denji ta' Soċjetà serja. Ejjew nipparteċipaw fl-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Festa, kemm dawk esterni kif ukoll liturġiċi sabiex nieħdu pjaċir aħna u nagħtu pjaċir lill-Imqabbin u l-barranin li jogħġobhom iżuruna fil-Festa tagħna. Ejjew ilkoll flimkien niċċelebraw Festa oħra kbira u dinjituża ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija.

Nixtieq il-Festa t-tajba lil kulħadd.

# Ċita Indimentikabbli

## *… ġewwa Lussemburgu, Franza, Olanda u Belġju*




Il-grupp waqt il-laqgħa ma' Dr. Simon Busuttil, fil-Parlament Ewropew.



Is-Segretarju tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Ellul, jippreżenta tifkira lis-Sinjura Monique Sherpieeel ġewwa l-bini tal-Parlament Ewropew.




Is-Sur Matthew Ellul, jippreżenta rigal lil Dr. Simon Busuttil MEP, f'isem is-Soċjetà Mużikali u Banda Re Ġorġ V u f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



Ritratt ta' tifkira tal-grupp kollu ġewwa l-bini tal-Parlament Ewropew, nhar il-5 ta' Settembru 2008.



Parti mill-grupp fuq il-bejt tal-Birrerija l-Antika fi Bruges nhar it-8 ta' Settembru, 2008.



Ritratt ta' tifkira tal-grupp kollu ġewwa Lille fi Franza nhar l-4 ta' Settembru, 2008.

*Riflessjonijiet mid-Direttur Spiritwali*

Patri Joseph Zahra O.P.



# Festa Titulari u Universali

*Reġgħet waslet festa oħra – il-festa titulari tal-Parroċċa u tar-raħal tal-Imqabba – festa li m'hijiex marbuta biss mal-knisja parrokkjali tal-Imqabba, jew mas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, imma din hija* **l-festa universali tas-solennità tal-Assunta.**

*F'kull rokna fid-dinja tiġi ċċelebrata din is-solennità bil-qima kollha li jixirqilha. Dan ifisser li din is-solennità ma għandhiex tkun tagħna biss, imma din il-festa tal-Assunta għandha tkun il-festa ta' kull nisrani, ta kull min hu mmarkat bis-siġill tal-magħmudija mqaddsa fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.*

## Magħmudija waħda – festa waħda

*Sidna Ġesù Kristu hekk għamar lill-Appostli tiegħu fl-aħħar kapitlu tal-Evanġelju skont San Mattew:*

*"Ġesù resaq lejhom u beda jkellimhom u qalilhom: Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien"* (Mt 28:18-20)

*U Ġesù għallimna li:*

*"Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom." (Ġw 13: 34-35)*

*Din il-magħmudija li rċivejna u l-imħabba ta' bejnietna għandhom jidhru u jispikkaw ħafna fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tagħna. Hekk ukoll qalilna l-Ispirtu s-Santu permezz tal-Appostlu tal-ġnus fl-ittra lir-Rumani kapitlu 12 vers 15:*

*"Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki. Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli."*

**Minn dawn is-siltiet li huma "Kelma ta' Alla", aħna lkoll, insara maltin, li nħobbu l-festi reliġjużi u tradizzjonali tagħna, għandna nitgħallmu kif għandna niċċelebraw il-festi tagħna bid-dinjità kollha li tixirqilhom.**



Patri Joseph Zahra O.P., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà (lemin), waqt il-proċessjoni bl-Istatwa devota u artistika ta' Santa Marija nhar il-Festa tas-sena l-oħra. Jidhru wkoll Dun Raymond Cassar (xellug) u Dun Jonathan Farrugia (nofs), qassis novell Imqabbi li mexxa l-proċessjoni.

*Personalment għadni ma nistax nifhem u nittama li ma nifhimha qatt, kif qatt nistgħu nfaħħru "L-Patruna" jew "Il-Patrun", " Festa tat-Titular" jew "Festa sekondarja" li aħna nagħmlu f'ġieħ Sidtna Marija stess jew f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa partikulari, u filwaqt li ngħidu li qed infaħħruhom, inkunu qed ngħajru u noffendu lil tal-festa l-oħra..*

*Jaqaw mhux ilkoll insara aħna?! Jaqaw mhux f'isem ir-reliġjon li aħna qed niċċelebraw festa?! Meta ser nifhmu tassew li għandna nifirħu dejjem, anki jekk il-festa li qed tiġi ċċelebrata ma tkunx organizzata minna bħala Soċjetà, każin jew xi tip ta' entità oħra.*

**Nemmen għalhekk li bħala poplu għandna nimmaturaw aktar u għandna nħallu l-okkażjoni tal-festi tagħna biex verament iressquna lejn Alla u lejn xulxin.**

*Sidtna Marija Ommna, ma qaditx taħsibha biex tgħix b'fedeltà sħiħa l-kelma ta' Alla. Malli ġietha l-okkażjoni biex tifraħ u tbati, ferħet u batiet ma qaribitha.. (biex nieħu eżempju wieħed). Hekk allura narawha tħaffef lejn l-għoljiet biex tgħin lil Santa Elizabetta u hemmhekk narawha tinfexx f'dak il-kantiku sabiħ:*

*"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi..." (Luqa 1: 46-56)*

*It-tifħir ta' Marija għandu jispirana biex aħna wkoll inkunu bnedmin ta' tifħir... Hemm bżonn urġenti wkoll li bħala poplu naħdmu bis-sħiħ fuqna nfusna u nitgħallmu nirraġunaw aktar. Jekk tosservaw, il-misħut vizzju tad-dagħa kull ma jmur qiegħed dejjem aktar jiżdied (u mbgħad immorru inċapċpu quddiem il-vari tagħna !!)*

**Il-kelma ta' Alla u l-festi tagħna, għandhom jispirawna biex ma nibqgħux inkunu poplu ipokrita, imma għandna naħdmu biex ilkoll flimkien, aħna min aħna, fil-festi, fl-isports, fil-politika u f'kull aspett tal-ħajja reliġjuża u soċjali tagħna, inkunu tassew poplu magħqud li jaf jifraħ u jiċċelebra flimkien bħala poplu nisrani tassew.**

**Għandna nifirħu dejjem ma' min jifraħ u nuru s-solidarjetà u nagħtu l-għajnuna tagħna ma' min ikun fil-bżonn.**

**Sidtna Marija Assunta tinterċedi għalina bix nitqawwew fil-fidi tagħna.**

*Il-festa t-tajba lil kulħadd.*

# *JMA* Aluminium works

**Joseph Mizzi Aluminium works & soffit ceilings**
40A, Industrial Estate, Luqa
Tel/Fax: 2180 7851 Mob: 9944 5686
E-mail: mizalum@maltanet.net



*For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works*

**We fabricate aluminium apertures, like doors & windows with new profiles and a large range of colours.**
**We cater for customer made structures, as greenhouses, verandas, skylights, facades and more.**



*Call for free quotation for:*
Louvers fixed & adjustable
Double glazed apertures (with Argon Gas)
Showers & partitions
Insect screens & roller nets
Hinged, sliding & revolving apertures
Maltese balconies, stairs & handrails
Security main doors
Arched apertures & folding doors

***We do also soffitt ceilings in mineral fibre & gypsum in various models***





*Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar*

Is-Sur Mario Camilleri



# Sena sħiħa ta' ħidma kontinwa fuq l-armar tal-Festa

Ftit huma dawk li japprezzaw ix-xogħol u s-sagrifiċċji li jagħmlu diversi sezzjonijiet fi ħdan Soċjetà. Din is-sena ser nibda dan l-artiklu fuq nota pjuttost negattiva. Is-sena li għaddiet waqt li kont qed nikteb l-artiklu xtaqt li nikteb kelmtejn rigward il-ħsara li saret fuq l-armar tal-Festa imma dan m'għamiltux. Iżda dak li seħħ is-sena li għaddiet kien verament diżgustanti u ta' min jikkundannah. Ma nafx jekk mhux kulħadd jaf li s-sena li għaddiet ġie migruf l-armar kważi kollu ta' Triq Karmenu Ciantar (li ta' min jgħid li parti minnu kien għadu kemm ġie rħamat u indurat) u xi armar li jintrama fil-pjazza speċjalment trofej li jintramaw quddiem il-każin. Għal xi wħud il-festa tiġi biex matul il-ġimgħa tal-festa jiddevertu u jieħdu gost imma għal xi wħud le. Kif jgħidu, jekk ma taqbadx ma tistax twaħħal f'ħadd, iżda konvint li min wasal biex għamel jew għamlu dan il-ġest vandalu ma jafx x'hemm involut u qatt ma kien involut b'mod verament attiv f'xi għaqda li taħdem b'mod volontarju. Barra minn hekk ma jafx kemm isiru sagrifiċċji rigward xogħol manwali u ġbir ta' fondi.

Ta' min jgħid li dawn l-atti vandali fil-jiem tal-festa huma perikolużi ħafna. B'imġiba ta' xi wħud ma nistgħux nassiguraw futur tajjeb għall-festi.

Għalkemm saru dawn il-ħsarat u minn moħħok jgħaddu ħafna affarijiet, din l-Għaqda kompliet fix-xogħol tagħha biex inkomplu naghtu dehra aħjar lir-raħal tagħna fil-jiem tal-Festa. Hekk kif għaddiet il-Festa u bħal kull sena, ġie mnaddaf l-armar kollu, din is-sena minħabba li nbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il parti l-ġdida tal-każin, kien hemm bżonn li nsibu post/maħżen alternattiv fejn inkunu nistgħu nerfgħu d-drapp kollu u xi armar tal-pjazza.

F'Settembru nxtara kwantità ta' injam biex inkomplu naħdmu fuq tmien pedestalli oħra li jkun fadal għal Triq Karmenu Ciantar. Matul din is-sena jiena u s-Sur Matthew Ellul ħdimna fuq tmien vażi biex b'hekk is-sena d-dieħla nkomplu naħdmu fuq il-kolonni ta' fuqhom. Hawnhekk ta' min ifaħħar ix-



Parti mill-armar ġdid tal-Festa li ġiet irħamata u indurata waqt esebizzjoni ġewwa l-Każin. Xogħol is-Sur Mario Camilleri.



Is-Sur Matthew Ellul, waqt il-ħidma tiegħu fuq sett ta' tmien pedestalli oħra għal Triq Karmenu Ciantar. Dawn qed jinħadmu b'injam solidu u fuq sistema ta' minċotti.




# Callus

Landscaping & Gardening

- Detailed Design & Landscaping
- Automatic water irrigation
- Ponds and water falls
- Natural & artificial rocks-scaping
- Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
- Real carpet lawns
- Garden Cleaning and Maintenance
- Pruning of Trees
- Free consultation

*We can alter your garden to your likings!*

'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi

Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797

E-mail: callusj@onvol.net



xogħol li għamel Matthew matul din is-sena fuq dawn il-pedestalli. Lil Matthew kont avviċinajtu ftit jiem wara l-Festa u wera interess li jaħdem fuq dan is-sett ta' tnax-il pedestalli. Mingħajr l-għajnuna tiegħu ma stajtx inkompli dan il-proġett.

Dawn il-vażi kienu jirrikjedu ħafna xogħol minħabba l-fatt li ħdimna b'injam solidu u nħadmu fuq sistema ta' minċotti. Bħal kull sena, is-Sur Carmel Ellul, Segretarju ta' din is-Soċjetà kien ta' għajnuna kbira għal self ta' ħafna għodda li ħaffewlna x-xogħol. Hawnhekk nirringrazzja lil Karmnu tal-paċenzja li jieħu bina minħabba l-fatt li xi kultant stajt ostakolajtu fix-xogħol tiegħu. Dan ix-xogħol ser ikollkom l-opportunità li tarawh is-sena d-dieħla jekk dejjem ma jkunx hemm xi ntoppi.

F'Ottubru nbeda x-xogħol fuq sett ta' tmien armi għal mat-trofej ta' Triq Karmenu Ciantar. Is-Sur Andrew Bugeja matul din is-sena lesta l-ewwel arma għal din it-Triq. Ftit partitarji kellhom l-opportunità li jaraw din l-arma iżda jien konvint li ser tintgħoġob ħafna mid-dilettanti kollha tal-armar. Fix-xhur li ġejjin ħa tkun prijorità tagħna li nlestu dawn l-armi biex b'hekk dawn it-trofej jieħdu dehra differenti u kompluta.

Matul din is-sena bdejt xi xogħol ta' restawr fuq l-erba' pilandri li jintramaw quddiem l-Istatwa ta' Santa Marija fil-pjazza. Kien ilu jinħass il-bżonn li dawn l-erba' pilandri li għandhom madwar tmenin sena jiġu rrestawrati. Fejn kien hemm bżonn inbidel xi njam, inħadem gwarniċ ġdid u ġew irrestawrati wkoll xi qsari li kienu jintramaw xi ftit snin ilu.

Barra minn hekk inħadmu xi bankini ġodda għal ma' dawn il-pilandri. Inħadmet ukoll xi skultura ġdida biex ikomplu jsebbħu dawn il-pilandri u kemm jista' jkun ma jiġix alterat id-disinn oriġinali. Fil-bidu kien ħsieb tagħna li jinħadmu erba' pilandri ġodda iżda naħseb li kien aktar għaqli li tirrestawra dan it-tip ta' armar li serva għal dawn in-numru ta' snin u kien u ħa jkompli jkun parti mill-istorja ta' din is-Soċjetà.

Ix-xogħol ta' rħamar u induratura ilhaqt lestejtu. Issa l-pass li jmiss huwa li jinħadmu erba' gastri żgħar kif jixraq. Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Michael Ghigo li ħa ħsieb jaħdem ix-xogħol ta' skultura, is-Sinjuri Antoine u Joe Abdilla u s-Sur Emanuel Pace li kienu ta' għajnuna fuq xi xogħol ta' njam.

Matul din is-sena l-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi kompla x-xogħol fuq statwa ġdida oħra minn sett ta' tnax-il persunaġġ li huma maħsubin għal Triq Karmenu Ciantar. L-istatwa magħżula hija dik ta' Santa Eliżabetta. Din l-istatwa ġiet imħallsa mill-kumitat tan-nisa. Ta' min ifakkar li s-sena li għaddiet il-kumitat tan-nisa ġabar il-fondi biex jitħallsu żewġ statwi għal din it-triq. Nixtieq nirringrazzja lil dan il-kumitat, b'mod speċjali lis-Sinjura Doris Camilleri għax mill-bidu li kont involut fl-armar, minn dejjem kienu ta' għajnuna kbira għal din l-Għaqda.

Matul din is-sena nħadmet xi liedna ġdida għal diversi toroq madwar ir-raħal tagħna. Dan ix-xogħol sar mis-Sinjuri Emanuel Pace u Raymond Vella. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lejn is-Sinjuri Roderick Pace u Joseph Tonna tal-għajnuna tagħhom b'risq l-Għaqda tal-Armar kif ukoll lill-familja Falzon li kienu strumentali fit-tiżjin tat-toroq b'mod partikulari fejn għandhom x'jaqsmu l-fistuni tad-dawl.

Dan l-artiklu juri x-xogħol li qegħdin nagħmlu. Fis-snin li ġejjin se nkomlu naħdmu fuq ix-xogħol li fadal, speċjalment biex nagħtu spinta lill-proġett ta' Triq Karmenu Ciantar li meta titlesta ser tkun triq unika ġor-raħal tagħna. Naturalment dan ix-xogħol se jqum il-flus u ħa jkun hemm bżonn ta' kull tip ta' għajnuna.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu b'xi mod lil din is-Soċjetà u nappella biex fil-jiem tal-Festa tiġu tagħtu s-sehem tagħkom fl-armar tal-Festa.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.


# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**


Di Rocco Ltd.
for
Disposable Articles
CLING FILM
PELLICOLA
Di Rocco Ltd, Prince Albert Street, Albert Town, Marsa HMR 17 • Tel: 21 227344 • Fax: 21 227345 • E-mail: dirocco@digigate.net


Jerry's Silencer Repairs
CO2 Welding
Jerry's Garage
Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237



*Messaġġ mis-Surmast Direttur*

David Agius
Amus LCM Amus VCM (Hons) ALCM

# Banda Re Ġorġ V

*... inżommu l-livell tal-Banda fuq l-ogħla pedestall*

Insellem lill-qarrejja ta' dan il-ktejjeb li minn sena għall-oħra juri l-iżvilupp li jkun sar fi ħdan is-Soċjetà. Bħala s-Surmast Direttur huwa bix-xieraq li nikteb ix-xogħol kontinwu li jsir fil-banda biex nibqgħu ntejbu l-livell milħuq mill-banda.

Wara festa kbira li reġgħet saret is–sena l-oħra, ingħata bidu mill-ewwel għall-provi għall-kunċert memorabbli ieħor li sar is-sena l-oħra fis-sala tal-iskola Primarja tal-Imqabba, fil-15 ta' Novembru 2009. Bħal f'kull kunċert ieħor, il-banda esegwiet mużika impenjattiva ħafna li ġiet apprezzata ħafna mill-pubbliku numeruż li attenda bi ħġaru għal dan il-kunċert, kif ukoll kellna kliem ta' tifħir mill-Ambaxxatur Taljan għal Malta s-Sur Trabalza, li għoġbu jonorana bil-preżenza tiegħu.

Hawnhekk ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi għas-sagrifiċċji li jagħmlu l-mużiċisti l-iktar dawk tal-lokal waqt il-provi kollha, kif ukoll il-mużiċisti l-oħra li jattendu bi ħġarhom għal waqt il-provi, fejn l-attendenza tagħhom hija konsistenti li żgur tgħin ħafna biex ir-riżultat aħħari jkun kif mixtieq. Nista' ngħid bil-quddiem li l-pubbliku jattendi għal dawn l-okkażjonijiet bi ħġaru u dan jimlina bil-kuraġġ biex inkomplu mexjin fuq din il-linja, iktar u iktar li qed nippreparaw għall-anniversarju tal-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà s-sena d-dieħla.

Fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, il-banda, li kienet magħmula b'persentaġġ għoli minn mużiċisti tal-lokal, esegwiet kunċert mużikali fil-ftuħ tal-wirja 'La Semana Santa' u ċ-Ċenaklu Ħaj. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix is-sodisfazzjon tiegħi fejn nara l-frott ta' din is-Soċjetà jagħti wirja eċċellenti bħal ta' dakinhar, fosthom il-mużiċista tal-lokal is-Sinj. Philippe Saliba bħall-kumplament tal-mużiċisti li taw sehemhom dakinhar. Għal darb'oħra erġajna kellna attendenza numeruża.

Matul il-perjodu kollu, il-lezzjonijiet ma waqfux u ta' kull ġimgħa baqgħu għaddejjin mingħajr waqfien fejn b'kompliment mal-provi ta' matul il-ġimgħa, il-mużiċisti fi ħdan is-Soċjetà tagħna jibqgħu jtejbu l-livell tagħhom. Bħala attendenza konsistenti, ma nistax ingerger u hawn napprezza li f'ċertu żminijiet bilfors li jrid ikollok nuqqas minħabba eżamijiet skolastiċi. Iżda minħabba li l-iskola al-mużika tas-Soċjetà tagħha sar għandha numru konsiderevoli ta' mużiċisti li jattendu, din bilkemm tagħmel differenza. Dan l-iżvilupp ilni narah tul dawn l-aħħar tnax-il sena kemm ilni Surmast Direttur ta' din is-Soċjetà, li ġabet unuri kbar kemm għal Malta u iktar u iktar għall-Imqabba!!

Il-kunċert tal-festa li din is–sena ser jerġa' jieħu postu fl-10 t'Awwissu 2009 u mhux ser jonqos li jkun imżewwaq b'diversi siltiet sbieħ kif ukoll impenjattivi, u b'mużika li tkun għadha ma ndaqqetx hawn Malta. Għalhekk nistieden lil kulħadd biex jonorana bil-preżenza tiegħu ħalli nkomplu nżidu fuq dak li sar u biex kif inhu xieraq inżommu l-livell tal-banda fuq l-ogħla pedestall.

Nispiċċa biex nagħlaq il-messaġġ tiegħi billi fuq kollox nirringrazzja lil marti Antonella għas-sapport li dejjem tagħtni biex inkompli naħdem f'din l-arti u l-Kumitat kollu tal-għajnuna li dejjem tani. Grazzi wkoll tmur għall-mużiċisti u għas-sapport kbir li qed tgawdi din il-banda, li minn sena għall-oħra qiegħed dejjem jiżdied . Dan qed jintwera fil-pubbliku numeruż li jattendi waqt il-marċijiet u kunċerti li ttella' l-banda tagħna. Bħal kull sena nawgura lill-ħaddiema tal-kamra tan-nar kull suċċess għall-ispettakli uniċi li jafu jagħmlu fl-arti tal-piroteknika! Il-Festa t-tajba lil kulħadd.



Is-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. David Agius waqt il-Programm Annwali li l-Banda offritilna fil-jiem tal-Festa.

# Demsey
## *Aluminium*

Manufacturers of
Aluminium windows,
doors, etc



*Factory*
***Triq il-Wied, Żurrieq***
***Tel: 2168 9862 • Mob: 9949 0381, 9942 2583***

# CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420



# Associazione Bandistica Città di Cave

## *Il-Banda Taljana minn Ruma li ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Marija 2008*

kitba ta' Antoine Sciberras

**Is-sena li għaddiet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba fakkret bil-kbir żewġ anniversarji importanti fl-istorja glorjuża tagħha: Għeluq l-10 sena mir-rebħ tal-ewwel unur internazzjonali mirbuħ mis-Soċjetà tagħna Les Etoiles d'or du Jumelage – Stilla tad-deheb għall-ġemellaġġi, fis-sena 1998 wara l-ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba għandha ma' Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano fil-provinċja ta' Ascoli Piceno ġewwa l-Italja, u għeluq il-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà. Il-qofol tat-tifkira ta' dawn iż-żewġ avvenimenti ntlaħaq bla dubju matul il-Festa ta' Santa Marija 2008. F'din l-okkazjoni speċjali, fuq stedina tas-Soċjetà, wara li fis-sena 2007 il-Banda Re Ġorġ V kienet il-mistiedna tal-istess Assoċjazzjoni għall-festival tal-Mużika magħruf aktar bħala Festa del Socio, kellna preżenza Internazzjonali oħra tieħu sehem fil-festa tagħna, il-Banda Taljana Associazione Bandistica Citta' di Cave minn Ruma.**

### L-Esperjenza tal-Associazione Bandistica Citta' di Cave ġewwa Malta

Bħalma diġà għedt fl-introduzzjoni, din il-Banda ġiet Malta fuq stedina tas-Soċjetà tagħna sabiex tieħu sehem u tesperjenza flimkien magħna l-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba. L-ewwel dehra ta' din il-Banda ġewwa l-Imqabba kienet nhar il-Ħadd 10 t'Awwissu 2008. Normalment din id-data tinżamm mis-Soċjetà bħala Jum il-Banda iżda għal din is-sena sar xi tibdil żgħir u l-programm annwali mill-Banda Re Ġorġ V sar propju fid-9 ta' Awwissu 2008. Għall-ħabta tat-08.30 pm il-Banda Taljana bdiet marċ qasir matul it-toroq prinċipali tar-raħal u wara tat Kunċert, ta' Mużika fuq il-Planċier tas-Soċjetà, ġewwa l-pjazza quddiem il-Każin. Matul din l-okkażjoni sar bdil ta' rigali, bejn is-Soċjetà tagħna u l-Associazione Bandistica Città Di Cave. Hekk kif spiċċa l-Kunċert il-Banda mistiedna giet offruta riċeviment ġewwa s-swali tal-Każin. Fil-11 ta' Awwissu 2008 il-Banda ma kelliex impenji u għalhekk il-membri tal-banda kienu daqsxejn aktar liberi sabiex jaraw u jiskopru l-Imqabba armata għall-festa titulari. Fit-12 ta' Awwissu 2008 l-Banda mistiedna organizzat għal darba oħra sfilata tul it-toroq tar-raħal. Matul din is-serata wkoll il-membri tal-Associazione Bandistica Città di Cave kellhom laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li saret ġewwa l-binja tal-Isptar il-Qadim fl-Imqabba. Waqt din il-laqgħa saru indirizzi mis-Sindku tal-Imqabba, is-Sur Emanuel Galea, u s-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Giuseppe Ambrosini. Sar bdil ta' rigali bejn il-Kunsill u l-Banda Taljana. Il-membri tal-Banda mbagħad ġew offruti ikel tradizzjonali Malti mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba u s-Soċjetà Santa



Il-Banda Taljana minn Cave mistiedna speċjali matul il-Festa tas-sena l-oħra.



Mument waqt il-programm strumentali li l-Associazione Bandistica Città di Cave esegwiet nhar l-10 t'Awwissu 2008.



Is-Surmast Direttur Mro.Giuseppe Ambrosini jidher jirċievi momentum mingħand il-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra.

# Nick's Agriculture

**Supplier of Agricultural and Gardening Products + Others**

• Plant Protection Products •
• Fertilizers •
• Irrigation Fittings • Pots •
• Peat and Potting Compost •
• Drip Irrigation Systems •
• Pet Foods and Other •

**Mons. Mikiel Azzopardi Street,**
**Si©©iewi**
**Tel: 2146 5869**

Marija u Banda Re Ġorġ V. Nhar jum it-Tielet Tridu, il-Banda kienet mistiedna għall-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Il-membri tal-Banda setgħu josservaw u jsegwu l-briju organizzat flimkien ma' sorpriżi ġodda li propju żżanżnu għall-festa tas-sena li għaddiet. Nhar il-Ħamis 14 t'Awwissu 2008 mbagħad il-Banda kompliet tipparteċipa fil-festa tagħna permezz ta' Kunċert ieħor, din id-darba fuq laqta aktar leġġera wara li l-Banda offritilna sfilata oħra fil-pjazza tar-raħal. Hekk kif spiċċa l-Kunċert, il-Banda mistiedna giet offruta ikel u xorb fuq il-bejt tal-Każin tas-Soċjetà minn fejn seta' jiġi segwit l-ispettaklu grandjuż ta' nar li jsir ġewwa l-Imqabba lejliet il-festa ta' Santa Marija. Wara dan l-ispettaklu kien imiss spettaklu ieħor, dak tan-nar tal-art. F'jum il-festa, nhar il-Ġimgħa 15 t'Awwissu, il-Banda minn Cave waslet l-Imqabba sabiex għall-ħabta tas-sitta dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giuseppe Ambrosini bdiet marċ minn ħdejn il-Każin, għal diversi toroq u lura għall-pjazza fejn il-Banda daħlet fuq iz-zuntier tal-Knisja sabiex tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija. Wara l-Banda kompliet takkumpanja l-Istatwa tul il-proċessjoni. L-aktar mument interessanti għal kullħadd kien meta l-Istatwa waslet quddiem il-Każin għad-daqq tal-Innu Kbir 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema ta' George Martin. Wara d-dħul tal-proċessjoni u r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-Għaqda tan-nar, il-Banda għalqet il-festa tas-sena li għaddiet permezz ta' Kunċert ieħor fuq il-planċier tal-Banda tagħna, kunċert din id-darba mimli b'mużika ferrieħija. Kien għeluq għall-festa differenti u aktar oriġinali mis-soltu, u li ntlaqa' ferm tajjeb. Xiehda ta' dan kienet il-preżenza numeruża li segwiet dan il-kunċert 'ta' l-aħħar',

magħmula mhux biss minn nies Imqabbin, iżda wkoll minn għadd ta' nies barranin li għoġobhom jibqgħu magħna jsegwu lill-*Associazione Bandistica Città di Cave*. Qabel il-Banda ħalliet l-Imqabba dakinhar, bħala ringrazzjament u apprezzament, il-Kumitat tas-Soċjetà stieden lill-Banda ġewwa s-sala prinċipali tal-każin għal riċeviment.

Naturalment, ma stajniex inġibu banda Barranija ġewwa l-gżejjer tagħna u nħalluha tmur lura mingħajr ma ndewquha s-sbuħija ta' pajjiżna. Sabiex nilħqu dawn l-għanijiet, matul l-għodwiet ta' filgħodu ġew organizzati eskursjonijiet għal postijiet ta' nteress f'Malta u Għawdex, bħal ngħidu aħna l-Imdina u r-Rabat, Wied iż-Żurrieq u l-Blue Grotto, ix-xatt tas-sajjieda Marsaxlokk, it-Tlitt ibliet Storiċi ta' Bormla, Birgu u l-Isla, kif ukoll eskursjonijiet ġewwa Għawdex, u l-Belt Valletta.


Ritratt ta' tifkira meta l-Banda Taljana ġiet mistiedna żżur il-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.


Bdil ta' rigali bejn is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba u l-Banda mistiedna Associazione Bandistica citta' di Cave.


Mument waqt ħinijiet ta' rilassament. Il-kontinġent Taljan waqt żjara ġewwa l-Birgu.

## Konklużjoni

Bħal drabi oħrajn din kienet esperjenza sabiħa ħafna għal dawn in-nies. Għandna nammettu li l-festa Maltija hija xi ħaġa unika li trid tgħixha biex tagħraf dak kollu li toffri. Aħna l-Maltin nafu nagħmlu xi ħaġa unika li naħseb ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li jekk iddur kull rokna tad-dinja, ma jirnexxilekx issib xi ħaġa li kapaċi tilħaqha. U din hi l-festa Maltija b'dak kollu li toffri: Tradizzjoni, kultura, arti u fuq kollox it-turija ta' mħabba u ospitalità tagħna lejn il-Qaddisin Patruni tagħna. Il-Festa Maltija trid tgħixha biex tifhem x'inhi.

Ma nistax issa nagħlaq dan l-artiklu dwar din iż-żjara tal-*Associazione Bandistica Citta' di Cave*, mingħajr ma nirringrazzja lil dawk kollha li kkollaboraw biex din l-esperjenza setgħet kienet suċċess. Nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv kollu għas-sapport kontinwu tiegħu. Grazzi wkoll lill-Kunsilli Lokali li kkollaboraw magħna waqt din l-okkażjoni. Lis-Sindku tal-Imqabba s-Sur Emanuel Galea u sħabu l-Kunsilliera. Nixtieq nirringrazzja wkoll b'mod partikulari lis-sur Alfred Galea, bandist attiv mal-Banda Re Ġorġ V, li kien l-organizzattur ewlieni biex għal darb'oħra seta' jkollna fostna banda oħra internazzjonali din id-darba mill-Italja. Nistgħu ngħidu li din kienet esperjenza unika fejn dak li ħdimna għalih seħħ u kellu s-suċċess mixtieq. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, grazzi lill-poplu Mqabbi kollu, u lil dawk il-Maltin u Għawdxin kollha li segwew lil din il-Banda. Il-membri tal-*Associazione Bandistica Citta' di Cave* ħallew Malta bejn is-16 u s-17 t' Awwissu 2008, kollha kemm huma sodisfatti u ferħanin li għaddew ġimgħa memorabbli f'pajjiżna. U dan Grazzi għalina lkoll li għal darba oħra urejna biċ-ċar li, fejn tidħol ospitalità, ħbiberija u tradizzjoni, aħna l-Maltin ma' jirbħilna ĦADD !!



# Lorraine's

## Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist, Electrologist*



- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art

**Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**
**Tel: 2168 9785 / 2164 1263. Mobile: 9945 0647**

# Mallia Petrol Station

Pjazza San Nikola, Siġġiewi Tel: 2146 7764

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand Mallia Petrol Station
fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek,
u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha u muturi
li jibdew bi prezzijiet ta' €45.

Kif ukoll:
Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**
Mit-Tnejn sal-Ħadd il-lejl kollu



*Jikteb id-Direttur tal-Każin*
is-Sur Anthony Farrugia

# Proġett Ambizzjuż

## *L-estensjoni tal-Każin*

Bħala Direttur tal-każin, nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lis-soċji u partitarji kollha għall-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Insellem ukoll lill-Imqabbin kollha u flimkien magħhom, dawk il-koppji u familji li għoġobhom jiġu joqogħdu ġewwa l-Imqabba. Stedina lil dawn kollha sabiex iżuru l-każin b'mod speċjali fil-jiem tal-festa.

Permezz ta' dan l-artiklu ser nagħti rendikont tax-xogħol li sar u li qed isir mill-Kumitat. Bla dubju ta' xejn l-attenzjoni u l-prijorità ta' kulħadd huma fuq l-estensjoni tal-każin. Biss din ma kienetx l-unika attività. Ta' kull sena jkollna diversi xogħolijiet ta' manutenzjoni fil-propjetà tas-Soċjetà. Ġew ukoll miżbugħa l-arbli ta' fuq il-bjut tal-Każin minn żgħażagħ fi ħdan l-istess Soċjetà. Lura għall-proġett tal-estensjoni tal-Każin, kien fil-fatt propju ftit wara l-Festa tas-sena l-oħra li l-Kumitat Eżekuttiv evalwa l-offerti li kellu minn dawk interessati fil-kostruzzjoni tal-każin u l-għażla waqgħet fuq Zahra Ltd. Kien fix-xahar ta' Ottubru li għadda, meta beda x-xogħol fuq dan il-proġett ambizzjuż.



Dehra tal-faċċata tal-bini tal-parti l-ġdida tal-Każin.

L-ewwel sar it-twaqqigħ u mmedjatament wara it-tħammil. Xogħol li kien jirrikjedi attenzjoni kbira minħabba l-propjetà fejn qiegħda. Ingħatat attenzjoni kbira wkoll sabiex tul dan ix-xogħol innaqqsu l-inkonvenjent kemm nistgħu u dan għall-fatt li l-propjetà tinsab fiċ-ċentru tal-pjazza tar-raħal. Illum nistgħu ngħidu li x-xogħol miexi b'ritmu mgħaġġel ħafna tant li l-kostruzzjoni tal-post issa hija kważi lesta. Fix-xahar ta' Mejju kien diġà beda x-xogħol ta' tqattigħ ta' trinek sabiex inkunu nistgħu ngħaddu d-dawl, beda t-tikħil u mgħoddija l-komunikazzjoni tas-sistema tad-drenaġġ.

Dan ix-xogħol kollu qed isir minn partitarji tas-Soċjetà tagħna stess senza interessi ta' xejn. Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li sa issa taw is-sehem tagħhom kemm manwalment (skont il-ħtieġa) jew finanzjarjament. Ma nistax ma nsemmix lill-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra li kien strumentali f'din il-ħidma kif ukoll lis-Sur Peter Psaila li qed jieħu ħsieb is-sistema tad-dawl u lis-Sur Pawlu Mifsud li daħal għax-xogħol ta' tikħil u kisi. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Andrew Zammit li minn issa offra li jpoġġi l-madum tal-kmamar tat-tojlits. Ma' dawn nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv kollu kif ukoll lil numru ta' żgħażagħ b'mod partikulari lis-Sur Felix Galea u sħabu s-Sinjuri Joseph Briffa, Jeremy Mercieca, Matthew Borg, Matthew Spiteri, Jonathan Mifsud u Roderick Pace, li b'xi mod jew ieħor qed ikunu ta' għajnuna f'dan il-proġett. Nirringrazzja wkoll lil dawk il-benefatturi li offrew l-għajnuna tagħhom għal dan il-proġett b'mod partikulari lil Ballut Blocks Ltd, Elbros Constructions Ltd., u Tar-Robba Ltd., li kollha offrew konkos b'xejn. Niftakru li s-Soċjetà hija għaqda volontarja mingħajr dħul ta' xejn għajr donazzjonijiet u għajnuna ta' diversi li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna u l-Festa tant għażiża ta' Santa Marija.

Bis-saħħa ta' dawn kollha, nimtlew b'kuraġġ kbir u determinazzjoni sabiex jekk il-Bambin irid ma ndumux ma naraw dan il-proġett ambizzjuż lest. Il-ħolma u r-rigal ta' kull wieħed u waħda minna lejn is-Soċjetà tagħna f'għeluq l-ewwel ċentinarju tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba li propju sejrin niċċelebraw is-sena d-dieħla.

Qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi nappella sabiex nibżgħu għall-propjetà tal-każin. Niftakru li l-każin huwa għal bosta t-tieni dar u bħalma nibżgħu għal darna hekk għandna nieħdu ħsieb din is-sede tagħna. Appell ieħor lil dawk li matul is-sena jkunu jixtiequ jagħtu daqqa t'id fil-manutenzjoni sabiex javviċinaw lili jew lill-kumitat. Flimkien u bil-għajnuna ta' ħafna x-xogħol ikun jista' jinqasam aħjar mingħajr tbatija. **Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.**

# FrameMaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

27, Saint Catherine Street, Mqabba  Tel: 2168 3308

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kul˙add*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xog˙ol fl-injam ta' kwalità g˙olja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street

Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:

Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.

4.00p.m. - 7.00p.m.

Wednesdays & Saturdays : Half Days



*Leħen il-Fratellanzi*

minn Antoine Farrugia u Paul Gauci
(Retturi tal-Fratellanzi
tas-Ssmu. Sagrament u tar-Ruzarju Mqaddes)

# Il-Fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes

L-istorja tal-Fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ġewwa r-raħal tagħna twieldu u tkattru flimkien matul l-400 sena tal-istorja tagħhom. Qiegħed ngħid hekk għaliex dawn iż-żewġ fratellenzi ewlenin fl-Imqabba ġew imwaqqfa bejn l-1598 u l-1600 sewwasew meta l-Imqabba saret parroċċa taħt it-titlu tal-Assunzjoni. Sa mill-bidu tal-eżistenza tagħhom, dawn iż-żewġ fratellanzi dejjem ħadmu bla heda biex ikunu strumentali kemm fi ħtiġijiet spiritwali kif ukoll fi ħtiġijiet materjali fejn l-għajnuna lejn ħutna inqas ixxurtjati minna qatt ma naqset.

Matul din is-sena s-Sur Paul Gauci u jiena ħdimna qatigħ fejn jidħol ix-xogħol tal-fratellanzi. Barra li konna ta' sostenn għall-fratelli li diġà kienu msieħbin magħna, avviċinawna iktar irġiel u żgħażagħ fejn urew il-ħeġġa li jissieħbu magħna fil-fratellanzi.Danjagħtina sodisfazzjon u iktar ħeġġa biex inkomplu naħdmu kemm spiritwalment kif ukoll materjalment. Matul is-sena li għaddiet, nhar l-14 t'Awwissu 2008, il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament organizzat it-Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Santa Marija li kienet ġiet relegata lill-parroċċa mill-Monsinjuri Ghigo. L-għada l-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni ta' Santa Marija Patruna tal-Imqabba.

Kif jibda dieħel Settembru, il-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes tibda tipprepara għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju li hija l-protettriċi tal-istess fratellanza. Għal din il-festa ħadet ukoll sehem il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament. Eżatt wara l-purċissjoni, il-fratelli kellhom bibita ta' rikonoxximent għas-servizz li jagħtu minn qalbhom lill-fratellanzi fil-parroċċa tagħna. F'Diċembru ż-żewġ fratellanzi taw is-sehem tagħhom fil-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni li ssir ġewwa raħalna. Kif għaddew il-festi tal-Milied, Paul Gauci u jiena konna avviċinati mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija biex noffru s-servizzi tagħna għall-organizzazzjoni taċ-Ċenaklu Ħaj. Meta avviċinajna lill-fratelli min jixtieq jieħu sehem, kellna daqsxejn ta' problema għax ma xtaqna nħallu barra lil ħadd. Din l-attività lil Paul Gauci u lili mlietna b'kuraġġ kbir biex kif għidna iżjed 'il fuq inkomplu naħdmu għall-ġid ta' kulħadd. Ta' min isemmi li l-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament ħadet sehem ukoll fil-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm li fiha nfakkru d-dħul solenni ta' Sidna Ġesù f'Ġerusalemm. Fl-Għid il-Kbir il-fratellanzi organizzaw siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat u fil-għaxija attendiet għall-funzjonijiet ġewwa l-Knisja fl-okkażjoni tal-Kwaranturi Mqaddsa. It-Tlieta fuq l-Għid il-Kbir, il-fratellanzi ħadu sehem fil-purċissjoni ta' għeluq il-Kwaranturi li spiċċat bil-barka sagramentali ħdejn il-Kappella tad-Duluri u s-Sagrament tqiegħed għall-qima perpetwa.

Wara li għadda l-Għid il-Kbir, il-Fratellanzi ġew mistiedna jattendu għall-Ġimgħa Marjana li organizzat is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju. Kienu laqgħat interessanti



Fratelli fi ħdan il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament lebsin il-muzzetta l-ħamra waqt il-proċessjoni bl-istatwa ta' Santa Marija, Patruna tar-raħal.



Still Life
a masterpiece in mouth blown lead crystal
and exquisitely hand-crafted Carrara marble fruit.
THE VILLAGE JEWELLERS
39, Triq San Nikola, Siggiewi . [T] +356 21 461 921 [F] +356 21 340 514 [E] info@thevillagejewellers.eu



Fratelli mill-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes lebsin il-muzzetta l-bajda waqt il-proċessjoni bl- istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

dwar il-ħajja u l-virtujiet tal-Madonna. Il-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament, nhar l-14 ta' Ġunju 2009, organizzat il-festa propja tagħha; il-Festa tal-Ġisem Imqaddes ta' Ġesu jew kif inhi magħrufa bħala Corpus Christi. F'din il-purċissjoni ħadu sehem ukoll il-Fratellanzi tar-Rużarju Mqaddes u tal-Immakulata Kunċizzjoni. Wara l-purċissjoni l-fratelli kellhom bibita b'rikonoxximent tas-servizzi li jagħtu lill-fratellanzi fil-parroċċa tagħna. L-aħħar attività li ħadu sehem fiha l-fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes kien il-pellegrinaġġ organizzat mid-Djoċesi ta' Malta mill-Knisja ta' San Publiju l-Furjana għall-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt biex infakkru l-għeluq tas-sena Pawlina nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2009.

Bħalma qegħdin taraw, l-attività hija ħajja s-sena kollha. Barra minn hekk qegħdin isiru xi proġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-fratellanzi. Infatti nagħmlu wkoll appell lil dawk li jixtiequ jissieħbu magħna biex ikellmu jew lil Paul Gauci jew lil Antoine Farrugia jew lil xi membru tal-fratellanzi.

Minn qalbna nirringrazzjaw lill-fratelli kollha li jirrikorru u jagħtu s-servizz tagħhom matul is-sena u niftakru wkoll f'dawk illi ġew qabilna u li llum m'għadhomx magħna biex nitolbu għalihom u niftakru fix-xogħol u l-affarijiet prezzjużi li ħallewlna.

***O Madonna ieqaf magħna***
***U ħarisna mis-smewwiet.***
***Bierek jiemna u ħidmietna***
***Biegħedna dejjem mill-inkwiet.***

Blue Creek
BAR & RESTAURANT



***For Information and Reservations, kindly phone***
**2146 2786 or**
**2146 2800**

EURO Caterers

Contact Person: Mario Attard

**Sales and Rental of Slush Machines & Soft Serve Machines**

**Testaferrata Street, Ûurrieq**
**Tel. 2164 2647 Mob. 9982 0269**
**e-mail: pulsar@nextgen.net.mt**

# A. Ferriggi

Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 65, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 2167 3719 Mobile: 9947 5154

# SCUDOFLEX MEMBRANE

**Għandek il-bejt iqattar?**
**Għandek il-kontrabejt maqsum?**
Tista' ssolvi din il-problema. Uża l-membrane żebgħa tal-pinzell u tagħmel ix-xogħol int stess. Kif tagħmilha? Tingħata parir b'xejn mingħand is-

# SUPER S IRONMONGERY

ta'

Triq Dun Matteolo Saliba, Żurrieq
Tel: 2168 9256 Mobile: 9949 2416

**Ħinijiet:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.30am – 1.00am, 3.30pm – 7.00pm
Is-Sibt
6.30am – 1.00pm

**IL-PROPRJETARJI TAL-ĦANUT JAWGURAW IL-FESTI T-TAJBA LIL KULĦADD.**



# Każin ġdid għas-Soċjetà

*75 Sena ilu ġiet żgurata l-ħajja tas-Soċjetà*

kitba ta' Carmen Lia
B.Ed (Hons.), B.A, Storika

Għal ħafna snin, is-Soċjetà kellha s-sede tagħha fil-fond numru 26, Pjazza tal-Knisja. Biż-żmien, bl-ekonomija, għajnuna finanzjarja u t-tħabrik tal-President ta' dak iż-żmien, Joseph Bugeja, fit-22 ta' Jannar 1934 inxtrat dar biex tintuża bħala każin, sewwa sew bieb ma' bieb mal-każin li kellha s-Soċjetà u b'hekk żgurat ruħha l-ħajja tas-Soċjetà.

## Is-Subasta tat-22 ta' Jannar 1934

Fis-Subasta miżmuma taħt l-awtorità tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-22 ta' Jannar 1934, fl-ismijiet Giuseppe Spiteri, Carolina armla Spiteri u oħrajn versus Innocenza Abela u oħrajn, ġew liberati diversi fondi fl-Imqabba. Il-fond jew dar fl-Imqabba, Misraħ il-Knisja, numru 27, ġie liberat favur Joseph Bugeja u b'hekk il-fond sar is-sede tas-Soċjetà. Il-fond kien bil-komunjoni tal-bir u d-drenaġġ, bil-bieb għall-ġnien ta' ħaddieħor u suġġett għall-piż perpetwu ta' 9 xelina fis-sena għall-quddies, minn kull ħaġa oħra liberu u frank u bil-prezz ta' 385.

F'kitba mħollija minn Emanuel Zammit (il-Gross) insibu li hu ried li jinxtara l-ġnien li kien hemm wara l-fond iżda Joseph Bugeja ma kienx ried, forsi minħabba li s-somma biex kien akkwistat il-Każin kienet pjuttost kbira għal dak iż-żmien:

"Fi żmien Bugeja nxtara l-każin li għandna llum u kellu miegħu biċċa ġardina li kienet proprjetà tas-Sur Nikol Zammit ħu Dun Innoċenzu u s-Sur Bugeja ma riedx li nixtruha għall-prezz baxx ta' 20 biss u għalkemm jiena u oħrajn xtaqna ħafna li nixtruha."

Il-fond trasferit favur Joseph Bugeja kien ġej mill-eredità kbira ta' Nikola Zammit (in-Naxxari) bin il-mejjet Innocenzo. Minħabba problemi finanzjarji, kellha tinbiegħ il-proprjetà kollha mal-mewt ta' Nikola. Nikola kien iddikjarat fallut bi żbilanċ ta' madwar 30. Jingħand li dawk li kellhom jieħu xi flus mingħandu, kollha marru għar-restituzzjoni tas-somma mislufa iżda ħadd mid-debituri lejn Nikola ma mar jirrestitwixxi l-ammont misluf. L-istima tal-proprjetà kollha ta' Nikola saret mis-Sur Tancredi Camenzuli fl-1927 u kienet ta' 1739.5s.0d. Il-fond numru 27 li mbagħad sar każin kellu l-ogħla stima li kienet ta' 221.

L-aħħar familja li għexet f'numru 27 kienet dik tas-saċerdot Dun Innoċenzu Zammit. Fit-30 ta' Jannar 1932 Dun Innocenz kien ħa l-pussess ta' Kappillan tal-Imsida iżda kien ilu jgħix l-Imsida, f'Molo Marina, numru 126 mill-1924 u dam joqgħod l-Imsida għal sitta u għoxrin sena wara li sar Kappillan. Kienu baqgħu joqogħdu fid-dar fl-Imqabba hu Dun Innoċenz, jiġifieri Nikola flimkien ma' martu Giuseppa (bint Nikola Zammit in-Naxxari). Ċetta, oħt xebba ta' Dun Innoċenz u Nikola, ukoll baqgħet tgħix fl-istess fond u meta mardet kienet tgħid li tisma' l-quddiesa mit-triq tad-dar tagħha u li kienet tara l-'Bambin'.



Il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba mżejjen għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Il-Każin ġie akkwistat nhar it-22 ta' Jannar 1934 u kellu sular wieħed.

## Is-Sede tas-Soċjetà Re Ġorġ V

Id-Dar li kienet b'sular wieħed kellha entrata sabiħa b'żewġ kmamar kbar laterali bi twieqi għal barra. Wara l-entrata kien hemm spazju kbir b'taraġ li jagħti għal fuq il-bejt. Il-kċina kienet skont l-istil ta' dak iż-żmien, bil-fuklari mgħattijin b'saqaf komunikat maċ-ċumnija għal fuq il-bejt. Fil-bitħa kien hemm siġar tad-dwieli u tal-frott irqiq. Il-kantina kienet taħt l-entratura u l-kmamar laterali. Quddiem id-dar kien hemm pilastri u kanċell tal-ħadid.

## Rivendizzjoni tal-Każin

Mit-22 ta' Jannar 1934 'il quddiem kellha s-sede tagħha f'numru 27, Misraħ il-Knisja. Sal-1945, in-numru tal-fond kien inbidel għal numru 41, Misraħ il-Knisja.

Wara li nxrata l-Każin, peress li Joseph Bugeja kien xtara l-fond f'ismu u mhux f'isem is-Soċjetà,

# POLIDANO GROUP

## Excavating, Building & Engineering Contractors

**Polidano Brothers**
**Lapsi Quarry**
**Cement Mix**
**Pol Mix**
**Eagle Beams Ltd**
**MAIT**

Ħal Farruġ Road, L/O Luqa LQA 05 - Malta
Tel: (356) 2124 4520, 2124 4539, 2124 4241
Fax: (356) 2124 4200

inqala' xi nkwiet bejn is-soċji. F'ittra li fl-1945 Joseph Bugeja bagħat lill-Każin intitolata 'Fuq il-Kuntratt' jgħidilhom li l-aħħar li kienu ltaqgħu – "intom, il-Kumitat inkarikat mill-kuntratt" – kienu tawh l-awtorità biex jagħmel l-arranġamenti li jidhirlu li kienu l-aħjar a rigward li jsir il-kuntratt u għal dan il-għan kien kellem lin-Nutar Joseph Gatt u lill-Prokuratur Robert Dingli kif kien l-aħjar li jsir. Fl-istess ittra nsibu:

*"…min dak inhar 'l hawn deher avis imdendel fil Kasin riguard il kuntratt li ma nistax ma natix kas tighou u li ghamilni nahseb u inhos diffirenti min qabel, tant li hua ekk, li, ghalkem kontra qalbi, ikolli nirrenunzia il karika li kontu taituni kif semmeit haun fuq, u flistess hin nirtina ukoll kull edeat li jena kont tait fuq kif isir il Kuntrat etc. etc., madana kollu jena dejjem lest ghal biex isir ittrasferiment tal post, u dan il pont irrid li namlu car kemm jista jkun. Semplicement gharfuni meta u fein, sibu granet u hinijiet konvenjenti, u lili issibuni dejjem makom ghal kif ghadni kemm semmeit.*

*Nitolbok biex jekk jogbok tinforma il Membri 'ohra tal Kumitat specialment dauk li jirrapresentau is-soci, u billi jena interessat flistess kumitat – nixtieq li nissuggerilek li lahjar haga tkun li tatihom jaqrau din l'ittra u fl'istess hin jiffirmauha.*

*Nixtieq ukoll, kif semmeitlek diga, li inkellem il Kumitat tal-Kazin u keku jista ikun li dan isir nhar il hadd – niehu gost; il hin li lizjed jaqbel ghalikom – sempleciment gharrafni bieh."*

Il-ftehim ma damx ma sar. B'att tan-Nutar Joseph Gatt tad-19 ta' Marzu 1945 Joseph Gatt iddikjara li għalkemm fit-22 ta' Jannar 1934 kien deher li akkwista l-imsemmi fond għalih innifsu, huwa kien akkwistah għal King George V Band Club tal-Imqabba wara li kien espressament inkarigat mill-istess Club u l-flus biex inxtara l-fond imsemmi kienu nħarġu effettivament mill-istess Klabb. Anke l-ispejjeż relattivi għall-akkwist kienu ġew versati lilu. B'hekk Joseph Bugeja rriveda l-imsemmi fond lis-Soċjetà u ddikkjara li ma kien jippretendi xejn mis-Soċjetà.



Dehra tal-Każin waqt il-bini tat-tieni sular fis-sena 1949.

Fl-istess att notarili, Joseph Bugeja, bil-kunsens tal-mandatarji tal-istess Klabb, żamm favur tiegħu d-dritt li jerġa' jixtri bl-istess prezz l-imsemmi fond mingħand is-Soċjetà fi żmien it-tlettax-il xahar mid-data tal-att.

Il-kuntratt tar-rivendizzjoni tad-19 ta' Marzu 1945 kien iffirmat fis-sede tal-Każin, numru 41, Pjazza tal-Knisja. Għan-nom, fl-interess u bħala rappreżentanti tal-Każin King George V kienu dehru Giovanni Ghigo, Shipwright id-Dockyard, bin il-mejjet Nikola, Emanuel Zammit, fitter id-Dockyard, bin il-mejjet Michele, Giuseppe Farrugia, mgħallem bennej, u bin il-mejjet Nardu, Giovanni Zammit, jaħdem ir-raba', bin il-mejjet Mikiel, Feliċ Psaila, jaħdem fil-barriera, bin il-mejjet Innoċenzo, Mikiel Ellul, skarpan, bin il-mejjet Salvu, Rokku Camilleri, mgħallem il-barriera, bin il-mejjet Karmnu, u Giuseppe Ellul mgħallem fil-barriera, bin il-Mejjet. Dawn kienu maħturin



Partitarji ta' Santa Marija jidhru jaħdmu fuq il-bini tat-tieni sular tal-Każin.

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi — Tel: 2168 0006  Fax: 2161 1155







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**

**Available Underseal & Rustproofing**

MUSIC LINK

Importers • Wholesalers • Distributors

Importers • Wholesalers • Distributors

... the **link** between **music** and **musician**

**262, Fleur De Lys, Birkirkara, Malta**

**Tel: 2148 2796 • Fax: 2131 5022 • E-mail: info@nvgent.com**

Timpani, Drum kits, Percussion, Sticks, Cymbals, Drum Heads, Acoustic, Classical & Electric Guitars, Bass Guitars, Violins, Violas, Cellos, Strings, Euphoniums, Alto Horns, Trumpets, Saxophones, Clarinets, Flutes, Reeds, Amplifiers, Pro. Sound Systems, Mixers, Digital Pianos, Music Books, Cables & Acc., and much more...

**We also hire professional sound systems**

**IMPORTERS • WHOLESALERS • DISTRIBUTORS of**

K&K Sound, Roland, Sonor, Line 6, Boss, Edirol, Fotmn, Camco, Powerport, LEM, access, Carvin U.S.A., Hohner, GEM, VNG Guitars, Selmer, Leblanc, Bach, Ludwig Musser, Aquarian Drumheads, Evans, Bosphorus, Meinl, Regal Tip, Mitello, Yanagisawa Saxophones, Vandoren, Superial, Antoine Courtois Paris, Buffet Crampon, Besson, Crystal, D'Addario

Products and companies referred to herein are trademarks or registered trademarks of their respective companies or mark holders.

**www.nvgent.com**

# *75 Sena ilu ġiet żgurata l-ħajja tas-Soċjetà...*

f'laqgħa ġenerali tal-membri tal-istess Klabb miżmuma fis-6 ta' Diċembru 1944. Bħala xhieda fuq il-kuntratt kien hemm Salvu Balzan u Giuseppe Camilleri. Rokku Camilleri kien iddikjara li ma jafx jikteb ismu.

Proprju ħmistax-il sena wara, fis-sena 1949 is-Soċjetà ħasset il-bżonn li jibda x-xogħol fuq il-bini tat-tieni sular biex b'hekk illum nistgħu ngħidu li missirijietna ħallewlna Każin mill-isbaħ.

Referenzi:
Lia, Carmen (1960- ) Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997. xvi, 236, p: 29.2ċm. Kap. 7 paġna 81-84.




Il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kif jidher illum armat kif jixraq għall-Festa Titulari tal-parroċċa.

Dolceria
Primavera



CATERERS FOR ALL OCCASIONS

SCHOOL STREET, TARXIEN
TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891

# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580 • Tel: 2168 3834*
*E-mail: kirstenbriffa@hotmail.co.uk*

# Alessio's Old Cottage

## Sub Post Office

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.15am - 12.00pm***
***4.00pm - 7.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***7.00am - 12.00pm***

***Issibu dak kollu li teħtieġu:***
***Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, CDs, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli***

# TROCADERO
## Pastizzeria & Confectionery

**Tel: 2164 7233**

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**



# Lil Santa Marija Patruna tal-Gżejjer Maltin

minn Stefano Farrugia

**M**inn vjaġġ mifni b'tant sikrana
**I**nt dħalt fl-Eden f'jum rebbieħ,
**Ġ**ewwa l-ġenna laqgħek l-għana
**B**'kor ta' anġli b'ferħ qatigħ,
**U** mad-daqq u l-kant fis-sema
**R**ajt il-folla qed tinġema',
**A**ħna magħha nagħtuk ġieħ.

**F**rott imħabbtek spiss ituqna,
**E**minenti w bla taħsir,
**R**aġġ ta' dija tixħet fuqna,
**Ħ**las Int tnissel f'ħsad wisq kbir,
**A**rmonija toħloq fina,
**N**har mil-lejl Int tkun għalina,
**A**lba mlibbsa b'deheb t'ofir.

**N**araw fik il-għelm tat-tjieba,
**B**ogħod mill-ħamba f'talb ħerqan,
**E**lokwenti f'kull imġiba,
**R**etta dejjem u f'kull għan,
**K**emm fis-siegħa tat-tbatija
**U** fil-milja tat-tgawdija,
**K**ollox tagħder fis-serħan.

**S**eddaq fostna l-kult tal-galbu
**U** mit-triq tal-patt il-ġdid
**L**ilna tħalli qatt nitwarrbu
**T**ul mixjitna fit-taqbid,
**A**ħbar tajba Int twasslilna,
**N**ifs ta' faraġ fis tfasslilna,
**A**rja safja tfur bil-ġid.

**M**istur f'ġufek għall-wemmiena
**A**ltar sbejjaħ u grazzjuż,
**T**eżor mogħni bl-akbar ħniena,
**E**difiċju ferm prezzjuż,
**R**iedek Alla medjatriċi,
**N**azzjon tiġbor bħal matriċi,
**A**vukata tkun għall-ġnus.

**P**ort ta' saħħa għat-turufnati,
**A**rka tmewweġ fis-smewwiet,
**T**ilqa' lilna addolorati,
**R**efuġjati mill-imwiet,
**U** mir-raqda primordjali
**N**iksbu s-setgħa fuq kull għali,
**A**rt it-tama ttina l-kwiet.

**M**usbieħ fik isir sabbara,
**A**rtek tnixxi żejt qaddis,
**Ħ**alib w għasel bħal fi xmara,
**B**arka fl-ombra tat-tinġis,
**U**ffiċin ta' duwa driegħek,
**B**ieb miftuħ jgħaqqadna miegħek,
**A**ħwa mgħannqa fl-ort għażiż.

**M**onument għall-pellegrini
**A**bbundanti fl-għerf divin,
**L**ejk jinġibdu s-serafini,
**T**roni, kori w qaddisin,
**I**nti ġejt inkurunata,
**J**istħoqq sew tkun eżaltata,
**A**dorabbli għaċ-ċkejknin.

**M**inqux f'qalbna u f'ħajjitna
**I**smek ħlejju għall-ħolqien,
**M**agħruf jibqa' fi gżiritna,
**L**ehma għammiela għal kull żmien,
**I**nsejħulek għall-matmura
**J**a Reġina w Verġni pura,
**A**tt ta' fidi f'dawl fiddien.

**Q**ima w ħajr dlonk inroddulek,
**D**jarna beraħ ftaħna għalik,
**U**lied ġensna lkoll jgħannulek,
**S**ebħ bla kejl isibu fik,
**I**ssellimlek Malta kollha,
**J**erġa' jfeġġ il-ferħ tal-folla,
**A**rtna llum titgħaxxaq bik!

*l-Imqabba, 13/05/09*




The following are three set menus which one can choose from, as well as one for children's party:

**Neriku** CONFECTIONERY EST. 1969

Neriku Confectionery Ltd. has now been established in the outside catering for more than 35 years. Specializing both in finger food parties, as well as tailor-made meals and different buffet tables, we have a wide range of satisfied clients all throughout the islands.

### Kids Menu
- Ham Sandwiches
- Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Fancy Assorted Cakes

**€1.35 p/p**

### Menu 01
- Ham Sandwiches
- Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Timpana
- Quiche Lorraine
- Canapés
- Shrimp Barquettes
- Stuffed Olives
- Fancy Assorted Cakes

**€3.14 p/p**

### Menu 02
- Ham & Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Oriental Chicken Twirls
- Canapés
- Chicken Vol Au Vents
- Stuffed Eggs
- Ham with Asparagus
- Stuffed Olives
- Meat Balls
- Dips Platter
- Fancy Assorted Cakes

**€4.00 p/p**

### Menu 03
- Ham & Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Spinach Qassatat
- Pizza
- Quiche Lorraine
- Canapés
- Shrimp Barquettes
- Stuffed Olives
- Piped Bigilla on a Tomato Bruschetta
- Oriental Chicken Twirls
- Gammon Slices
- Angels on Horseback
- Fish Balls
- Meat Balls
- Arancini
- Spring Rolls
- Dips Platter
- Fancy Assorted Cakes

**€5.50 p/p**

Prices include VAT. We also supply a vast variety of Cheese Cakes, Souffles, Gateaux and other cakes for all occasions. We hope you find this of interest and for any queries and further details please do not hesitate to contact us.

KW 27A, Corradino Industrial Estate, Paola PLA08, Malta **Tel:** 21 660 505/6/7 **Fax:** 21 660 508 **E-mail:** sales@nerikuconfectionery.com **Web:** www.nerikuconfectionery.com

- Żebgha lixxa ghal barra
- Ma żżommx hmieġ
- Reżistenti ghax-xemx u x-xita
- Għażla kbira ta' kuluri
- Tipproteġi fit-tul
- Tagħlaq ħafna u tinxef malajr




**Ghal aktar taghrif:**
MacMed Limited
P.O. Box 29, Cospicua CSP 01
**Tel** 2182 4101/4 **Fax** 2180 2791
**Email** info@macmed.com.mt
**Website** www.macmed.com.mt



# L-Estensjoni tal-Każin

## *... Il-ħolma li qed issir realtà*

Din is-sena s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qed tfakkar il-75 anniversarju meta s-Soċjetà akkwistat is-sede tagħha fiċ-ċentru tar-raħal. B'hekk ġiet żgurata l-kontinwazzjoni ta' din l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba. Qegħdin ukoll infakkru l-10 sena minn meta s-Soċjetà xtrat il-propjetà biswit l-istess Każin, għaliex f'moħħ il-kumitati dejjem kien hemm il-ħolma li nkabbru l-Każin tagħna u nattrezzawh kif jixtraq għal Soċjetà ta' livell hekk għoli bħal tagħna.

Huwa propju f'għeluq dawn iż-żewġ anniversarji relatati mal-Każin li finalment ingħata bidu għax-xogħol tal-proġett ambizzjuż, dak tal-estensjoni tal-Każin tagħna. Proġett li huwa l-ħolma ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Festa *ad unur* Santa Marija. Ħolma li bil-mod il-mod qed narawha ssir realtà biex fi żmien qasir, propju s-sena d-dieħla, dan il-proġett ikun ir-rigal ta' kull wieħed u waħda minna lejn is-Soċjetà tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-istess Soċjetà.

Wara li kif għedna ġiet akkwistata l-propjetà biswit il-Każin lura għas-sena 1999, il-Kumitat taħt il-presidenza tal-ħabrieki s-Sur Carmel Zahra, fis-sena 2003 ta importanza u prijorità akbar lil dan il-proġett. Il-Kumitat Eżekuttiv iffoka l-aktar fuq il-pjanti u d-disinni tal-Każin (propjetà l-ġdida). Saru diversi diskussjonijiet kemm fil-Kumitat, kemm mas-Sur Vince Centorino li ħa ħsieb id-disinn tal-faċċata, kif ukoll mal-perit tal-Każin, Dr. Edwin Mintoff. Kien kmieni fis-sena 2003 li d-disinni kollha ġew approvati waqt laqgħa ġenerali li nżammet apposta. Però qabel il-laqgħa ġenerali, il-Kumitat iddeċieda li jesebixxi d-disinni kollha sabiex wieħed ikun jista' jara u janalizza kull dettall bil-kumdità kollha. Dan bl-iskop li kulħadd seta' jgħaddi xi suġġerimenti jew opinjonijiet u jsiru modifiki jew alterazzjonijiet jekk il-bżonn. Din l-esebizzjoni ttellgħet mis-Sur Omar Caruana li ħa ħsieb it-tpinġija tad-disinni



F'Ottubru 2008 beda x-xogħol tat-twaqqiegħ tal-bini biswit il-Każin, liema propjetà nxtrat fis-sena 1999.



Dehra minn fuq waqt l-istadju tat-twaqqiegħ tal-propjetà .



Wara li sar ix-xogħol tat-twaqqiegħ, beda x-xogħol tal-iskavar. Fir-ritratt jidher it-tħammil tas-sotterran li ser jintuża bħala workshop.



Dehra oħra minn fuq il-bejt tal-Każin. Ix-xogħol tat-twaqqiegħ kien lest sax-xahar ta' Novembru 2008.

# CTRONICS



Computer Repairs

Computer Servicing

Home Service Calls

Networking

Cartridge Refills

**And Much More items to choose from**

Blue Grotto Avenue, Zurrieq

Tel 21 642744 Fax 21 683662 Email: info@ctronics.com.mt




Ix-xogħol tal-bini beda propju fix-xahar ta' Jannar 2009.


It-taraġ alternattiv fil-proprjetà l-ġdida.

kollha. Matul is-sena 2004 l-Kumitat kompla b'diversi laqgħat u kuntatti kemm mal-perit tal-każin Dr. Edwin Mintoff u mas-Sur Vince Centorino, id-disinjatur tal-faċċata. Ftit xhur wara saru l-applikazzjonijiet neċessarji mal-awtoritajiet konċernati bit-tama li fix-xhur ta' wara jkollna l-permessi kollha meħtieġa f'idejna sabiex meta jkun il-waqt jinbeda x-xogħol. Wara stennija kbira l-pjanti kienu sottomessi għand l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) sabiex tkun tista' tevalwa u finalment tapprova l-proġett tal-Każin. Domna ftit mhux ħażin nistennew l-approvazzjoni, u dan nifhmuh għall-fatt li l-propjetà tinsab fil-qalba tar-raħal fiċ-ċentru tal-pjazza. Imma propju fis-sena 2008 l-permessi kollha ġew approvati mill-MEPA u ma kienx għad fadal wisq x'nagħmlu għajr li kulħadd imidd għonqu għax-xogħol sabiex jingħata bidu għall-estensjoni tal-Każin.

Propju ftit wara li għaddiet il-Festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra, 2008, kif kien ukoll imħabbar aktar kmieni f'Laqgħa Ġenerali, il-Kumitat Eżekuttiv evalwa l-offerti li kellu mingħand diversi kuntratturi bl-għażla finali taqa' fuq Zahra Ltd. Dan mill-ewwel beda x-xogħol ta' twaqqiegħ tal-propjetà eżistenti f'Ottubru 2008 sabiex sa xahar wara kien diġà beda jsir it-tħammil u l-iskavar tal-istess art. Jekk forsi fis-snin ta' qabel kien hemm min kien għadu xettiku fuq dan il-proġett, issa wieħed seta' jara b'għajnejh ir-ritmu mgħaġġel li bih kien miexi dan il-proġett. Il-ħsieb kien li l-ewwel jibda jinbena fuq in-naħa ta' ġewwa u wara nimxu għall-faċċata. Sabiex nagħmlu użu sewwa u totali minn din il-propjetà ġie mħaffer sotterran bl-iskop li jservi ta' *workshop* u maħżen skont il-bżonn tas-Soċjetà filwaqt li fis-sular ta' isfel ikollna sala ikbar li tkompli ma' dik eżistenti u li tkun ikkumplimentata b'bar modern u b'entratura alternattiva aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Fl-ewwel sular ser ikun hemm sala kbira attrezzata bi kċina magħha sabiex tilqa' fiha attivitajiet varji li jiġu organizzati matul is-sena ġewwa l-Każin tagħna. Dan jgħin sabiex is-sala prinċipali eżistenti li hi meqjusa bħala ġawhra artistika fir-raħal, minħabba l-pitturi li fiha, tingħata l-ġieħ li jixirqilha. Fit-tieni sular insibu mbagħad diversi uffiċini li ladarba lesti, għandhom jakkomodaw il-laqgħat regolari tal-Kumitat Eżekuttiv u tas-sotto kumitati kif ukoll ser ikollna *workshops* imdaqqsin. L-iskop aħħari hu li fuq il-bejt ikollna *roof garden* li għandu jakkomoda attivitajiet varji wkoll. Kull sular ser ikun attrezzat b'numru ta' tojlits kif ukoll is-sulari kollha ser ikunu aċċessibbli permezz ta' lift u taraġ alternattiv. Il-faċċata għalkemm dejjem fuq stil ta' dik eżistenti, ser tinżamm kemm jista' jkun sempliċi sabiex il-faċċata eżistenti tal-Każin tibqa' hi li tiddomina l-pjazza tar-raħal. Ix-xogħol ma kienx wieħed faċli anke meta tikkunsidra l-wisa' tat-triq filwaqt li kellhom jintużaw makkinarji żgħar apposta għaliex makkinarju kbir kien impossibbli li jintrama fuq dan il-post. Ġie deċiż li l-istess propjetà ma tidniffidx mill-ewwel mal-Każin eżistenti u dan biex kemm jista' jkun innaqqsu l-inkonvenjent kif ukoll ma ntellfux mill-andament ta' kuljum tal-Każin. Sakemm kien qed isir ix-xogħol fuq is-sulari ta' fuq, voluntiera


Dehra oħra tax-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-proprjetà biswit it-Każin.


Ix-xogħol fuq dan il-proġett kien għaddej b'ritmu mgħaġġel ħafna.


St Peter's Ironmongery
sP
Triq it-Troll, Mqabba MQB 1240
Tel: 21680143, 79499721 Fax: 21685249
Prop. Joseph Farrugia
Fejn issibu:
Drain Pipes u Fittings (Plastic u Asbestos)
Fittings tad-dawl u ta' l-ilma, Cement, Kolla tal-Madum u Grouting, Hand tools, Power tools u aċċessorji oħra Cristalite Kitchen Sinks u Geysers, Ilbies Protettiv u Safety Shoes, Tankijiet ta' l-ilma tal-Fibre, Materjal ta' Kisi u fuq il-Fil.
Issibu wkoll 'il fuq minn 5000 Kulur ta' Żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa. Inħalltuha dak il-ħin.
Qtugħ ta' kull kwalità ta' ċwievet kif ukoll security keys.
• 10% Discount on Paints, Power Tools, Electric & Water Fittings
• Nispeċjalizzaw f'self adhesive signs bħal No Parking, No Smoking, etc...
• Importaturi ta' għodda tad-ditta professjonali CENTURION bi prezzijiet kompetittivi
FREE DELIVERY
Opening Hours: Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 3.00 p.m.


Ta' Frida
Pet & Garden
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba. Tel: 21642693
Vasar
Dog & cat food, tropical fish, aquariums, pets, affarijiet
ghad-delizzju tas-sajd u affarijiet ghall-ġonna

fi ħdan is-Soċjetà bdew xogħol ta' tqattiegħ ta' trinek sabiex tkun tista' tgħaddi s-sistema tal-elettriku u komunikazzjonijiet tal-ilma. Sadattant sar xogħol ukoll fuq il-komunikazzjoni tas-sistema tad-drenaġġ, dejjem minn ħaddiema fi ħdan is-Soċjetà li b'mod volontarju kienu dejjem lesti joffru kull għajnuna. Ix-xogħol ta' tikħil u kisi beda immedjatament sabiex sa Ġunju ta' din is-sena stajna finalment inwaqqgħu l-ħajt li kien għadu qed jissepara l-propjetà l-ġdida minn mal-Każin. Kien mument emozzjonali ħafna meta f'salt wieħed tara l-Kazin jikber daqstant. Wieħed seta' jinnota l-kobor fuq in-naħa ta' wara tal-każin li ser jgħin sabiex il-Każin insebbħuh kif jixraq lil din is-Soċjetà. Sakemm qed jinkiteb dan l-artiklu, ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni wasal fi stadju avvanzat ħafna u jekk il-Bambin irid, ma ndumux ma narawh lest għal kollox. Fil-fatt bħalissa bdiet tinbena l-faċċata tal-istess propjetà.

Fl-aħħarnett ringrazzjament speċjali jmur lejn dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna f'dan il-proġett ambizzjuż. Qed nirreferu għal dawk kollha li offrew l-għajnuna manwali tagħhom b'mod volontarju kif ukoll dawk kollha li ssieħbu f'xi waħda mill-iskemi li nħolqu apposta għall-ġbir ta' fondi b'risq dan il-proġett. Nirringrazzjaw ukoll lil kulħadd għall-koperazzjoni kbira li sibna. Grazzi kbira tmur lejn il-President tas-Soċjetà, il-ħabrieki s-Sur Carmel Zahra u lis-Sur Anthony Farrugia, Direttur tal-Każin, li kienu strumentali ħafna f'dan il-proġett kif ukoll lill-uffiċjali s-Segretarju s-Sur Carmel Ellul u l-Kaxxier is-Sur Carmel Briffa. Grazzi kbira tmur lejn dawk il-benefatturi kollha li offrew l-għajnuna tagħhom b'mod partikulari lil Ballut Blocks Ltd., Elbros Constructions Ltd. u Tar-Robba Ltd., li kollha offrew konkos b'xejn b'risq dan il-proġett. Żgur li din l-għajnuna kollha tkompli timliena b'kuraġġ kbir u tgħina biex ma naqtgħux qalbna f'dan il-proġett ambizzjuż. Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Peter Psaila għall-għajnuna tiegħu fejn tidħol is-sistema tad-dawl u lis-Sur Pawlu Mifsud għax-xogħol ta' tikħil u kisi, kif ukoll lis-Sur Felix Galea u numru ta' żgħażagħ oħra fosthom is-Sinjuri Joseph Briffa, Jeremy Mercieca, Matthew Borg, Matthew Spiteri, Jonathan Mifsud u Roderick Pace, li dejjem sibnihom fejn kien hemm il-bżonn. Nirringrazzjaw ukoll minn issa lis-Sur Andrew Zammit li offra li jpoġġi l-madum tat-tojlits. Hawnhekk nappellaw lil dawk li forsi għadhom ma sseħbux f'xi waħda mill-iskemi ta' ġbir ta' fondi sabiex jikkuntattjaw lil xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv. Kulħadd huwa mħeġġeġ jgħin kif jista'.

Sa sena oħra dan il-proġett mistenni li jkun finalizzat u jkun jista' jitgawda mis-soċi u partitarji ta' Santa Marija kollha. Ejjew flimkien niġbdu ħabel wieħed sabiex dan il-proġett, kif dejjem shaqna, jkun ir-rigal tagħna lkoll lejn is-Soċjetà tagħna f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif uffiċjali ta' din l-Ewwel Soċjetà Imqabbija. Jalla dan il-proġett iservi sabiex is-Soċjetà tagħna tikber u tifjorixxi aktar fil-futur. B'hekk inkunu nistgħu ngħidu li ħallejna s-Soċjetà aħjar minn kif ħallewhielna missirijietna.



Ix-xogħol ta' tikħil, dawl u ilma, u s-sistema ġdida tad-drenaġġ sar kollu minn voluntiera partitarji fi ħdan is-Soċjetà.



Kien mument emozzjonali ħafna meta ġie mwaqqa' l-ħajt li kien għadu qed jifred il-Każin minn mal-proprjetà l-ġdida.



Fix-xahar ta' Ġunju beda x-xogħol fuq il-faċċata.



Dehra oħra waqt ix-xogħol fuq il-faċċata tal-proprjetà l-ġdida.

# ELECTROCARE



25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

T.V. Retailer including
**Plasma & LCD TV's of major brands: Panasonic, Samsung, etc**
Retailer of **Satellite systems, Hi Fi systems, Home Theatre sound systems, car stereos, speakers and digital cameras**



***We also do REPAIRS,***
***specialising in Satellites, T.V.s and Hi-Fi***



# COMPUTER BARGAINS

Computer Systems
Laptops • Upgrades
Repairs • Accessories
Peripherals & Networking

***Andrè Cassar*** *( Director)*

**Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta**
**Tel/Fax: 21667999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: compbargains@onvol.net**
**Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm**



# Programm Strumentali u Vokali mill-Banda Re Ġorġ V

*It-Tnejn, 10 ta' Awwissu 2009 fid-8.45pm*

| | | |
|---|---|---|
| **Innu** | *Lil Raħal Twelidi* | A.Camilleri |
| **Selection** | *Fragments from Symphonies* | Arr. Geo. L. Zalva |
| **Aria** | *Un Bel Di Vedremo mill-Madama Butterfly*<br>Tkanta: Is-Sopran Francesca Farrugia | G. Puccini |
| | **Preżentazzjoni: Bandist tas-Sena** | |
| **Suite** | *Harry Potter Symphonic Suite* | John Williams<br>Arr. Robert W. Smith |
| **Song** | *Cuor 'Ngrato*<br>Ikanta: It-Tenur Joseph Grech | Salvatore Cardillo<br>Arr. Luciano Apap |
| **Civil War Suite** | *The Blue and the Gray* | Clare Grundman |
| | **Preżentazzjoni: Trofew George Martin - Attivist tas-sena** | |
| **Song** | *Granada*<br>Ikanta: It-Tenur George Saliba | Agustin Lara<br>Arr. A. Chircop |
| **Aria** | *Brindisi mit-Traviata*<br>Ikantaw: It-Tenur Arthur Micallef u s-Sopran Francesca Farrugia | G. Verdi |
| **Selection** | *Rapsodia Napoletana*<br>Ikantaw: It-Tenuri Joseph Grech, George Saliba u Arthur Micallef | Arr. Rocco Cristiano |
| | **Preżentazzjonijiet u Diskors tal-President** | |
| **Innu** | *Innu tal-Banda* | A. Camilleri |

**Surmast Direttur**: Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M.. A.Mus. V.C.M. (Hons.) A.L.C.M.

**Preżentatriċi**: Joyce Guillaumier





# Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija

## Programm 2009

### Il-Ħamis, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA – JUM IT-TFAL

**6.00pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xemgħa li jkunu ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata Santa – tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

### MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

### Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu: JUM IL-ĦRUĠ TAL-ISTATWA

**11.00am** Isir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

**7.30pm** Toħrog l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għall-funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda minn fejn il-Każin.

### It-Tnejn, 10 ta' Awwissu: JUM IT-TĦEJJIJA

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Gorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti.

### It-Tlieta, 11 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

### L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

### Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

### Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu: LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. David Agius.

**8.30pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba. Wara jsir marċ qasir madwar it-toroq tar-raħal.

**10.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tesegwixxi Program Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.

## Is-Sibt, 15 ta' Awwissu: L-GĦID TAL-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V ghal darb'ohra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin ghal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taht id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Francesca Farrugia. Wara jsir marċ qasir madwar it-toroq tar-raħal.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Josianne Zammit. Wara, L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V, immexxija minn Mro. David Agius tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 22 ta' Awwissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Gorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.



**Digital Arena**
Computer Centre

**Under New Management since 2009**

**Smart Card Accepted**



**MUCH MORE THAN JUST ELECTRONIC GOODS**



**COMPUTER & LAPTOP ,REPAIRS,UPGRADES & INSTALLATIONS**

**Blue Grotto Avenue Zurrieq**

**Tel:21641762 Mob:79707072 email: info@digitalarena.com.mt**

*To Save Time & Money Use Our Cleaning Products & Services*

***We Offer:***

- Cleaning Service
- Maid Service
- Window Cleaning
- Carpet/Sofa Cleaning
- 1st Time Cleaning
- Office Cleaning
- ... & all other Cleaning

**Omajco Cleaners Ltd.**

11, Rokku Buhagiar Str., Qrendi



*Call for a Free Quote*

Tel: 21 642 343
Fax: 21 641 168
Mob: 99 498 464
www.omajco.net
sales@omajco.net

**Our Cleaning Shops**

**13, Rokku Buhagiar Str., Qrendi (Near Church)**

**Naxxar Road, San Ġwann (Near Church)**



# Funzjonijiet fil-Knisja

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina – Jum it-Tfal**

**6.00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna.
**6.30pm** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka. Mistiedna b'mod speċjali t-tfal.

**Il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju – Jum iż-Żgħażagħ**

**6.30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn **Dun Jonathan Farrugia**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**It-Tnejn, 3 ta' Awwissu – Griżma tal-Morda**

**6.30pm** Quddiesa għall-morda u anzjani tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Imexxi **Patri Karm Zammit O.P.** Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**It-Tlieta, 4 ta' Awwissu Jum l-Għaqda tan-Nar Santa Marija**

**6.30pm** Quddiesa għall-membri tal-Għaqda tan-nar minn **Dun Trevor Fairclough**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**L-Erbgħa, 5 ta' Awwissu Jum it-Tifkira tas-Soċi u Benefatturi**

**6.30pm** Quddiesa kantata b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċi u benefatturi mejtin minn **Patri Joe Zahra O.P..** Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu - Ħruġ tal-Istatwa**

**6.00pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni tal-istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

**It-Tnejn, 10 ta' Awwissu - Jum il-Familji**

**6.30pm** Quddiesa tal-Kwindiċina bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka.

**It-Tlieta, 11 ta' Awwissu – L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**Kan. Michael Camilleri OP.** Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**l-Erbgħa, 12 ta' Awwissu – It-Tieni Jum tat-Tridu**

**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**Kan. Michael Camilleri OP.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu – It-Tielet Jum tat-Tridu**

**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.00pm** Quddiesa solenni mill-**Kan. Michael Camilleri OP.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu – Lejliet il-Festa**

**8.00am** Quddiesa solenni mill-**Kappillan Dun Nazzareno Caruana**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
**6.30pm** Transolazzjoni solenni tar-relikwija, immexxija mimm **Mons Alfred Xuereb.** Wara, quddiesa kantata Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 15 ta' Awwissu – Jum il-Festa**

7.00am, 8.00am Quddies.
**9.15am** Quddiesa Konċelebrata solenni bil-Paniġierku minn **Mons Alfred Xuereb.**
**10.00am** Quddiesa (fil-Kappella ta' San Bażilju).
**11.00am** Quddiesa.
**5.00pm** Quddiesa.
**6.00pm** Għasar solenni mill-**Kan. Dun Mario Agius,** Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess Ċelebrant.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 22 ta' Awwissu – L-Ottava tal-Festa**

**6.30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwija, Te Deum u Barka.

Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea O.P.

**Sagrament tal-Qrar:** Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, lejliet il-Festa, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm


GP
GOLDEN POINT
DISCOUNT STORE
All your daily needs...
In just one Location!
Golden Point Discount Store
Mqabba Square
Contact Darren & Amanda Bonello on 27284109


C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N^OS: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
2300 W
Cuprinol GARDEN
HAMMERITE
DIRECT TO RUST
METAL PAINT
CISA
WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
SILCA



*Mill-Kummissjoni Banda*

Is-Sur Chirstopher Spiteri

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Għaddiet sena oħra, sena ta' ħidma għas-Soċjetà, sena ta' ħidma wkoll għall-Banda Re Ġorġ V. Bħas-soltu permezz ta' dan l-artiklu ser nagħtu rendikont tal-impenn li l-Banda tas-Soċjetà Santa Marija kellha matul din l-aħħar sena.

Is-sena 2008 offriet ukoll bħas-snin preċedenti sfidi ġodda għall-Banda. Minbarra s-servizzi li l-Banda kellha f'bosta rħula, naturalment il-qofol jintlaħaq dejjem fil-jiem tal-Festa.

Nafu kemm il-Banda tagħna tkun impenjata matul din il-ġimgħa u s-sena l-oħra ma kinetx xi eċċezzjoni. Fil-fatt minbarra s-servizzi tal-marċi li jibdew minn Ħruġ il-Vara u jintemmu fil-marċ tradizzjonali ta' nofsinhar, fid-9 t'Awwissu kellna l-Programm Mużikali. Programm li kien imżewwaq b'attrazzjoni mużikali permezz tal-*bag pipes* u s-Soprana Mqabbija Francesca Farrugia.

Però bla dubju, iż-żjara fostna tal-Banda Taljana minn ġewwa Cave, viċin Ruma, għal matul il-ġimgħa kollha tal-Festa kienet kif ngħidu "ċ-ċirasa fuq il-kejk". Fil-fatt kienet esperjenza oħra unika kemm għalina kif ukoll għat-Taljani li flimkien qsamna esperjenzi kulturali u dawk mużikali. Dan kollu grazzi għas-Sur Alfred Galea, bandist attiv kif ukoll membru fil-kummissjoni banda.

Appena għaddiet il-Festa, l-attenzjoni tal-kummissjoni u s-Surmast waqgħet fuq avveniment ieħor fejn ġew imfakkra l-10 snin mill-għoti tal-Unur "Les Etoiles d'or du Jumelage" u l-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

Dan sar permezz ta' Kunċert Sinfoniku ġewwa l-awditorjum fl-iskola primarja tal-Imqabba fil-15 ta' Novembru 2008.



Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Mro. David Agius, fuq il-planċier artistiku.

Serata oħra memorabbli li b'tiżwieqa ta' *features* u mużika, quddiem sala litteralment ippakkjata, fakkarna ftit mill-istorja glorjuża riċenti tas-Soċjetà tagħna. Wara li kellna ftit jiem ta' mistrieħ, mill-ġdid beda jitfassal programm għal sena oħra.



Il-Banda Re Ġorġ V waqt l-akkumpanjament ta' Dun Jonathan Farrugia, qassis novell, fl-okkażjoni tal-ewwel quddiesa tiegħu fl-Imqabba.



Programm Vokali u Strumentali li ġie mtella' ġewwa s-sala tal-iskola Primarja tal-Imqabba nhar il-15 ta' Novembru 2008 sabiex jitfakkar l-10 sena mir-rebħ tal-unur uniku u presiġġjuż Les Etoiles d'Or du Jumellage kif ukoll il-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



Is-Surmast Mro. David Agius jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V waqt programm li sar fil-ftuħ tal-wirjiet La Semana Santa u ċ-Ċenaklu Haj organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ.




GasanMamo
INSURANCE
*We're always there*

Tied Insurance Intermediary, Joseph Busuttil, FrankJoyce, Zurrieq Road, Safi ZRQ 11
Tel: 21 682 095 / 27 682 095, Fax: 21 682 095, E-mail:jbs16@hotmail.com
opening hours : mornings 9.00 to 12.15 • evenings 16.00 to 19.00 • wed & sat 9.00 to 13.00

Head Office: Msida Road, Gzira GZR 1405, Malta
Tel: 21 345 123 Fax: 21 345 377
insurance@gasanmamo.com | www.gasanmamo.com

GasanMamo Insurance is authorized to carry on business of Insurance regulated by the MFSA

Fix-xhur tax-xitwa komplejna bir-*rehearsals* sabiex nippreparaw għall-programm strumentali annwali tal-Festa u okkażjonijiet oħra. Fl-1 t'April 2009, fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ, ittella' programm sinfoniku fuq tema reliġjuża, għall-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja "La Semana Santa" u tal-ewwel Ċenaklu Ħaj.

Serata oħra, fejn minkejja t-temp kiesaħ, intlaqat ferm tajjeb b'għażla ta' mużika għall-okkażjoni. Matul dawn l-aħħar ġimgħat komplejna bil-preparamenti għall-programm strumentali li għandna għall-Festa.

Qabel ma ntemmu dan l-artiklu nagħmel appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin tagħna.

Inħeġġeġ ukoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena nagħmlu daqsxejn sforz u nkunu aktar regolari fir-*rehearsals*. Nifhem li ħafna mill-bandisti huma impenjati, min b'xogħol u min bi studju, u napprezzaw mhux ftit is-sagrifiċċji li kull wieħed jagħmel. Però huwa permezz ta' hekk li l-livell tal-Banda jiżdied.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi bħas-soltu nistieden lil kulħadd sabiex matul il-jiem tal-Festa nakkumpanjaw il-baned kollha, b'mod speċjali nistedukom sabiex tattendu għall-programm strumentali ta' nhar l-10 t'Awwissu.

**Viva l-Banda Re Ġorġ V.**



Is-sorpriżi waqt il-programm annwali tal-Festa ma jonqsux. Fir-ritratt jidhru l-bag pipes li akkumpanjaw il-Banda Re Ġorġ V.



Il-Banda Re Ġorġ V waqt wieħed mis-servizzi tagħha ġewwa Ħaż-Żabbar fil-festa ad unur il-Madonna tal-Grazzja.



Il-Familja Farrugia tippreżenta strument mużikali lill-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba rappreżentata mis-Sur Chris Spiteri f'isem il-Kummissjoni Banda.



Is-Sur Antoine Farrugia jidher jirċievi l-premju 'Bandist tas-Sena' mingħand is-Sur Rokku Camilleri, ġentilment sponsorjat minn Di Rocco Ltd.



# Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin

*Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-Każin kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.*

**ALBERT ABELA**

Arcadia,
Gilbiena Street,
Żabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:* **1.** Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting

**2.** Furniture Mouldings

**3.** Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size

**4.** Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood (Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**

# Velton Ltd

## Għad-dilettanti tal-Festi

**Lampi tal-Kulur u Çari**

**15 watts u 25 watts**

**Mob: 9949 7336**



# Il-Qanpiena l-Kbira

*Tifkiriet*

kitba tas-Sur Joseph Farrugia
Storiku

Saret regola li kull sena jasalli l-Programm tal-Festa Santa Marija ta' raħal twelidi, malli ħriġna iżda dan ikun aktar rapport estensiv tal-ħidma tas-Soċjetà matul l-aħħar sena b'tiżwieqa sabiħa ta' dokumenti storiċi li jinteressawna mill-qrib u kitbiet oħra ta' min japprezza.

Fil-Programm tas-sena 2007, l-attenzjoni tiegħi waqgħet fuq artiklu miktub mis-Sur John Zammit, bit-titlu 'Il-Ġublew tad-Djamanti tal-Qanpiena l-Kbira'. Kien ġust u xieraq li John ifakkar dan l-avveniment ladarba l-benfatturi u protagonisti fl-istorja tal-qanpiena kienu bużnannietu, Mikiel Zammit u martu Giovanna.

La minn kitbiet oħra Mikiel Zammit hu magħruf sew fl-istorja tal-qanpiena u donazzjonijiet oħra ta' importanza storika, għażilt li l-ewwel nippreżentah kif nafu jien.

Fil-ħajja Mikiel kien miżżewweġ lil Giovanna, xebba Inguanez, u kellhom żewġ subien, Lorenzu u Giovanni, u tifla, Mudesta. Bid-dar kienet fi Triq Valletta, l-Imqabba. Kien ta' statura kemmxejn twila u mżejjen b'korporatura sabiħa u mgħaddma.

Il-ħidma prinċipali tiegħu kienet ta' bidwi u kien jaħdem fil-ħafna raba' l-iktar fi Triq it-Torri, l-Imqabba, in-naħa magħrufa bħala d-'Dibdieba', li llum tagħmel parti mill-ajruport. Jidħol għal dan il-qasam minn razzett ta' sular wieħed u għorfa. Hawn Mikiel kien iżomm l-għodda tar-raba', il-bhejjem u mgħalef. Ma kienx irabbi bhejjem għas-sinna. Ma nafx kemm il-tomna raba' kien jikkultiva f'dan is-sit u għelieqi oħra madwar ir-raħal; żgur li l-ammont kien sostanzjali. Biex ilaħħaq max-xogħol kien jimpjega n-nies miegħu skont l-istaġun.

Niġi issa għal dak li naf dwar il-qanpiena. Ħruġ mill-iskola wara nofsinhar mal-wasla tagħha fir-raħal, bqajna sejrin narawha fuq iz-zuntier mal-ħajt ħdejn il-bieb tal-kappellun tal-Agonija poġġuta fuq il-karru b'roti tal-ħadid li nġarret fuqu mill-Marsa għar-raħal.

F'jum it-tlugħ tagħha fil-kampnar nhar it-3 ta' Jannar 1932, missieri u ommi ħaduna naraw il-funzjoni. L-ewwel dħalna l-knisja u fil-korsija kien hemm statwa mżejna b'ħafna fjuri u xemgħa tixgħel. Fuq iz-zuntier, sewwa sew wara l-istatwa ta' Sant'Andrija – illum Santu Rokku – kien hemm il-qanpiena mdendla bejn żewġ pilastri mżejna bil-palm u liedna tar-rand.

Monsinjur Arċisqof Don Maurus Caruana O.S.B., flimkien mal-kleru, wara li bierek il-qanpiena, ġibed l-ewwel tokk. Warajh, bir-raġun kollu, kien imiss lil Mikiel, il-benefattur tagħha. Wara din il-funzjoni l-qanpiena tbaxxiet u nġibed ir-ritratt popolari ta' Mikiel ippożat mal-qanpiena. Ir-ritratt inġibed minn Mikiel Ellul, fotografista mill-Imqabba. Dawn kienu ħbieb ħafna u billi Ellul kellu ħanut ta' skarpan mad-dar tiegħu fi Triq Valletta, Mikiel kien iħobb iqatta' xi ħin liberu hemm. Dan ir-ritratt kien iżommu esponut fil-ħanut ma' oħrajn u kalendarju ta' mitt sena.



Mikiel Zammit, magħruf bħala 'Il-Mejlaq' li flimkien ma' martu Giovanna kienu l-benefatturi tal-qanpiena l-kbira li nsibu ġewwa l-Imqabba.

Miz-zuntier, in-nies issa mxiet wara l-qanpiena biex jingħata l-bidu tat-tlugħ tagħha fil-kampnar. B'irġiel fuq il-ġbid tal-ħbula, l-qanpiena bdiet tielgħa bil-mod il-mod. Meta waslet għoli ta' xi sular u nofs, it-tlugħ twaqqaf minħabba mal-funzjoni tal-apparat. Issa Innoċenzo Psaila li kien mal-kuruna tal-qanpiena, niżel l-art ma' ħabel maħsub għalhekk minn qabel waqt li l-qanpiena bdiet nieżla bil-mod.

Billi issa bdiet traxxax ix-xita, ommi ħaditna fid-dar ta' ħuha, iz-ziju Ġużepp Ellul B.E.M. – illum hemm każin – minn fejn stajna nkomplu naraw x'kien qed isir. Għadni nara lil Toni Borg u Ġużeppi Facciol jispezzjonaw mill-viċin buzzell ankrat mal-ponta tal-kampnar. Meta deher li x-xogħol ser jieħu fit-tul u kien sar ħin l-ikel, ommi ħaditna d-dar.

Fil-għaxija, meta kien diġà dalam, missieri rritorna d-dar ferħan u bi tbissima fuq wiċċu u b'ton ta' sodisfazzjon qalilna; '**Il-qanpiena lesta, tellajniha fil-kampnar**.'

L-għada, it-Tnejn, meta skolajna fil-11.30, jien u oħti Marija ma' tfal oħra bqajna sejrin naraw il-

# MARCON'S
## HAIR SALON

**Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba**



**Opening Hours:**
Tue-Fri: 09.00am–06.00pm
Sat: 08.00am–07.00pm
*Monday closed*







**Tel: 27602437 Mob: 79602437**





# Reborn
## BAR

Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)

**We specialize in**
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks

Tel 21224921

*Open on week days from 6.00 am onwards*

qanpiena fil-bokka tal-kampnar u żewġ suldati jimmarniġġjaw ħbula mal-qanpiena.

Tajjeb inżid li l-armar biex tittella' l-qanpiena kien żarmat u l-misraħ kien kwiet bħas-soltu waqt li fl-Imqabba kienet ġurnata normali tax-xogħol.

Hu magħruf li Joseph Busuttil, imwieled Ħal Safi, miżżewweġ u joqgħod l-Imqabba, ħa sehem fit-tlugħ tal-qanpiena.[1] Bil-ġenerożità u l-imħabba tagħhom lejn raħal twelidhom, Mikiel u martu Giovanna Zammit ħallew lill-Imqabba sinjura aktar milli sabuha.

[1] C. Lia B.Educ.,B.A., Programm Festa Santa Marija 1995 p.43



Is-Sur Pawlu Farrugia, missier is-Sur Joseph Farrugia, ex-President u l-awtur ta' dan l-artiklu, li kien ukoll inovlut fit-tlugħ tal-qanpiena.



Joseph Busuttil, li hu magħruf li ħa sehem fit-tlugħ tal-qanpiena l-kbira. (Hajr Agnes Busuttil).

Starbrite
Dry Cleaning
Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 2168 3367

TAKE OFF
Bar & Restaurant
St. Thomas Road, Luqa
Tel: 2180 0243
Inservu kull kwalità ta'ikel bi prezzijiet moderati.
Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chickens u anke laħam taż-żiemel



Jaguar

Men's wear



Carmelo Caruana, Żurrieq
21647761

Pantera
Fashion Wear

Blue Grotto Avenue, Żurrieq
21647460



# L-influwenza tal-aħwa Ghigo fl-Iżvilupp tal-Qniepen Maltin fis-Seklu Għoxrin

© kitba tas-Sur Kenneth Cauchi
B. Cons. (Hons.) Mtls, Stn, Cer & Gls
Kampanologista

Inkiteb numru sostanzjali ta' materjal dwar il-qniepen tal-Imqabba u dan bir-raġun għax huwa fatt magħruf li l-qniepen tagħna huma fost l-aktar melodjużi li għandna fi gżiritna. Tikteb kemm tikteb tasal f'punt fejn tibda tgħid l-istess affarijiet, għaldaqstant f'dan ir-rigward ser nagħti perspettiva differenti lejn il-kampanoloġija, dejjem b'riferenza diretta u indiretta lejn l-Imqabba.

Għandi nifhem li m'humiex ħafna dawk l-Imqabbin li jafu li t-toroq imsemmija għall-aħwa Ghigo u Mikiel Zammit huma marbutin mill-qrib mal-qniepen tal-Knisja Parrokkjali. Biex inkunu aktar preċiżi, skont studju li sar riċenti nistgħu nżidu li tal-ewwel huma marbuta ma' diversi qniepen li ma humiex go l-Imqabba imma jinsabu f'diversi kampnari li għandna f'Malta filwaqt li tal-aħħar, ir-rabta tiegħu tibda u tispiċċa mal-qanpiena l-kbira tagħna biss.

Biex wieħed jagħti daqsxejn ta' introduzzjoni, l-aħwa Monsinjuri Giovanni Battista u Angelo Ghigo – it-tnejn Imqabbin - kienu parzjalment responsabbli għall-iżvilupp kampanoloġiku Malti fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, u baqgħu jżommu pożizzjoni rispettabbli f'dan il-qasam tal-anqas sa nofs is-sittinijiet fejn insibu dokumentat li ħallsu għall-qanpiena għall-Knisja tal-Imqabba.[1]

L-aħwa qassisin huma mgħarufa li kellhom widna għall-mużika, u dan jidher mill-fatt li kif laħaq kappillan ta' Ħal Safi Dun Ġwann Battista, waħda mill-ewwel opri li għamel kienet is-sett ta' erba qniepen melodjużi li sal-lum għadhom jintużaw ġo Ħal Safi. Dawn il-qniepen tfondew fl-1920 mill-Fonditur *Prospero Barigozzi* ta' Milan li f'dak iż-żmien kien ġmielu mħabbat b'diversi kummissjonijiet ta' qniepen ġodda għal Malta.[2] Interessanti huwa l-fatt li din kienet tista' tgħid waħda mill-ewwel ordnijiet għall-*Barigozzi* wara li fonda l-ewwel sett tiegħu fl-1912 għall-Parroċċca tat-Trinità l-Marsa.

Għandna nifhmu li l-iskala mużikali ta' Ħal Safi nghatat lill-*Barigozzi* minn Dun Ġwann Battista nnifsu għax il-prinċipju tal-kunċert maġġur jibqa' jidher f'diversi qniepen oħra kif ser naraw aktar 'il quddiem wara l-qniepen ta' Ħal Safi, *Barigozzi* tista' tgħid li ma waqaf qatt minn xogħol ta' qniepen għal Malta.[3]

Il-bidu tas-seklu għoxrin ġab miegħu taqlib kbir f'dak li huwa ikkummissjonar ta' qniepen ġodda. Fl-1922 insibu lill-*Barigozzi* jagħmel tal-Qala, fl-1925 l-ex-Kappillan tal-Imqabba Dun Kalċidon Schembri bħala Kappillan tal-Imsida jikkummissjona l-Funderija *Angelo Bianchi* ta' Varese biex jagħmlu l-qanpiena l-kbira ta' dan il-lokal.[4] Fl-1928 nerġgħu nsibu lill-*Barigozzi* jagħmel il-qniepen ta' Ħal-Luqa, fl-1930 dawk tal-Għasri, u fl-1931 il-qanpiena l-kbira tal-Imqabba, il-qniepen ta' Savina fir-Rabat Għawdex, iż-żgħira ta' San Lawrenz ukoll f'Għawdex, u l-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara.[5]



Ritratt ta' tifkira tal-benefattur Mikiel Zammit, il-Mejlaq, mal-qanpiena l-kbira.

Il-fatti jindikaw li meta saret il-qanpiena l-kbira tal-Imqabba, direttament jew indirettament xi ħadd (għandi nifhem Dun Ġwann Battista) mill-aħwa Ghigo kien imdaħħal żgur. Wieħed irid iqis li qanpiena tal-kobor bħal ma hija tar-raħal kienet deċiżjoni kbira wisq biex il-kappillan ma jiddiskutihiex ma' Dun Ġwann Battista li kien diġà kellu x'jaqsam ma' *Barigozzi* fil-qniepen ta' Ħal Safi. Jekk kienx responsabbli mill-intonazzjoni mużikali tal-kbira ma nafux, imma għandna nifhmu li ta l-approvazzjoni tiegħu għaliha għax il-qanpiena għalqet il-qniepen mużikalment fi skala maġġura fis-Si naturali.[6]

Il-Kbira tħallset minn Mikiel (il-Mejlaq) Zammit u martu Giovanna benefatturi kbar Imqabbin,[7] li bosta anzjani saħansitra anke dawk mill-Qrendi għadhom jiftakruhom.[8] Sena wara saret il-qanpiena ż-żgħira, ukoll xogħol *Barigozzi*, però din id-darba tħallset minn Mikiel (iż-Żubu) u martu Antonia Xuereb.[9] Ta' min jinnota li min niseġ l-iskrizzjoni latina għal dawn iż-żewġ qniepen huwa l-istess persuna minħabba x-xebħ kbir tal-mod kif jirreferi lejn il-benefatturi. Kontemporanjament,

# SKIP HIRE




***Mini Skip Service also available***

***Leli Camilleri***

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468



# Azzopardi Interiors

*For all type of Gypsum work*

*George Azzopardi • Tel: 9988 4368*



- *Wall Lining*
- *Soffits*
- *Gypsum Ceilings*
- *Bulk Heads*
- *Partitions*
- *Gypsum wall units*
- *Covings*
- *Painting*

saċerdot Imqabbi ieħor Dun Innocenz Zammit ikkummissjona ħames qniepen għall-Knisja tal-Imsida lill-Funderija *Bianchi* msemmija aktar 'il fuq.[10]

Fl-aħħar tas-snin erbgħin u l-bidu tal-ħamsinijiet Dun Anġ Ghigo nħatar Arċipriet tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana u matul din l-Arċipretura, insibu lil Dun Anġ jeħodha qatta' bla ħabel ma' xi Furjaniżi li riedu jinstallaw qanpiena li mużikalment ma kinitx tikkumplimenta lill-qniepen l-oħra eżistenti fil-Furjana.[11] Ghigo nsista li l-qanpiena ma kellhiex titla' fil-kampnar ġaladarba n-nota ma kinitx dik li ried hu u għaldaqstant niltaqgħu ma' ġlieda legali li għal ftit ma spiċċatx ukoll bl-idejn fil-qrati ta' Napli – kwistjoni li karkret għal iktar minn erba' snin u li ntemmet b'wiċċ il-ġid tul l-Arċipretura ta' wara, taħt Dun Anton Debono.[12]

F'nofs il-ħamsinijiet l-aħwa Ghigo nħatru Monsinjuri tal-Katidral, u hawnhekk insibuhom jagħtu l-pariri tagħhom biex fil-Katidral tal-Imdina jiġu installati żewġ qniepen waħda Kbira u oħra żgħira, it-tnejn bin-nota ta' Si be molle u fonduti minn-Barigozzi.[13] Iż-żewġ qniepen ġew ikkonsagrati mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1958 bi tħejjija għaċ-Ċentinarju Pawlin tal-1960.[14]

Kien proprju fl-1965 matul il-Parrokkat tal-Kappillan Dun Karm Bianco li l-aħwa Ghigo offrew li jagħmlu tajjeb għat-tfondija ta' qanpiena ġdida biex tieħu post qanpiena mixquqa. L-imħabba li kellhom dawn l-aħwa li għamlu isem, tidher tajjeb fl-iskrizzjoni Latina li teżisti fuq il-qanpiena *'hvivs vero terrae nativi amantissimi'* . Il-qniepen tal-Imqabba għadhom sal-lum jindaqqu b'galbu liema bħalu minn grupp ta' voluntiera ddedikati li magħhom għad hemm waħda min-neputijiet tal-aħwa Ghigo, li taw kontribut mill-aktar siewi fl-iżvilupp tal-Kampanoloġija tas-seklu għoxrin.

B'dawn l-erba' kelmiet nistgħu naraw kemm dawn l-aħwa Mqabbin kellhom sehem importanti kemm fit-tiswir tal-qniepen tar-raħal stess kif ukoll dawk ta' rħula oħra. Bir-raġun mela li l-qniepen tagħna huma mużikalment meqjusa fost l-aktar qniepen notevoli li għandna fil-kampnari Maltin.



Il-qanpiena l-kbira waqt li kienet qed tittella' fil-kampnar tal-Knisja.

© Kenenth Cauchi 2009

1 … *aes hac in tvrri sonans concentvm div complebat Sacc. Joan Bapt. & Dr. Ang. Fratres Ghigo Ecclae. Metrop. Cann. Capit, hvjvs vero terrae native amantissimi* … skrizzjoni fuq it-tielet qanpiena tal-Imqabba.

2 Fost il-qniepen li fonda Barigozzi tista' tgħid kontemporanjament ma' ta' Ħal Safi nsibu dawk tal-Qala Għawdex u ftit wara dawk tal-Bażilika ta' San Ġorġ ir-Rabat Għawdex ukoll, u tal-Mellieħa.

3 Din hija biss teorija ta' min qed jikteb u qiegħda tingħad mingħajr provi.

4 Calleja J. *l-Imsida l-Bieraħ u Llum*, Veritas Press, 1990.

5 *La Fondera Fratelli Barigozzi*, Nexo Milano, 2006.

6 Dawn kollha huma probabbiltajiet mibnija fuq ideat ta' min qiegħed jikteb u jistgħu faċilment jaqgħu meta ffaċċjati minn dokumenti serji li jiċħdu dan.

7 *Michaelis et Ioanne Conivgvm Zammit hvjvs pagi mvnificorvm filiorvm*……… skrizzjoni fuq il-qanpiena l-Kbira tal-Imqabba.

8 Informazzjoni verbali mogħtija lili min qed jikteb fl-1997 minn Benna Aquilina mill-Qrendi.

9 Sal-lum il-qanpiena ż-żgħira għadha magħrufa bħala 'iż-Żubu'.

10 Calleja J. *Ibid.* Bħala Mqabbi Zammit żgur li kien sema' li Barigozzi ħadem tal-Imqabba imma probabbli għażel li jibqa' ma' Bianchi biex jimxi fuq il-passi tal-mejjet Dun Kalċidon Schembri u l-qniepen, ikunu kollha mill-istess funderija. Jista' jkun ukoll li Bianchi kien orħos minn Barigozzi.

11 Agius A. *Tgħarif dwar il-Qanpiena l-Kbira tal-Furjana,* (undated)

12 *Ibid*.

13 Informazzjoni verbali mogħtija lili min qed jikteb fl-2001 minn Tereża Ghigo.

14 *Sonat primitus mea vox svb Archiepiscopatvm Michaelis Gonzi* … skrizzjoni fuq il-qanpiena l-Kbira tal-Katidral.



REA

CERAMICS LTD

# Suppliers & Manufacturers of Bathroom Fittings

*Għall-orħos prezzijiet fis-suq*

76, Birżebbuġa Street, Birżebbuġa
• Tel: 2165 1583 • Mob: 7965 8539
E-mail: acholdings@camline.net.mt
• www.reaceramics.com



# Lil Santa Marija

minn Roberta Mallia





Sa minn mindu kont jien ċkejkna
Minn dejjem għaraft inħobbok
U ġor-raħal ridt nitrabba
Li jġib l-isem tal-Imqabba.

Raħal ċkejken għalih waħdu
B'toroq dojoq imserrpin
dedikat għal Marija Assunta
maħbuba mill-Imqabbin.

Li kieku verament kont nista'
Niġi ħdejk ma nitlaq qatt
Nagħmel parti mill-Imqabba
Nkun milqugħa minn kulħadd.

Għalkemm naf li mhux possibbli
Qalbi ma rrid naqta' jien
Nibqa' nqimek minn ġo posti
Sa ma forsi jiġi ż-żmien.

O Madonna Omm ħanina
Ħares dejjem l-Imqabbin
Mill-problemi ta' din id-dinja
Minn kull xorta ta' tfixkil.

Sa ma tiġi dik is-siegħa
Nibqgħu dejjem inqimuk
Qatt ma nieqfu mill-imħabba
Qatt ma naslu li niċħduk.

Bis-sbuħija Int mimlija
Int l-eżempju ta' kull omm
Tant magħrufa u maħbuba
Tifħir joħroġ minn kull fomm.

Qed nitolbok jien bil-ħniena
Sabiex tilqa' din it-talba
Li fiż-żmien mhux wisq imbiegħed
Inkun parti mill-Imqabba.

Issa fl-aħħar u mhux lanqas
Għal darb'oħra qed nitolbok
Ilqa' din il-bewsa ċkejkna
Mingħand bintek li tant tħobbok.

Birkirkara
16-07-09

Planning a party?

# PISCOPO'S CASH & CARRY

can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!

All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**



# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933



*Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa*

Is-Sinjorina Frangiska Ghigo
Presidenta tas-Sezzjoni

# Insebbħu l-Palazz Maestuż tagħna

Reġghet ghaddiet sena oħra. Kif itiru x-xhur! Awwissu reġa' wasal, xahar li nkunu qed nistennew bl-akbar ħerqa biex fih niċċelebraw bl-akbar pompa l-Festa Universali tal-Patruna tal-Gżejjer Maltin u b'mod speċjali tar-raħal għażiż tagħna l-Imqabbin li hija Santa Marija.

Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' ħidma fejn fiha komplejna b'ħafna attivitajiet biex niġbru l-fondi li tant huma meħtieġa biex tmexxi Soċjetà bħal tagħna, speċjalment din is-sena fejn qed isir il-bini fuq l-estensjoni tal-Każin li ser ikompli jkabbar u jsebbaħ il-Palazz Majestuż tagħna.

Din is-sena wkoll il-fergħa tagħna ser terġa' taghti somma sabiħa b'risq il-bini tal-Każin il-ġdid, somma li ġiet b'ħafna ħidma u sagrifiċċju speċjalment min-naħa ta' xi wħud bħ al ngħidu aħna s-Sinjura Doris Camilleri li hija l-iżjed persuna fostna li tħabbrek biex tbigħ il-biljetti u tiġbor in-nies ghal kull attività. Hawnhekk filwaqt li nirringrazzja minn qalbi lil Doris, nirringrazzja lill-membri l-oħra kollha li lkoll ħadmu biex din is-sena organizzajna attivitajiet iżjed minn snin oħra bħal *afternoon teas* f'xi Ħdud wara nofsinhar fejn għalihom kienu jattendu ħafna partitarji. Ringrazzjament speċjali jmur għall-i*sponsors* li huma: Ta' Frida Pet & Garden li tana pjanta sabiħa għal kull *coffee morning*; La Piccola taż-Żurrieq li wkoll tana xi affarijiet għal kull *afternoon tea* flimkien ma' Beauty Lab by Ritienne Agius li tatna xi *vouchers* li dawn kollha ma' xi affarijiet li kienu jagħtuna xi wħud mill-istess fergħa, konna nagħmluhom lotteriji biex dejjem konna nżidu mal-qligħ li kien jibqa' b'risq il-Każin.

Nirringrazzjaw fuq kollox lill-partitarji u soċi li dejjem sibnihom għal kull attività li organizzajna u nappellaw li jibqgħu jagħmlu hekk għal li ġej. Nirringrazzjaw lil xi wħud mill-fergħa li jagħmlu sagrifiċċju biex inaddfu l-Każin tagħna. Nappellalkom biex jekk jogħġobkom nieħdu sehem f'kull attività li tiġi organizzata kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-Knisja kif ukoll l-attivitajiet esterni, filwaqt li nuru ċerta serjetà.

Nixtieq nagħmel appell lil kulħadd biex f'dawn il-Festi li ser niċċelebraw nersqu aktar lejn Alla biex b'hekk nagħtu glorja lil Ommna Marija li tant hija għażiża għalina. **Viva Marija Assunta, Patruna tal-Imqabbin kollha**.



Il-Kumitat il-ġdid tas-Sezzjoni Nisa fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba.



Waħda mill-attivitajiet regolari tas-Sezzjoni Nisa hija żjara lil ħutna anzjani Mqabbin ġewwa San Vinċenz de Paule.


Everything you need
for your home and family
JB
DEPARTMENT
STORES
Open all day
tel: 23314301
Iklin
Gallarija, Fgura
Hamrun
www.jbstores.com



# Trofew Chev. George Martin
## A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.

*(L-attivist tas-Sena 2008)*

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur tal-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu ddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn għall-impenn u ħidma matul is-sena.

Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għal din is-sena kien fil-fatt is-Sur Benjamin Camilleri. Dan l-unur ġie ppreżentat nhar id-9 ta' Awissu 2008 mill-familja Martin innifisha waqt il-Programm Annwali u Strumentali li l-Banda Re Ġorġ V esegwiet fil-pjazza quddiem il-Każin.

Benny, kif inhu aktar magħruf magħna, sa minn ċkunitu kellu għal qalbu s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Festa ta' Santa Marija. Minn dejjem kien attiv f'diversi oqsma fi ħdan is-Soċjetà. Għal diversi snin, Benny kien anke membru fil-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll ta s-sehem tiegħu wkoll fis-Sezzjoni tan-nar tal-art.

Benny kellu sehem kbir fil-bini tal-maħżen li tippossiedi s-Soċjetà kif ukoll fis-sala, li kien ukoll għaddielha s-sistema tad-dawl. Dan l-aħħar snin l-attenzjoni kollha ta' Benny kienet fuq proġett ambizzjuż li s-Soċjetà ħasset li kien hemm bżonn. Il-Banda Re Ġorġ V dejjem kien jixirqilha jkollha pjattaforma jew aħjar planċier artistiku sabiex minn fuqu tesegwixxi l-programmi tagħha.

Benny kien sa mill-bidu nett involut f'dan il-proġett u nistgħu ngħidu li ntefa' b'ruħu u b'ġismu sabiex din il-ħolma titwettaq u ssir realtà.

Grazzi għall-ħidma bla heda u kontinwa tiegħu, nistgħu ngħidu li ninsabu fil-fażi aħħarija sabiex fi ftit żmien ieħor naraw din l-opra artistika kompluta tiddomina l-pjazza tar-raħal.

Kienet propju din id-dedikazzjoni kbira lejn dan il-proġett li wassal biex is-Soċjetà tirrikonoxxi u tonora l-ħidma kbira ta' Benny. Mill-ġdid prosit Benny u nawgurawlek aktar ħidma b'risq is-Soċjetà tagħna li tant għandek għal qalbek u tant tħobb.



Is-Sur Benjamin Camilleri jidher jirċievi l-premju 'Attivist tas-Sena' mingħand il-familja Martin.



Dehra tal-Banda Re Ġorġ V fuq il-planċier artistIku.

MOTOR | TRAVEL | YACHT | SHOP | HOME




Elmo Insurance Ltd is authorised to carry on business of Insurance, regulated by the MFSA.

There are many ways to protect your car. Unfortunately they do not all work. Protecting yourself against risk should not be left to chance. When it comes to insurance there's only one way to go - the safe way.

**Elmo Insurance. That secure feeling.**

Elmo
INSURANCE

**Elmo Insurance Ltd**
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex, MSD12
**Tel: 234 30000**
Fax: 2134 5037
elmo@elmogroup.com
www.elmogroup.com

Authorised Sub-Agent : Andrew Camilleri
BELLIZZI SERVICES LTD: 88, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq
Tel: 21642519 Fax: 21689791
Email: bellizziservices@gmail.com

# SCICLUNA FLORIST

*Garden Centre*

***Specializes in:***

*Flower Arrangements for Weddings,*
*Holy Communion etc.*
*Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,*
*Fresh Plants and Fruit Trees.*

**Bronja Street, Żurrieq – Tel: 2164 9621**



# Int Marija Sabiħa Wisq

kitba ta' Chev. Carmel Bianchi



Int Marija Sultana rebbieħa
fuq il-ħażin ukoll fuq kull dnub
ebda tebgħa ma għandek ta' ħtija
għax hekk jixtraq 'l Omm Alla l-maħbub.

Int fawwara ta' xita ta' grazzji
li tħobb tqassam bil-ferħ lill-bnedmin
għandek niġu f'kull ħtieġa li jkollna
għaliex nafu li niġu mfarrġin.

Int Marija żagħżugħa ta' dejjem
qatt ma tikber u lanqas tixjieħ
lil kulħadd tilqa' għandek u tfarraġ
int dik il-warda friska tisbieħ.

Int tbiddlilna kull niket fil-hena
ukoll tferraħ il-qlub l-imnikktin
tassew tħobbna għax int l-Omm ħanina
Dejjem lesta li tgħin l-imsejknin.

Int Marija l-Omm l-aktar setgħana
qatt ma tagħdab għalina l-bnedmin
inti lesta biex miegħek tħaddanna
u tagħdirna għax taf li dgħajfin.

Int id-dgħajsa li żgur biha ssalva
lil kull bniedem li jfittxek għall-kenn
tassew tħarsu mill-għawġ u l-periklu
tħaddnu miegħek għax veru taf tħenn.

Int Marija tgħin kemm lil dan għani
il-kapott tal-imsejken u l-fqir
u mingħajr xi kulur, distinzjoni
żgur ma tkunx qed tistenna tifħir.

Int ix-xemx li żgur tisboq kull dija
l-isbaħ kewkba li hemm fis-smewwiet
jew il-qamar f'xi lejla sajfija
id-dawl, li jeqred id-dlamijiet.

Int Marija Sultana ta' ġensna
l-eqdes waħda fost il-qaddisin
tibqa' l-għaxqa u l-għożża ta' qalbna
bik kburin il-Maltin u l-Għawdxin.

Int il-pont li tgħaqqadna mal-ġenna
żgur it-triq li twassalna fis-sliem
kull mogħdija tkun lesta twittilna
sakemm naslu f'post l-hena bla tmiem.

*Qormi – Il-Ħadd 3 ta' Ġunju, 2007*


The Fruit Shop
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151


Cini Marble & Granite Works
We do: Monuments, Memories, Fire Places, Kitchen Tops, Stair Cases, Skirting, Window Seals and Vanity Units.
We do home visits and can show you catalogued items to help you decide with professional advice.
FAMILJA BONNI
RIP
Tel: 2147 2714 Mob: 9928 3131

*Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija*

Is-Sur Carlo Sciberras
President



# Fejn hemm l-Għaqda – hemm is-Saħħa!




Għeżież żgħażagħ, soċi, partitarji u ammiraturi tal-Festa tal-Imqabba,

Għaddew propju 10 snin minn mindu wrejt l-interess li nagħmel parti mill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagh Santa Marija fejn propju wara l-Festa tal-1999 kien ġie fuqi s-Sur Alex Falzon li dak iż-żmien kien President tas-Sezzjoni Żgħażagh u talabni biex nifforma parti mill-Kumitat tiegħu. Kont għadni żagħżugħ ta' 16-il sena mingħajr l-ebda esperjenza ta' x'jirrikjedi li tkun membru ta' kumitat però sforz tal-entużjażmu u d-determinazzjoni aċċettajt b'ferħ u minn dak iż-żmien 'il hawn bqajt



Kumitat Sezzjoni Żgħażagh 2008/ 2009. Wara mix-xellug: Chris Micallef, Alvin Livori, Jerry Ghigo (Delegati Briju), Steve Cardona (Asst. Kaxxier), Tyrone Barbara (Del. Attivitajiet), Jeremy Mercieca (PRO), Warren Bondin (Del. Armar), Franklin Cassar (Del. Attivitajiet). Quddiem mix-xellug: Robert Ghigo (Viċi-President), Sarah Farrugia (Segretarja), Carlo Sciberras (President), Jonathan Mifsud (Kaxxier), Mario Zammit (Del. Pubblikazzjonijiet). Nieqes: Joseph Briffa (Viċi-Segretarju).



Wieħed mill-Get Togethers għaż-Żgħażagħ li saru ġewwa l-Każin tul is-sena.



Dehra mill-isbaħ tal-Innovazzjoni għal din is-sena mill-wirja unika għall-Gżejjer Maltin La Semana Santa - Il-Vara 'Santa Maria de La Esperanza Macarena' waqt il-ftuħ uffiċjali mill-E.T. Mons Adeodato Micallef Isqof Emeritus tal-Kuwajt.



L-Innovazzjoni fir-raħal tal-Imqabba għal darb'oħra reġgħet spikkat; Mument mill-aktar profond waqt ir-rappreżentazzjoni ħajja tal-Aħħar Ċena.



Dettall mill-isbaħ ta' Ġesù u Ġuda waqt l-ewwel Ċenaklu Ħaj imtella' fl-Imqabba intitolat 'Dan Hu Ġismi...Dan Hu Demmi'.

inservi konsistentement sena wara l-oħra f'kull Kumitat fejn eventwalment fis-sena 2003 okkupajt il-kariga ta' kaxxier u fis-sena 2004 ġejt maħtur minn sħabi bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ, kariga li fiha investejt iż-żogħżija u l-enerġija kollha tiegħi fejn propju din is-sena qed nagħlaq il-5 sena tiegħi bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Inkun qed nonqos jekk ma nurix l-apprezzament personali tiegħi lejn il-kuraġġ kbir li mlewni bih id-diversi partitarji, fosthom il-mibki ħabib kbir tiegħi s-Sur Innocent Farrugia u s-Sinjuri Alfred Galea, Carmel Zahra, Carmel Briffa, Carmel Ellul, Anthony Farrugia, George Psaila u Doris Camilleri fl-istadji bikrin tal-Presidenza tiegħi. Intenni wkoll li flimkien ma' dawn il-persuni kien hemm numru kbir ta' partitarji u fuq kollox żgħażagħ oħrajn li taw l-appoġġ kontinwu tagħhom lili u lis-Sezzjoni Żgħażagħ tul l-aħħar 10 snin. Minn dan l-ispunt ser tibda t-tifsira wara t-titlu li tajt lil dan l-artiklu fl-okkażjoni tal-Festa Titulari Mqabbija għas-sena 2009; ***Fejn hemm l-Għaqda – hemm is-Saħħa.***


L-Arċisqof ta' Malta kellu kliem ta' tifħir lejn ix-xogħol kollu li qed isir miż-żgħażagħ tagħna waqt iż-żjara tiegħu ġewwa l-*istand* li tellgħet is-Sezzjoni Żgħażagħ fl-okkażjoni tal-European Youth Week fis-sit tat-Tejatru Rjali fil-Belt Valletta li bla dubju kienet waħda mill-isbaħ stands li ttellgħu għall-okkażjoni.

Is-sena 2007/2008 tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija rriflettiet aktar minn qatt qabel l-importanza ta' din is-Sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tagħna fejn wara r-rekord ta' attivitajiet organizzati waħda wara l-oħra, is-Sezzjoni Żgħażagħ irnexxielha tkun għal darba oħra eżemplari b'imġiba nadifa fiċ-ċelebrazzjonijiet kif ukoll tispikka ferm fil-ħidma tagħha propju f'għeluq il-15-il anniversarju mit-twaqqif tagħha. **L-uniku Marċ tal-Aħħar Tridu li huwa kkorjografat fl-Imqabba** kien bla dubju l-prijorità ewlenija tal-ħidma kollettiva tal-Kumitat fejn fuq kollox spikkaw l-elementi innovattivi u organizzattivi b'opra artistika li tabilħaqq hija unika għall-gżejjer Maltin bħall-'Gwarniċun Mekkanizzat' imħaddem b'sistema **kumplessa** ta' *hydraulic* li eventwalment wera l-kobor u s-sbuħija tal-Arti amalgamata mal-inġinerija mekkanika, id-dettalji dwar il-ħidma fuq il-proġett se nagħtihom f'paġna esklussiva fuq dan l-istess ktieb). Dan kollu ġie ppreżentat f'armonija singulari mal-prestazzjoni organizzata ta' briju quddiem is-Sede tas-Soċjetà bi spettakli ta' dwal, *laser* u invenzjoni oħra taż-żgħażagħ tagħna li ssarfet f'sistema elettronika ta' kanuni tal-karti bl-arja kkumpressata, u kollox kien sinkronizzat mal-mużika u b'korjografija liema bħalha! Saret ukoll interpretazzjoni perfetta tal-kanzunetta li tfakkar il-15-il anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ **"Qalb Żagħżugħa Waħdanija"** mill-kantanta brava Eleanor Cassar fuq kompożizzjoni ta' Mro. Anthony Camilleri u lirika ta' Nicholas Baldacchino.

Wara li nħasad il-frott tas-sena anniversarja, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ reġa' ġġedded u medd għonqu għax-xogħol u tfassal pjan ta' sena ħidma fejn ġew elenkati l-aspirazzjonijiet tagħna kif ukoll il-metodu dwar kif ser naslu għalihom. Il-Kumitat preżenti huwa ffurmat minn 14-il membru li 5 minnhom huma membri ġodda. Minn hawn insellem u nirringrazzja lil dawk il-membri li kienu parti mill-Kumitat tas-sena 2007/2008 filwaqt li nifraħ u nawgura iżjed ħidma fejjieda lill-membri l-ġodda. Nieħu l-opportunità wkoll sabiex mill-qalb nirringrazzja lill-ex Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ is-Sur Nicholas Baldacchino li ħadem spalla ma' spalla miegħi fil-kariga tiegħu u ta kontribut kbir tul l-aħħar 5 snin filwaqt li nifraħ u nawgura lis-Sinjorina Sarah Farrugia li ġiet maħtura mill-Kumitat sabiex tokkupa din il-kariga ta' impenn kbir.

L-ewwel attivitajiet ta' wara l-Festa li s-Sezzjoni Żgħażagħ kellha s-sehem sħiħ tagħha fihom, kienu l-Ottava Fest fil-pjazza tal-Imqabba fit-22 ta' Awwissu bl-għajnuna tas-Sur Henry Farrugia kif ukoll iż-żjara ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell bejn l-4 u 9 ta' Settembru fejn permezz tal-istess żjara ġiet organizzata ġita lejn Franza u l-Olanda, dan grazzi għall-ħidma fejjieda tas-Sinjura Barbara Ellul flimkien ma' żewġha Carmel Ellul. Ta' min jirringrazzja wkoll lill-Membru Parlamentari Ewropew Malti Dr. Simon Busuttil li offrielna l-għajnuna kollha tiegħu.


Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija żżomm f'qalbha l-element filantropiku u inklussiv. Żjara lill-anzjani Mqabbin residenti f'San Vinċenz.



Attendenza numeruża tul il-Ġimgħa Marjana li saret parti ntegrali mill-Kalendarju tal-Kult Marjan fl- Imqabba.

Ta' min isemmi wkoll is-sodisfazzjon kbir li l-partitarji kollha esperjenzaw fl-20 ta' Awwissu meta ġiet imxandra bi prominenza kbira l-Festa 2008 fil-programm televiżiv "X'Festa Kellna" fuq l-istazzjon nazzjonali kif ukoll l-istazzjon tas-sena, TVM.

F'dak kollu li jirrigwardja wieħed mill-għanijiet prinċipali li dħalna għalih bħala żgħażagħ din is-sena; b'sodisfazzjon kbir intenni li apparti l-għajnuna finanzjarja tagħna b'risq il-proġett tal-estensjoni tal-Każin, numru ta' żgħażagħ membri tal-Kumitat qed imiddu jdejhom għax-xogħol manwali li jirrikjedi dan il-proġett li nbeda f'Ottubru. Minn hawn nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, is-Sinjuri Joseph Briffa, Jeremy Mercieca u Jonathan Mifsud tax-xogħol tagħhom. Inkun qed nonqos jekk ma nurix l-apprezzament sinċier tas-Sezzjoni Żgħażagħ lejn id-diversi volontiera oħrajn li qed jaħdmu fuq dan il-proġett kif ukoll apprezzament lejn id-delegati tal-Kumitat Eżekuttiv fuq dan il-proġett li huma wkoll kollegi tiegħi, is-Sinjuri Carmel Zahra u Anthony Farrugia.

Sabiex sena amministrattiva mil-lat ta' sotto-kumitat fi ħdan Soċjetà Mużikali li jinkorpora fih numru konsiderevoli ta' żgħażagħ filwaqt li fl-istess ħin permezz tal-andament amministrattiv u organizzattiv tiegħu jkun qiegħed jaffettwa xi ftit jew wisq l-istil ta' ħajja ta' diversi gruppi ta' nies li mhux bilfors huma żgħażagħ, tkun tista' titqies bħala sena amministrattiva flessibbli, ta' laħqa kif ukoll inklussiva, wieħed irid joħloq inizjattivi u attivitajiet partikulari fl-ambitu tad-diversità f'diversi fatturi li jikkostitwixxu l-ħajja tal-bniedem bħal età, stil ta' ħajja u twemmin fost l-oħrajn. Hekk għamel il-Kumitat taż Żgħażagħ fejn mingħajr tkaxkir tas-saqajn irnexxielu jimla sena sħiħa b'attivitajiet ta' laħqa bbażati fuq id-diversità tal-individwu fejn is-sisien **Filantropiċi, Soċjali, Sportivi, Kulturali u Spiritwali** tpoġġew fuq quddiem nett tal-aġenda tagħna. Fl-okkażjoni tal- Jum Dinji tal-Anzjani erġajna żammejna l-appuntament tagħna mal-anzjani Mqabbin fir- residenza San Vinċenz De Paule fejn għall-5 sena konsekuttiva ferraħniehom bil-preżenza tagħna. Ġest mill-aktar nobbli u filantropiku kienet l-inizjattiva li ħadu ż-żgħażagħ tagħna meta offrew id-donazzjonijiet miġbura mill-wirja 'La Semana Santa' għall-bżonnijiet tad- Dar tal-Providenza.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' attivitajiet soċjali wieħed jista' japprezza li l-ħajja ta' dawn it- tip ta' attivitajiet qed dejjem twarrad b'sensiela ta' inizjattivi li jagħtu sens ta' kontinwità lis-Soċjetà u l-lokal tagħna. Fost id-diversi attivitajiet li issa saru parti importanti mill-kalendarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ insibu d-diversi *Get Togethers* organizzati ġewwa l- Każin għaż-żgħażagħ b'mod partikulari fiż-żminijiet tal-Milied permezz tal-*Christmas Gathering* fit-12 ta' Diċembru, tal-Karnival permezz tal-*Omega Carnival Costume Party* fl- 20 ta' Frar u tal-Festa b' sensiela ta' *Festa Warm Ups*. F'Novembru tellajna flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u l-Banda Re Ġorġ V Programm Vokali u Strumentali mill-Banda ġewwa l-iskola Primarja tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-għeluq taċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ kif ukoll l-10 anniversarju tal-għotja tal- unur internazzjonali u uniku *Les Etoiles d'Or du Jumelage* lis-Soċjetà Santa Marija mill- Kummissjoni Ewropea fl-1998. Konna ta' għajnuna wkoll għall-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa fl-organizzazzjoni ta' diversi *High Teas* ġewwa l-Każin kif ukoll erġajna tellajna b'suċċess kbir Pasta Night & Pool Party ġewwa t- Torri tal-Qrendi grazzi għall-għajnuna tal-Onor. Dr. Marlene Pullicino li offritilna l-post mingħajr interessi, kif ukoll tas-Sur Henry Farrugia li ħa ħsieb it-tisjir. Minn hawn nirringrazzja wkoll lilkom kollha li attendejtu bi ħġarkom u sarraftu din l-attività f'suċċess assolut.

Il-Komunikazzjoni mal-bqija tar-raħal inżammet ukoll bil-pubblikazzjoni *It-Titular*. Tajna s-sehem tagħna fl-armar tal-pjazza tar-raħal fil-Festi tal-Milied billi flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv



Uħud mill-parteċipanti tat-tim rebbieħ tal-5-a-side Football Tournament, organizzat fil-grawnd sintetiku l-ġdid ta' Mqabba F.C.


Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija
Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Est. 1993
MQABBA
tippreżenta
L-MARĊ TAL-AĦĦAR
TRIDU
l-uniku març ta' briju organizzat
fl-IMQABBA
il-Ħamis
13 ta' Awwissu 2009
mill-10pm 'il
quddiem
Firetech
FIRE, SAFETY & SECURITY SOLUTIONS
Tel: 22 785 200





L- Oriġinalità reġgħet spikkat! Spettaklu kbir ta' dwal, *laser*, u sistema elettronika ta' kanuni tal-karti bl-arja kkumpressata sinkronizzati mal-mużika fil-Marċ tal-Aħħar Tridu f'għeluq il-15-il anniversarju mit- twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Pjan organizzat li ħalla l-frott meħtieġ biex ikkonferma s-supremazija assoluta tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija f'dak li għandu x'jaqsam ma' spettaklu ta' briju kkorjografat.

u l-Kunsill Lokali kkoordinajna t-tiżjin abbinat ma' dawn il-Festi. Bħala parti mill-attivitajiet organizzati fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet sehem fl-Assemblea Lokali kif ukoll ippreżentat il-ħsibijiet tagħha dwar it-tema magħżula '*L-Ambjent… il- pass li jmiss*'. Tajjeb ngħid li x-xahar ta' Novembru ġab miegħu innovazzjoni oħra għar-raħal tal-Imqabba. Fil-fatt intoduċejna sistema ta' **Internet Cafe'** ġewwa s-Sede tas-Soċjetà fejn qed tingħata opportunità lill-ġenerazzjonijiet kollha ta' aċċess għad-dinja tal-informatika. B'din l-inizjattiva inklussiva s-Soċjetà tagħna hija l-ewwel waħda fl-Imqabba mgħammra b'sistema ta' Internet Café. L-attivitajiet sportivi ma naqsux, u fil-fatt komplejna nżommu l-attività kontinwa fost iż-żgħażagħ permezz tal-isport fil-format ta' *Football Tournament* fil-grawnd sintetiku tal-Imqabba FC, *Playstation Tournaments* ġewwa l-Każin u *Disco Bowling Night* ġewwa l-*Eden Super Bowl* f'San Ġiljan. Dawn l-attivitajiet ittellgħu bejn Jannar u Marzu. F'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet kulturali, propju din is-sena s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kellha tkun hi għal darb'oħra li tespandi l-attivitajiet tagħha fuq lat Nazzjonali. Dan billi fuq talba speċjali mill-organizzaturi tal-**Lejl Imdawwal / Notte Bianca** fil-Belt Valletta, is-Sezzjoni Żgħażagħ tellgħet esebizzjoni ta' wħud mill-vari tal-wirja rikka u unika *La Semana Santa* fl-4 ta' Ottubru ġewwa l-Knisja ta' San Ġakbu fi Triq il-Merkanti. L-ammont ta' viżitaturi laħħaq eluf kbar. Fuq stedina oħra din id-darba mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea, is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tellgħet esebizzjoni bit-tema **'Frott il-ħidma taż-żgħażagħ'** fl-okkażjoni tal-**'European Youth Week - Il- Ġimgħa Ewropea ddedikata liż-żgħażagħ'** mit-2




Il-Gwarniċun Mekkanizzat li jirrifletti s-sbuħija tal-arti amalgamata mal-inġinerija mekkanika. Tispikka l-ġmiel ta' pittura ffurmata li turi lil Santa Marija meqjuma mit-Trinità Mqaddsa, San Ġużepp, San Pietru, San Ġorġ Martri, Santa Katarina ta' Lixandra, San Ġorġ Preca, San Pawl u l-anġli.

sad-9 ta' Novembru ġewwa s-sit tat- Teatru Rjal fil-Belt Valletta. Din il-ġimgħa ta' attivitajiet ġiet organizzata fil-pajjiżi kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea, bl-iskop ewlieni jkun li filwaqt li tiġi ċċelebrata ż-żogħżija, tingħata l-opportunità liż-żgħażagħ jesprimu ruħhom b'diversi attivitajiet li se jkunu għaddejjin matul il-ġimgħa kollha.

Illum il-ġurnata l-attivitajiet Reliġjo-Kulturali b'messaġġ spiritwali saru sinonimi ferm mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn għall-5 sena konsekuttiva tellajna l-unika ġimgħa ta' Tagħlim Marjan fl-Imqabba 'Il-Ġimgħa Marjana' bejn il-25 u d-29 ta' Mejju ġewwa l- Kappella ta' San Bażilju. Minn hawn nirringrazzja lill-Kappillan tal-Parroċċa u lis-Sinjuri Mary Cassar u Mary Aquilina tal-għajnuna tagħhom. Tellajna wkoll b'suċċess kbir it-tielet edizzjoni tal-Wirja unika għall-gżejjer Maltin **'La Semana Santa'** fejn propju din is-sena ġiet inawgurata vara artistika ġdida li tirrappreżenta lil 'Santa Maria de La Esperanza Macarena' L-Omm tat-Tama u r-Reġina u s-Sinjura tal-Belt ta' Sevilja, li hija l-qofol tas-Semana Santa fil-Peniżula Iberika. Nissilna wkoll l-idea li għall-ewwel darba fl-Imqabba ntellgħu rappreżentazzjoni ħajja tal-Aħħar Ċena intitolata **'Dan hu Ġismi .. Dan hu Demmi'** fis-sotterran u x-xelter tal-gwerra



# SHOE SHINE FOOTWEAR

**MR & MRS CARUANA**



*FOOTWEAR & LEATHER GOODS*



SHOE SHINE, Carmelo Caruana Street, Żurrieq ŻRQ 04
Phone: 2168 5241 • Fax: 2164 9381 • Mob: 9982 1932
E-mail: didiego@melita.com

## Di DIEGO *Lifestyle*

**Clothing & Footwear**

**Di Diego, 113, Blue Grotto Avenue, Zurrieq**
**Tel: 2164 9381, 2168 5241 Fax: 2164 9381 Mob: 9982 1932 E-mail: didiego@melita.com**

---

GRAF FAI Auto Parts QH WÜRTH Gates ICER Valeo Japanparts

**do not waste your time going around stop at**

# MAŻINI

**AUTOPARTS & ACCESSORIES**

FERODO AISIN MONROE

**where you will find**

## everything under one roof

*More brands available...*

**Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465**

ġewwa s-sede tas-Soċjetà. Dan iċ-Ċenaklu Ħaj daħħal lill-viżitaturi f'atmosfera unika f'dawn iż-żminijiet ta' riflessjoni u filwaqt li żamm il-lealtà lejn l-Iskrittura Mqaddsa, wieħed seta' japprezza ferm ir-reqqa li biha ġie ppreparat l-ikel u l-binja tas-sett. Dawn il-wirjiet ġew inawgurati mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Francis Adeodato Micallef, Isqof Emeritus tal-Kuwajt fl-1 t'April kif ukoll tellajna Programm Mużikali mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali. Fuq stedina esklussiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ, il-Prim Ministru ta' Malta, l-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi kif ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onorevoli Dr. Joseph Muscat żaru dawn il-wirjiet fejn esprimew interess kbir kif ukoll komplew jinkoraġġixxu l-ħidma żagħżugħa li teżisti fis-Soċjetà tagħna. Minn dan l-ispunt nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lis-Sinjuri Michael Chetcuti, il-familja Azzopardi, Antoine u Mario Farrugia kif ukoll lill-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa tal-għajnuna finanzjarja u manwali tagħhom. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar tal-koperazzjoni li sibna tul dawn l-attivitajiet. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa erġajna konna parti minn grupp organizzattiv fejn tellajna b' suċċess sensiela ta' eżerċiżżi spiritwali għaż-żgħażagħ bit-tema 'F'Baħar Imqalleb' kif ukoll ipparteċipajna fl-irfiegħ tal-vara devota tad-Duluri waqt il-purċissjoni u l-ħasil tar-riġlejn f'Ħamis ix-Xirka.



Mument waqt il-Pasta Night & Pool Party organizzat ġewwa t-Torri tal-Qrendi nhar is-Sibt 4 ta' Lulju 2009.

Ma naqsitx ukoll il-Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna li s-Sezzjoni Żgħażagħ ittella' annwalment fil-bidu ta' kull sena kif ukoll saret parteċipazzjoni attiva miż-żgħażagħ fis-servizzi tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament u l-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes. Introduċejna wkoll attività Spiritwali oħra permezz tar-reċtar tar-Rużarju immeditat, ġewwa s-swali tas-sede tas-Soċjetà fit-12 ta' Ġunju. Saru wkoll xi lotteriji sabiex jittaffew ftit mill-ispejjeż bl-għajnuna tas-Sinjura Doris Camilleri kif ukoll saret il-ġabra annwali tas-Sezzjoni Żgħażagħ fejn irregalajna DVD b'żewġ dokumentarji kommemorattivi dwar l-istorja tas-Sezzjoni Żgħażagħ u l-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà tagħna lil kull donatur. Iffinanzjajna u ħdimna ammont tajjeb ta' liedna għall-Pjazza tal-Knisja bil-għajnuna tas-Sinjuri Raymond Vella, Roderick u Emanuel Pace kif ukoll is-Sur Mario Ghigo li sibnieh dejjem warajna f'kull bżonn fl-aħħar snin.

Issa, li wasalna propju fl-aħħar jiem ta' din is-sena memorabbli, ilkoll kemm aħna qed naspiraw sabiex dak li ħdimna għalih tul is-sena, naħsdu l-frott tiegħu. Fil-fatt kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà waslet fil-fażijiet aħħarija tal-preparazzjoni sabiex bl-aktar mod dinjituż niċċelebraw Festa oħra ad unur dik l-Omm li tant tħobbna u tipproteġina ma' kull nifs li nieħdu f'ħajjitna. Minn dawn il-kelmtejn fejn qed naghti rendikont ta' x'sar mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tul is-sena 2008/2009, wieħed jista' japprezza kemm verament il-qawl **Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa** huwa ta' sinifikat kbir għas-Soċjetà Santa Marija u ż-żgħażagħ tagħha. Dan huwa l-appell aħħari tiegħi lil dawk iż-żgħażagħ li wara l-festa se jkollhom it-tmun tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ f'idejhom. J'Alla nibqgħu nikbru u nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna u nħallu l-imħabba lejn il-Patruna Santa Marija tiggwidana tul il-missjoni tagħna fis-Soċjetà li ġġib isimha.

**Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.**

# Fejn hemm l-Għaqda hemm is-Saħħa

# Corner Confectionery

*Supplied by Maypole*

**St Catherine Street, Mqabba**

***One can find***

***• Confectionery Items • Wines and Spirits***
***• Frozen pastries for parties • Groceries downstairs***
***• Fresh Bread daily***

***We take orders for parties***

***Opening Hours:***

**Monday: 3.00pm / 7.00pm**

**Tuesday - Saturday: 7.00am / 12.00pm - 3.00pm / 7.00pm**

**Sunday: 5.00am / 12.00pm**

***Take-Away***

Meat Pies, Timpana,
Chicken Pies, Lasagna,
Pastizzi, Qassatat,
Sausage Rolls



# *BeautyLab*

***By Ritienne Agius(N.S.T.B th)***

**Tel: 21 642553 Mob: 79091799**

***Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba***






**Services offered:**

- **Facials (For pigmentation, wrinkles, …)**
- **Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)**
- **Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)**
- **Gym Massage for face (lifting)**
- **Reflexology Treatment**
- **Waxing**
- **Electrolysis**
- **Nail Art**
- **Nail Extensions (acrylic and gels)**
- **Eyelash/Eyebrow tinting**
- **Diet treatments and consultations**
- **Professional Make up for all occasions**
- **(weddings, special effects make up …)**

*Minn Mqabba F.C. Youth Nursery*

Kitba tas-Sur Gilbert Camilleri,
Segretarju tan-Nursery

*Lejn l-ewwel 10 Snin mit-twaqqif ta'*

# Mqabba F.C. Youth Nursery
## Est. 2000

Ir-raħal tagħna huwa sinonimu mal-festi tradizzjonali Maltin. Xhieda ta' dan huma l-eluf ta' nies li joħonqu r-raħal waqt il-festi tagħna. Dan huwa riżultat tal-ħidma kontinwa taż-żewġ Soċjetajiet Mużikali tar-raħal li matul is-sena jaħdmu bi sħiħ bl-għan aħħari jkun li l-festa tkun aħjar minn tas-sena ta' qabel. Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-Kumitati Ċentrali, is-Sezzjonijiet taż-Żgħażagħ kif ukoll id-diversi kummissjonijiet u gruppi oħra fi ħdan is-Soċjetajiet tal-kontribut li jagħtu sabiex ikomplu jgħollu l-isem tar-raħal tagħna.



Illum il-ġurnata t-tfal tagħna għandhom post attraenti u attrazzet kif jixraq.



Dehra ġenerali tal-grawnd sintetiku li jilqa' fih madwar 130 tifel u tifla bħala parti mill-Imqabba FC Youth Nursery.

Iżda apparti l-festi, ir-raħal tagħna huwa magħruf f'diversi oqsma oħra fosthom snajja, kultura, storja kif ukoll fl-isport. Fil-qasam tal-isport, ir-raħal tagħna għandu tim tal-futbol li għal dawn l-aħħar snin dejjem ikkompeta fl-ogħla diviżjonijiet tal-futbol lokali. Għalkemm ġej minn raħal relattivament żgħir, l-Imqabba Football Club huwa klabb stabbilit fix-xena tal-futbol lokali. Dan huwa riżultat tal-ħidma kontinwa mill-Kumitat Amministrattiv tal-klabb kif ukoll tal-ħidma sfieqa tal-Kumitat ta' Mqabba F.C. Youth Nursery. Propju s-sena d-dieħla n-*Nursery* ser tgħalaq 10 snin minn meta ġiet imwaqqfa. Meta nħarsu lura tul dawn l-għaxar snin naraw il-progress kbir li sar f'din l-organizzazzjoni. Minn 12- il tifel fis-sena 2000, l-istaġun li għadda n-*nursery* kellha 130 tifel jattendu għat-taħriġ magħha. Dawn it-tfal kienu mqassma fuq sitt kategoriji bejn *Under 5* u *Under 15*. Dan is-suċċess huwa riżultat tal-ħidma ta' kumitat ħabrieki kif ukoll tim ta' *coaches* dedikati li kontinwament jassiguraw li t-tfal jieħdu gost u jiddevertu flimkien f'ambjent sikur, edukattiv u sportiv. Hija din il-ħidma li twassalna sabiex inkomplu nilħqu l-għan tagħna li huwa l-iżvilupp kontinwu u komplet tat-tfal tagħna li huma l-adulti ta' għada.

# RAYMOND ABDILLA

## Exporter & Importer

AGRICO

## Seed and Ware Potatoes

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti:*

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru

**Picasso** – T'għajnha ħamra

**Agria** – Ta' qatgħa safra

**Stirling** – Ta' qatgħa bajda

**Diamant** – Ta' qatgħa safra

**Aladin** – Ta' qoxra ħamra

**Marfona** – Ta' qatgħa bajda

**Virgo** – Ta' qatgħa bajda

**Santè** – *(għall-esportazzjoni)*

**Alpha** – *(għall-esportazzjoni)*

**Madalene** – *(għall-esportazzjoni)*

**Erika** – *(għall-esportazzjoni)*

**Fertilizer Ġermaniż ta' l-aqwa kwalità...**

BECKMANN BB BECKMANN – Spezialdünger –

(blu) 12+12+17+2+7
(isfar) 27%
(abjad) 21%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21683870 (Res.)
21436594 (Grading Station)
Mob: 9949 7980, 9944 9553, 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt

Fattur importanti li għen mhux ftit sabiex in-*nursery* tkompli tkun suċċess huma l-faċilitajiet moderni li ġew inawgurati matul l-istaġun li għadu kif għadda. L-installazzjoni tas-*synthetic turf* fil-grawnd prinċipali kif ukoll il-bini ta' żewġ *dressing rooms* oħra żiedu l-kwalità tal-faċilitajiet disponibbli għall-klabb u n-*nursery*. Permezz ta' dawn il-faċilitajiet moderni, it-tfal tagħna jkunu jistgħu jitħarrġu f'ambjent iktar denju u addattat. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha, li b'xi mod jew ieħor, ikkontribwew sabiex dan il-proġett ambizzjuż seta' jirnexxi b'suċċess. Grazzi lil kulħadd.

Iżda jkun inutli li wasalna s'hawn jekk naħsbu li lestejna l-missjoni tagħna. Il-faċilitajiet ma jkollhomx skop jekk ma jitgawdewx u ma jiġux użati mit-tfal tagħna kif ukoll mill-komunità.

L-istaġun li ġej ser inkomplu naħdmu sabiex inżidu t-tfal fin-*nursery* tagħna. Għalhekk qegħdin nilqgħu applikazzjonijiet minn tfal subien u bniet bejn 4 snin u 15-il sena li jixtiequ jissieħbu magħna fl-istaġun li ġej. Għal aktar informazzjoni dwar in-*nursery* ċemplu lil Mark Bondin fuq 79051404 jew lil Gilbert Camilleri fuq 99827767 jew ibagħtu *email* fuq *mqabbanursery@gmail.com.*

Fl-aħħarnett nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha sabiex flimkien ingawdu dan l-avveniment li r-raħal tagħna tant huwa magħruf għalih.



Dehra tad-dressing rooms u uffiċini li nbnew apposta biswit l-istess grawnds sintatiċi.


Waħda mid-dressing rooms li nbnew apposta ħdejn il-grawnds sintetiċi li jilqgħu fihom it-tfal tan-nursery.

*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tirringrazzja u turi l-apprezzament tagħha*
*lejn il-kumitat u l-istaff tekniku kollu ta'*
*Mqabba Football Club Youth Nursery*
*għax-xogħol siewi li qed tagħmel*
*mat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.*

Mqabba FC Youth Nursery tixtieq tavża li qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri ta' tfal li huma mħajra li jingħaqdu man-nursery tagħna. Qegħdin naċċettaw tfal minn ħames snin (5) 'il fuq. Min hu interessat jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Bondin fuq in-numru 7905 1404. L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu matul l-istaġun kollu.

**Għal dawn l-aħħar snin, Mqabba FC Youth Nursery qiegħda tgawdi minn faċilitajiet ġodda fosthom grawnd sintetiku li jifforma parti mill-kumpless ta' Mqabba Football Club.**

# SPEND 'N' SAVE

**discount supermarket**

115, St Catherine Str.
Żurrieq Tel: 2168 9878




*Fejn il-mara tad-dar*
*issib minn kollox u fl-istess ħin*
*tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta*

Offerta Speċjali:

Offerti Speċjali u ħafna prodotti b'xejn jingħataw ma' kull €15 li tonfoq u aktar ma tonfoq aktar tieħu rigali.

Ħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.00pm – 7.00pm Sibt 6.00am – 6.30pm



# Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fl-Imqabba

© Dun Jonathan Farrugia
B.A. (Hons), B.A. Theol. & Hum. Stud., S.Th.B, S.Th.L

## Daħla

Preżentement fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Assunta tal-Imqabba ma nsibux artali jew sottokwadri ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu, ħaġa ferm stramba meta nqisu d-devozzjoni kbira li għandhom il-Maltin lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. L-ambigwità ta' dal-fattur tkompli tissaħħaħ meta nqisu li fl-irħula ta' mad-dawra tal-Imqabba kollha għandhom xi xbieha tal-Madonna tal-Karmu fil-knejjes tagħhom!

Mela xi snin ilu nzertajt qed ngħin fl-armar tal-knisja fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Assunta. Konna qed noħorġu l-pavaljuni tal-artali u nara wieħed minnhom immarkat "tal-Karmnu". Dil-ħaġa skantatni għax kemm ilni noqgħod l-Imqabba u nattendi għas-servizzi hemm qatt ma naf li rajt artali bix-xbieha tal-Madonna qed tagħti l-iskapular… u pittura ta' artal diffiċli ma tinnutahiex ġol-knisja tagħna. Għalhekk staqsejt fejn kellu jiddendel dak il-pavaljun. Is-sur Karmnu Psaila, li jieħu ħsieb it-tiżjin tal-knisja fil-festi kollha li jiġu ċċelebrati fl-Imqabba, qalli "Faċċata tal-Ispirtu s-Santu!" Kien qed jalludi għall-artal tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Sant'Eliżabetta… artal li fin-naħa t'isfel fih biċċa mill-gwarniċun tal-pittura mkisser… qisu qabel kien hemm xi ħaġa mwaħħla imma li wara tneħħiet. Waqt li konna qed indendlu l-pavaljun erġajt staqsejt lil Karmnu kif dan l-artal huwa magħruf bħala "tal-Karmnu" meta fir-realtà kien jirrappreżenta l-Viżitazzjoni u qalli li dan kien għax qabel kien hemm sottokwadru, appuntu tal-Madonna tal-Karmnu, imma li xi żmien wara l-gwerra kien tneħħa. Staqsejtu fejn tpoġġa u qalli li suppost kellu jkun xi mkien fis-sagristija jew fis-sala. Kelli idea tal-pitturi li kien hemm fis-sagristija u ma kellix amment li qatt rajt wieħed fejn jidher il-kwadru li konna qed nitkellmu fuqu.

Xi ġranet wara, waqt li konna qed inniżżlu t-twapet minn fuq il-kaxxarizzi tal-fratellanzi tas-Sagrament u tal-Madonna tar-Rużarju, fis-sagristija l-antika, innutajt li kien hemm kwadru moħbi warajhom. Kwadru ċkejken, ovali, bi gwarniċ kollu skultura kemmxejn kbir għalih. Juri xbieha sempliċi, ferm magħrufa: fuq in-naħa tal-lemin tidher il-Madonna bil-qiegħda fuq sħaba żżomm lil Ġesù Bambin poġġut fuq koxxitha tax-xellug; f'idha l-oħra għandha l-iskapular li qiegħda tnewwel lil San Xmun Stock, li jinsab għarkubbtejh ħarira aktar 'l isfel minnha. Interessanti ferm li l-qaddis qiegħed iħares lejn id-drapp li qiegħda ttih Marija. B'id waħda qiegħed jirċievi r-rigal ta' Marija waqt li l-oħra qiegħda fuq qalbu[1]. Fin-naħa ta' fuq tal-pittura jidhru sitt anġli. Huma maqsumin fi tliet gruppi ta' tnejn: wieħed minn kull koppja qiegħed iħares lejn dak li qed jiġri fuq l-art waqt li l-ieħor qed iħares lejn is-sema. Forsi din hija xi metafora artistika li tfisser li dak li qiegħed jiġri huwa skont ir-rieda tas-sema?



Il-kwadru antik iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Kwadru ċkejken, ovali, bi gwarniċ kollu skultura.

Il-għażla tal-kuluri kienet l-aktar ħaġa li laqtitni: fejn is-soltu f'pitturi barokki ta' diversi sekli ilu naraw kuluri skuri li forsi kienu jintużaw biex jagħtu dimensjoni aktar serja lix-xbieha; din ix-xbieha li kelli quddiemi kienet letteralment qiegħda tarmi d-dija mlewwna. Marija hija liebsa libsa roża u hija mdawra b'mant kaħlani ċar. L-iskapular huwa naturalment kannella (ċar), filwaqt li San Xmun Stock huwa liebes l-abitu karmelitan u għandu l-kappa bajda fl-isfar li taqbel perfettament mal-kulur ċar ta' lbiesu. Marija







# Tal-Bazzi

## Joseph & Julian Farrugia

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**



# VENMAR Limited

TOTAL • **PEST** • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq,
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

**PEST CONTROL SERVICE**

għandha xagħarha isfar lewn id-dija b'velu trasparenti fuqu – qatt ma naf rajt xbieha antika tal-Madonna b'xagħarha dal-kulur. Mit-toqob li hemm madwar rasha u ras binha jidher illi fl-imgħoddi dal-kwadru kien inkurunat, tradizzjoni ferm popolari matul is-sekli XVIII u XIX. Il-kuruni però tneħħew u mhux magħruf fejn jistgħu jkunu. Xagħar il-Bambin, kif ukoll ix-xagħar u l-leħja ta' San Xmun huma wkoll sofor. Id-delikatezza li tidher b'mod speċjali fl-uċuħ u fl-idejn, kif ukoll it-telqa rżina li għandhom il-ħwejjeġ, speċjalment il-kappa tal-qaddis, l-isfumar ġentili tal-kuluri kif ukoll id-dettall, minkejja ċ-ċokon tal-kwadru, kollha jixhdu li wara dal-kapulavur minsi hemm l-id ta' mgħallem tajjeb. B'xorti ħażina, minkejja l-ġmiel tiegħu, dal-kwadru qiegħed fi stat kemmxejn ħażin minħabba li f'xi postijiet iż-żebgħa tidher imxaqqa filwaqt li f'xi oħrajn, l-aktar fil-parti ta' isfel, waqgħet u nkixfet it-tila.[2]

## Hjiel dwar l-oriġini tal-kwadru u l-festa

Meta kelli ftit ċans ippruvajt nagħmel ftit riċerka fuq dat-teżor żgħir li ftit li xejn jafu bih nies. Ikkuntattjajt lis-sur Tony Terrible minħabba li għamel diversi snin jistudja u jagħmel riċerka dwar il-patrimonju artistiku li nsibu fil-knejjes tagħna. Dan minnufih newwilli manuskritt li kien ipprepara dwar il-knisja parrokkjali u l-kappelli tal-Imqabba[3] u fih kien hemm ukoll silta żgħira dwar dan il-kwadru, li kienet tgħid hekk:

Dan il-kwadru, li llum jinsab fis-sagristija l-qadima u li jirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu huwa l-fdal ta' din id-devozzjoni Marjana f'dan ir-raħal. L-ewwel referenza għal din il-qima Karmelitana fl-Imqabba nsibuh fir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Gori Mancini (1722-23) meta rrapporta li parti mit-titulari tal-knisja ta' Santa Katerina kien jirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu. Skont l-istess vista f'dan iż-żmien tpoġġa sotto kwadru fuq l-artal tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna (fil-knisja parrokkjali) u maż-żmien sar ieħor fuq l-artal tal-Viżitazzjoni.

Mid-dehra dan il-kwadru għamel żmien fuq dan l-artal għaliex semmieh ukoll l-Isqof Alpheran de Bussan fir-rapport tal-vista pastorali tiegħu tas-snin 1728 u 1744 u kif ukoll l-Isqof Vincenzo Labini tas-sena 1781.[4]



L-arma tal-Karmelu

Minn ftit akar riċerka li kont għamilt sibt illi fir-realtà l-ewwel referenza għal xbieha tal-Madonna tal-Karmnu li nsibu fir-raħal tmur lura għall-1634. Din jagħmilha Monsinjur Pontremoli fil-viżta pastorali li kien għamel fil-knejjes tal-Imqabba f'dik is-sena. Jgħid illi t-titlar tal-knisja ta' Santa Katarina V.M. kien jinkludi fih lill-Madonna tal-Karmnu u lill-Qaddisa flimkien ma' San Andrija.[5] Meta dil-knisja reġgħet inbniet u tlestiet fl-1774 sar titular ġdid juri l-għerusija mistika ta' Santa Katarina V.M. li tlesta fl-1779 – it-titular l-antik mhux magħruf x'sar minnu.

Mill-viżti pastorali li saru fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba



Arma oħra tal-Karmelu

fis-seklu tmintax nafu li l-ewwel kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li tpoġġa bħala sottokwadru kien fl-1723, u dan tqiegħed fuq l-artal tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Dan jissemma fil-viżta pastorali tal-Isqof Mancini[6]. Sitt snin wara saret viżta pastorali oħra, did-darba mill-Isqof Alpheran de Bussan. Fil-minuti ta' dil-viżta nsibu li kienet tpoġġiet pittura oħra tal-Madonna tal-Karmnu, did-darba fuq l-artal tal-Viżitazzjoni.[7] Dan huwa l-kwadru li għadu jeżisti sal-lum fis-sagristija l-qadima. Mhux magħruf għal kemm żmien kien hemm iż-żewġ pitturi tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja, imma wisq probabbli li ftit żmien wara li tpoġġa t-tieni wieħed (fl-1729), l-ieħor twarrab. Xhieda ta' dan huwa l-istess isem li bih baqgħu magħrufin l-artali: dak tal-Viżitazzjoni baqa' magħruf bħala "tal-Karmnu" waqt li dak tal-Inkurunazzjoni baqa' magħruf bħala ta' "San Ġużepp"[8]. żgur għalhekk li s-sottokwadru ta' fuq l-artal tal-Viżitazzjoni ġibed lejh aktar qima – forsi hija għal din ir-raġuni li dal-kwadru għadu jeżisti sal-lum filwaqt li l-ieħor intilef.

L-artist ta' dal-kapulavur ċkejken mhuwiex magħruf fiċ-ċert, għalhekk ippruvajt niċċara xi ftit din il-*lacuna*. Peress li fl-arti ma għandi l-ebda awtorità, fuq parir ta' Dr Anthony Mangion, bgħatt ritratt ta' dil-pittura lil Dr Keith Sciberras, *lecturer* fid-dipartiment tal-Arti fl-Università ta' Malta u espert fil-qasam tal-arti sagra Maltija biex nara x'opinjoni seta' joffri. L-istess ġurnata[9] kkuntattjani lura u kkonfermali li dil-pittura hija tal-artist Malti Gio Nicola (Giannikol) Buhagiar, li għex bejn l-1698 u l-1752. Dan jixhduh kemm l-istil kif ukoll is-sena meta żżanżan, li taħbat fl-istess żmien li fih Buhagiar kien attiv ħafna.

Interessanti ferm huwa dak li jgħidulna l-viżti pastorali dwar il-festa li kienet issir f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu fuq dan l-artal. Kienet tiġi ċċelebrata kull sena bil-kant tal-għasar u bil-quddiesa kantata. Din iċ-ċelebrazzjoni kien jieħu

# Trafficstone..

## ..for kitchen tops



Does not stain

Heat & scratch resistant

Available in many colours

Modern, stylish

Only available at:

FRANCESCO FENECH

MOSTA - 2143 4555

ħsiebha l-prokuratur tal-Veneranda Lampade.[10] Ta' min isemmi wkoll li l-festa tal-Viżitazzjoni (it-titular proprju ta' dan l-artal) kienet issir bl-għasar u b'quddiesa letta. Minn dan nistgħu nikkonkludu li s-sottokwadru ġibed lejh aktar devozzjoni u qima milli t-titular tal-artal!

Din is-sena dan il-kwadru qiegħed jagħlaq 280 sena minn mindu jissemma l-ewwel darba.

## Żewġ legati

Fis-sajf tal-2002 għamilt xahar nirranġa l-arkivju parrokkjali tal-Imqabba u fost il-ħafna folji u kotba tal-kontijiet li hemm sibt ktieb li fih il-kappillan Dun Ġerald Mangion (1945-1962) kien beda jikteb mill-ġdid id-diversi legati antiki li kienu jinsabu f'kotba oħrajn imxerrdin 'il hawn u 'l hemm. Fih sibt żewġ legati, wieħed iddatat u l-ieħor le, li jitkellmu appuntu fuq il-festa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet issir fl-Imqabba. Jgħidu hekk:

I Margherita e Celestina Zammit figlie del Bfco (?) Carlo Zammit, terziarie carmelitane, lasciarono l'obbligo dei I Vespri e messa cantata ogni anno in onore di N. S. del Carmine e a tale scopo ipotecarono il luogo di casa posto al No 1 Sda. San Basilio, Micabiba. L'attuale possessore convertì il giardino e la manderetta in casa di abitazione. Le suddette lasciarono il luogo al Sac. Luca Zammit[11] coll'obbligo di eseguire le suddette funzione in perpetuo con le spese di 1/3 oltre le cere. Vittorio Micallef è l'attuale possessore delle suddette cose. (1945)

II Nel suo test., la Sig. Anna, moglie del chirurgo Cousin, il 21 Aprile 1794 e il 7 Giugno 1795, ordinò la perpetua sollennizzazione di sette festività della B.V. del Carm., in 7 chiese parr. di Malta, coll'esposizione delle reliquie della Vergine sull'altare in una delle domeniche di Luglio susseguenti la festa, con la celebrazione di una messa cantata con ministri, turiferario, suon d'organo, panegirico e accensione di candele, col canto dei vespri e col fuoco di legna sul campanile nell vigilia. Per il rispettivo adempimento lasciò i frutti del capitale di 1400 scudi. Quindi il suddetto Andrea Cousin, il 18 Aprile 1767, assegnò in titolo di donazione irrevocabile sei scudi e tarì quattro annui con la rata di diritto capitale corrispondenti a questa annualità alla Ven Lamp. Oggi questo capitale mutato il 1 Lugio 1878 e restituito il 10 Marzo 1919, si trova depositato nella cassa Pie Amministrazioni della Valletta. Il capitale è di £17.12.6 (1945)[12]




Xbieha tal-Madonna tal-Karmelu tidher bil-labtu f'idejha.

Il-benefatturi għall-festa (l-għasar u l-quddiesa kantata) kienu l-aħwa Margherita u Celestina Zammit, terzjarji karmelitani kif ukoll Anna Cousin. L-ewwel tnejn ħallew il-flus biex ikun jista' jitkanta l-ewwel għasar (ta' lejliet) u biex issir quddiesa kantata. Biex setgħu jħallsu dan l-obbligu waslu biex ipotekew id-dar li kellhom fi Triq San Bażilju. Anna Cousin mill-banda l-oħra ħalliet somma fenomenali (1400 skud) biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu f'seba' knejjes parrokkjali ta' Malta, fosthom tal-Imqabba. Tagħti indikazzjoni li għandu jsir l-għasar, quddiesa kantata bid-daqq tal-orgni, bl-inċensazzjoni u bil-paniġierku; kellhom jinxtegħlu x-xemgħat (tal-artali?) u ħuġġieġa fil-kampnar il-lejl ta' qabel. Barra minn hekk kellha tkun esposta r-relikwija tal-Madonna fuq l-artal. Dan kellu jsir f'xi Ħadd minn ta' Lulju wara l-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Naturalment, bħal ħafna affarijiet oħra, dan illum m'għadux isir, però għadha ssir il-quddiesa (letta) tal-Madonna tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju meta dan ma jaħbatx il-Ħadd.

## Triq u niċċa

L-iqsar triq li nsibu fl-Imqabba jisimha "Triq il-Kamnu". Minkejja li hija l-iqsar triq dan xejn ma jnaqqas mill-importanza tagħha għaliex tinsab eżattament fil-qalba tar-raħal. Tibda mill-pjazza u tispiċċa fit-Triq il-Belt. Hija waħda mill-eqdem toroq li nsibu fir-raħal u d-djar ta' ġo fiha, apparti waħda li nbidlitilha l-faċċata, għadhom kollha l-antiki.

Fit-tarf ta' din it-triq hemm niċċa żgħira tal-Madonna tal-Karmnu li presumibilment tat l-isem lit-triq. Hija niċċa mfassla fuq stil klassiku b'żewġ pilastri joniċi bil-*volute* innukklata, wieħed fuq kull naħa tal-istatwa bi *frieze* fuqhom. Fin-naħa ta' fuq għandha gwarniċ forma ta' trijangolu – *timpanon* – li darba kellu b'salib fuqu, filwaqt li taħtha għandha qisha xkaffa pulita ħierġa ftit 'il barra. Taħt l-ixkaffa hemm żewġ pizzi qishom pavaljun sempliċi tal-ġebel. Fin-niċċa hemm disinn ta' arzella sempliċi imma sabiħ ferm.

Ix-xbieha tal-Madonna hija magħmula minn ġebel tqil abjad. Bħal ħafna statwi ta' niċeċ oħra li nsibu fit-toroq tal-irħula tagħna din mhux magħruf min għamilha.

# Cutie Boutique

Issibulna ħwejjeġ minn trabi sa kbar b'ditti rinomati bħal blue sand, sottotono, Koalarao, Alph Adventure, Pink Shadow u ħafna oħrajn. Issibulna wkoll żraben, ħwejjeġ ta' taħt bħal abanderado, nottingham, pompea mami u ħafna oħrajn.

Cutie Boutique jinsab Triq il-Pal Mqabba.
Tel: 2164 1209
*Prezzijiet fenomenali*



**FGP** *The Garage Door People*







We supply ALL types of doors in PVC coated and galvanised steel and AUTOMATE them with REMOTE CONTROL, MAGNETIC KEY and CARD ACCESS systems







FGP LIMITED - GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS
49, VALLETTA ROAD, LUQA LQA 05 TEL: 2166 7107-8, 2167 3627 FAX: 2167 5384



Dehra oħra tal-Madonna tal-Karmnu.

Hemm min jgħid li d-disinn tagħha kien ta' Marjanu Ġerada għax tixbah statwi oħra li għamel dan l-iskultur kbir. Wisq probabbli, però, din l-istatwa ma għamilhiex hu minħabba li huwa maħsub li saret għall-ħabta tal-1880, meta dik id-dar li magħha qiegħda, li hija antikissima, kien sarilha xi restawr. Fl-1934 kien sar xi restawr fuq l-istatwa u n-niċċa, li għalih kien ħallas Karmenu Zammit, sid id-dar. Ta' kull sena dan Zammit kien iżejjen in-niċċa fis-16 ta' Lulju, nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Aspett interessanti huwa l-fatt li l-Madonna kienet titħalla mingħajr il-labtu s-sena kollha, imbagħad kien jitpoġġielha wieħed f'idha mit-12 sas-16 ta' Lulju. Jingħad li darba dal-labtu waqa' u sabitu mara li kienet marida. Wara li libsitu hija fieqet…[13]

## Għeluq

Mill-ftit tagħrif li rnexxieli niġbor jidher illi fl-imgħoddi l-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet rabbiet l-għeruq sewwa fl-Imqabba! Hija ħasra li ħafna tradizzjonijiet u devozzjonijiet antiki bħal dawn spiċċaw maż-żmien, mhux biss għaliex hija telfa mill-folklor għani tagħna, imma wkoll għax jista' jkun xhieda tat-telfien bil-mod il-mod tal-wirt nisrani ta' poplu Kattoliku li għandna aħna l-Maltin.

[1] Din hija teknika artistika popolari ħafna li biha l-artist ikun irid juri li l-persunaġġ li qiegħed ipinġi jew jiskolpi jinsab mehdi fit-talb.

[2] Dak iż-żmien kont offrejt li nħallas għar-restawr ta' dal-kwadru, imma b'xorti ħażina l-kappillan Bartolo ma kienx fi stat li jaċċetta l-offerta tiegħi minħabba li kien qiegħed isir il-ġbir biex jissewwew ħafna ħsarat serji li kien hemm fil-koppla.

[3] Eventwalment dan il-manuskritt kellu jkun il-bażi għall-volum ta' *Teżor fil-knejjes Maltin* li jinkludi l-knisja parrokkjali ta' Marija Assunta fl-Imqabba.

[4] Tony Terrible, *L-Imqabba*, manuskritt f. 18, Malta (bla data).

[5] Jonathan Farrugia, *Id-devozzjoni antika lejn Santa Katarina ta' Lixandra fl-Imqabba*, Programm tal-festa ta' Santa Katarina V.M. - iż-Żurrieq, Malta 2002, meħuda minn: A.A.V. *Visitatio Pontremoli 1634*, 67r.

[6] Tony Terrible, *ibid.*

[7] Valentin Borg-Guzman O. Carm., *Id-devozzjoni tal-Madonna tal-Karmnu f'Malta (1600-1800)*, Programm tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu – Valletta, Malta 1999, 17.

[8] Ir-raġuni għal dan huwa għax fil-pittura, apparti l-Madonna qed tiġi nkurunata mit-Trinità, jidhru wkoll San Ġużepp u Santa Katarina V.M. Peress li bħala artali Marjani li jiġbdu l-aktar qima kien (u għad) hemm l-artal titulari tal-Assunta u dawk tal-konfraternitajiet tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Immakulata Kunċizzjoni, u peress li ċ-ċentru tal-qima lejn Santa Katarina V.M. fl-Imqabba kienet il-knisja tagħha ftit bogħod mill-knisja parrokkjali, allura dan l-artal tal-Inkurunazzjoni aktar ġie assoċjat ma' San Ġuzepp milli mal-Madonna.

[9] Korrispondenza permezz ta' *email* ma' Dr. Keith Sciberras, 18 ta' Mejju 2005.

[10] *Il-festa tiegħu kienet tiġi ċċelebrata kull sena bil-kant tal-Għasar u bil-quddiesa kantata u l-prokuratur tal-Veneranda Lampade kien jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa. Il-festa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna kienet imbagħad tiġi ċċelebrata kull sena fit-2 ta' Lulju bl-Għasar u b'quddiesa letta.* (Tony Terrible, *op. cit.*, 11)

[11] Fil-lista tal-kleru Mqabbi (Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal cnisia tal Imkabba*, Malta 1927, 45-46.) Insibu żewġ saċerdoti li kien jisimhom Luca Zammit: l-ewwel wieħed ġie ordnat fid-19 ta' Diċembru 1670, filwaqt li l-ieħor irċieva l-ordni sagri nhar id-19 ta' Diċembru 1744. Peress li fl-1670 il-knisja parrokkjali preżenti kienet għadha mhux mibnija u sa dak iż-żmien m'hemm l-ebda referenza għal xi nkwadru tal-Madonna tal-Karmnu għajr dak li kien hemm fil-kappella ta' Santa Katarina V.M., wisq probabbli s-saċerdot li jissemma fil-legat huwa dak li ġie ordnat fl-1744, għalhekk il-legat nistgħu niddatawh fit-tieni nofs tas-seklu XVIII.

[12] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, Vol 80, f 116.

[13] Giovanni Farruiga, *Storja tan-niċeċ fl-Imqabba*, Malta 1999, 23.



Il-labtu tal-Madonna tal-Karmnu.



*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ lis-*

**Sur Carmel Briffa**

*f'għeluq l-40 sena ta' ħidma tiegħu fil-Kumitat*

# Dr Lorraine Pulis

B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths

21, Valletta Road, Mqabba MQB 9012, Malta
Tel: (356) 2164 7456 • Mob: (356) 9986 0028
Email: lpulis@maltanet.net

Office Hours:
Monday, Tuesday, Thursday and Friday: 5.00pm – 7.00pm
or by appointment

# Mobiltech

**Prop. John W. Cutajar**

## *Auto Electric Service*

**Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 9949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS
PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**



# Kwadru tas-Sagra Familja

kitba tas-Sur Mario Fenech

Ix-xbieha tal-Madonna f'xogħlijiet sbieħ ta' artisti magħrufa nsibuha ppreżentata b'diversi modi. Kull artist li xi darba jew oħra jidħol għal dan ix-xogħol jagħmel mill-aħjar biex ir-riżultat ikun wieħed tajjeb u li jressaq l-għajn lejn dik li nafuha bħala l-mara li tisboq kull ġmiel u tifħir tal-bniedem.

Nistgħu ngħidu li hekk xtaq li jagħmel artist mhux magħruf meta pinġa l-kwadru tas-Sagra Familja bix-xbieha tal-Madonna fiċ-ċentru tat-tila.



Il-kwadru tas-Sagra Familja li jinsab f'waħda mis-swali tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Kwadru li qiegħed f'waħda mis-swali tal-mużew tal-Katidral tal-Imdina skont ix-xewqa tal-Monsinjur Edoardo Coleiro mniżżla f'att notarili bid-data tal-5 ta' Frar 1993.

Biex l-attenzjoni tkun aktar fuq ix-xbieha tal-Madonna, l-artist ma pinġiex il-wiċċ tal-Bambin Ġesù għaliex dan għamlu jħares lejn il-Madonna filwaqt li qiegħed jerfa' 'l fuq drapp abjad li qiegħda żżommu bih il-Madonna fuq ħoġorha.

Il-figura ta' San Ġużepp mal-ġenb tax-xellug tat-tila narawha xi ftit nieqsa mill-kulur u ħaġa li mhux soltu narawha fil-kwadri ta' dan it-tip, il-Qaddis għandu f'idu ktieb u mhux is-soltu ġilju jew xi biċċa għodda ta' mastrudaxxa.

Id-drapp nieżel fuq in-naħa ta' wara tar-ras tal-Madonna u l-ġenb ta' siġġu bl-iskultura jagħtuna x'nifhmu li hawn l-artist ried jgħolli lil Marija fuq it-tron tagħha.

Ma nistgħux ngħidu li dan ix-xogħol huwa xi opra ta' livell artistiku għoli, iżda xorta jiġbdek lejh bil-ħlewwa li joffri lil kull min iħares bir-reqqa lejh. Lil din magħżula mis-sema biex tkun l-Omm t'Alla u tal-bnedmin kollha, imtellgħa fis-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem kull tifħir u kull glorja. Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa nersqu aktar lejn is-sagramenti**

*ħalli jkollna fina l-veru paċi u ferħ f'qalbna, kif tixtieq Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.*


Coca-Cola®
www.mycoke.com.mt

*Ġimgħa Marjana 2009*

# Marija bħala l-għalliema spiritwali tagħna



Dun Jonathan Farrugia
B.A. (Hons), B.A. Theol. & Hum. Stud., S.Th.B, S.Th.L

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' Għalliema Spiritwali Tagħna taf il-bidu tagħha mill-patrijiet Karmelitani li jħarsu lejn Marija bħala mudell ta' kif huma għandhom jgħixu l-ħajja tagħhom bħala aħwa ta' Kristu. L-ispirazzjoni kienu ġabuha minn waħda mill-invokazzjonijiet li bihom insejħu lill-Madonna fil-Litanija. Qed nirreferi għal meta lil Marija nsejħulha Tron tal-Għerf. L-għerf ovvjament hawn qed jirreferi għall-għerf ta' Alla, mhux għall-intelliġenza li kellha Marija bħala bniedma. Mill-Ordni Karmelitan din id-devozzjoni nxterdet mal-Knisja kollha. Il-festi li kienu jsiru fl-imgħoddi f'ħafna parroċċi u li llum għadhom isiru fi ftit parroċċi f'ġieħ il-Madonna tad-Duttrina huma ispirati appuntu minn din id-devozzjoni li kienu bdew il-Karmelitani.

Bħala silta biex jgħinuna nifhmu aħjar din it-tema għażilt vers mill-evanġelju ta' San Luqa. Spiss lil San Luqa fil-pitturi narawh qiegħed ipinġi ikona tal-Madonna, u fil-fatt hawn ħafna ikoni fid-dinja li skont it-tradizzjoni ġew impittra minn San Luqa.

Tnejn minnhom jinsabu hawn Malta, waħda fis-santwarju tal-Mellieħa u l-oħra fil-Katidral tal-Imdina. It-tradizzjoni tgħidilna li San Luqa kien 'ipitter' lil Marija mhux għax hu kien xi artist, imma għax fl-evanġelju tiegħu Marija hija mogħtija rwol li ma nsibux fl-evanġelji l-oħra.

Qabel ma tibda sewwa l-ġrajja ta' Ġesù, Luqa jpoġġi lil Marija bħala l-protagonista. Meta mbagħad Ġesù jibda l-ħajja pubblika tiegħu, Marija tieħu rwol sekondarju, imma dejjem tibqa' hemm. Imbagħad Marija terġa' titfaċċa bħala persunaġġ importanti fil-bidu tal-Atti tal-Appostli, ukoll kitba ta' San Luqa, meta naqraw li d-dixxipli kienu flimkien magħha fiċ-ċenaklu jitolbu.

Il-vers li ne nimmeditaw insibuh wara r-rakkont ta' meta r-rgħajja marru jaraw lil Ġesù tarbija ftit wara li twieled. Is-silta tispiċċa: "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha." [Lq 2,19]. Kelmiet sempliċi, li min jaf kemm-il darba smajniehom, imma li fihom tant x'nitgħallmu minnhom. Bħala nsara, ulied Marija u suppost devoti tagħha, x'għandna aħna naħsbu waqt li nħarsu lejn Marija bħala għalliema spiritwali tagħna? Naħseb li l-ewwel ħaġa li hemm bżonn inkunu konvinti minnha hi li għandna ħafna x'nitgħallmu mingħandha.

Żgur li matul ħajjitha kien hemm ħafna okkażjonijiet meta Marija waqfet u rriflettiet fuq il-ġrajjiet li kienet għaddejja minnhom. Nistgħu nsemmu meta kellha ż-żjara mill-anġlu, meta r-rgħajja u l-maġi marru jqimu lil binha tarbija, meta ma' Ġużeppi u binha kellha taħrab minn art twelidha biex issalva l-ħajja ta' Ġesù, meta ppreżentat lil binha fit-tempju u Xmun qalilha li binha għad iġib il-qawmien u l-waqgħa ta' ħafna u li sejf kellu jinfdilha ruħha, meta sabet lil binha fit-tempju wara li tilfitu, meta binha beda l-ħajja pubblika tiegħu, meta kienet tara lin-nies jiġru għal warajh, meta semgħet lin-nies jikkundannawh, meta ratu jmut fuq is-salib u meta lilha wkoll waslitilha l-aħbar li kien qam.

Żgur li f'kull waħda minn dawn l-esperjenzi, Marija kienet tieqaf u taħseb. Il-ħsieb ta' Marija ma kienx sempliċement il-ħsieb ta' omm li tifraħ meta binha jkun popolari, jew in-niket ta' omm meta tara lil binha qiegħed jinqatel bla ħtija. Il-



Dun Jonathan Farrugia waqt waħda mil-laqgħat waqt il-Ġimgħa Marjana 2009 li saret fil-kappella ta' San Bażilju, organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.






# A&A

## Stone Decorations

*For all kinds of stone works, fireplaces, coving, units, kitchens, BBQ's, etc...*

**We also do gypsum, plastering & painting.**

**Mob:**
(Alex) **9982 1402**



# Victoria's Beauty Parlour

VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 Mob: 7920 7158

Professional Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Manicures & Pedicures
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions

Aromatic Body
Beaute Neuve




GUINOT INSTITUT • PARIS
MARY COHR PARIS
dermalogica
ULTRATONE
MAKE-UP MADE IN ITALY EVA GARDEN by Paolo Guatelli



Fil-15 ta' Awissu 1939, ġrat diżgrazzja kerha, meta Carmelo Farrugia (id-Daqni), li kellu l-bottegin tal-każin, ħalla lil wieħed mit-tfal tiegħu, Joseph, fil-bar. It-tifel li kellu seba' snin sab xi porvli li kienu jikkargaw il-maskli bih u li bi żball kien tħalla fil-bottegin.  Ta' tifel li kien tah in-nar. Dak iż-żmien dawn il-maskli kienu jiġu kkargati fil-bitħa tal-Każin. Il-Bottegin ħa n-nar.  It-tifel bela' ħafna gass. Ħuh Philip li safa' maħruq ma mietx iżda Joseph miet dakinhar stess fil-għaxija.  Ta' min isemmi li dan ir-ritratt ta' Santa Marija ma ġralu xejn.

L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba tidher għadha fuq il-qabar tal-injam qabel ma dan inbidel ma' wieħed tal-fidda. Dan ir-ritratt kien jinsab fil-bottegin tal-Każin fis-sena 1939.

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

## UV PRINT — SCREEN PRINTERS

**We can create your Tops from A to Z**

**Numbers (small & large) • Printed & Embroider Logos**

- ***T-Shirts***
- ***Flags***
- ***Pvc Cards***
- ***Scarves***
- ***Banners***
- ***Clocks***
- ***Caps***
- ***Stickers***
- ***Small items***

**Triq in-Nassab, Qormi**
**Tel: 2144 0815 • Fax: 2144 0832 • Mob: 9942 9798**
**E-mail: uvprint@waldonet.net.mt**

ħsieb ta' Marija nistgħu ngħidu li kien riflessjoni dwar kif Alla kien qiegħed jimmanifesta ruħu f'dawn l-esperjenzi li hi kienet qed tgħix. U l-istess aħna fil-ħajja tagħna, jekk aħna rridu verament nixbħu lil Marija meta nikkontemplawha hi u taħseb fuq l-esperjenzi tagħha, irridu l-ewwel u qabel kollox nitgħallmu bħalha nirriflettu dwar kif Alla jista' jkun qed jipprova jkellimna fl-esperjenzi li ngħaddu minnhom fil-ħajja ta' kuljum tagħna.

Ma naħsibx li aħna se jkollna xi dehra ta' xi anġlu, jew li jkollna naħarbu minn pajjiżna għax xi ħadd ikun joqtlilna lil uliedna, imma żgur li fl-esperjenzi tagħna ta' kuljum Alla jipprova jkellimna wkoll. Forsi jkellimna permezz ta' xi ħadd qrib tagħna li jixtiqilna l-ġid, jew inkella jista' jkellimna permezz ta' xi ġrajja li ngħaddu minnha jew inkella permezz ta' xi ħaġa li tiġri fid-dinja.

Mela l-ewwel ħaġa li nitgħallmu minn Marija mill-aspett li qed inħarsu lejha llum hu li matul ħajjitna ma niddejqux infittxu l-ħin biex naħsbu fuq dak li għaddejjin minnu, u fir-riflessjoni tagħna naraw Alla x'qiegħed jgħidilna permezz ta' dawn l-esperjenzi.

Bħala għalliema tagħna Marija tgħallimna wkoll permezz tal-eżempju tagħha. Fil-prefazju tal-quddiesa ta' Marija bħala għalliema spiritwali naqraw dan il-kliem li ġej: "nitgħallmu minnha kif inħobbuk fuq kollox skont il-fehma tagħha, nikkontemplaw bla heda l-Verb tiegħek skont l-ispirtu tagħha u b'qalb bħal tagħha naqdu lil ħutna." Mill-ftit kliem u ġesti ta' Marija li nsibu fl-evanġelji nsibu ħemel ta' tagħlimiet. Fl-ewwel xena li fiha tidher Marija fl-evanġelju, jiġifieri meta jkollha t-tħabbira tal-anġlu nisimgħuha tgħid "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek."

Mela l-ewwel pass huwa li bħalha aħna wkoll nafdaw f'Alla minkejja li mhux dejjem nifhmu t-toroq li Hu jrid jgħaddina minnhom. Bħal Marija aħna għandna nwieġbu għas-sejħa ta' Alla bil-ġenerożità



L-attendenza numeruża li attendiet tul il-ġimgħa kollha waqt il-Ġimgħa Marjana 2009. Attività li issa daħlet sew fil-kalendarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

kollha tagħna u b'tama sħiħa fih li Hu mhux se jabbandunana. Fil-ktieb tal-proverbji nsibu li "l-bidu tal-għerf huwa l-biża' tal-Mulej". Biża' hawn ifisser rispett u mħabba. Marija kienet tħobb u tqim lil Alla tagħha, mela nistgħu ngħidu li hu għalhekk li fiha Alla poġġa l-għerf tiegħu.

Iżda d-dmirijiet tagħna sew bħala bnedmin, u aktar u aktar bħala nsara, ma jieqfux biss f'li nħobbu lil Alla. Ġesù jgħallimna li l-Liġi u l-Profeti jinġabru f'żewġ kmandamenti: ħobb lil Alla u ħobb lill-proxxmu. U dwar dan Marija ttina eżempju wkoll. L-ewwel ħaġa li tagħmel Marija hekk kif jitlaq l-anġlu hi li titlaq minn darha u tmur tgħin lill-qaribha tagħha li wkoll kienet qed tistenna tarbija.

Forsi nistaqsu, ġustament, kellha bżonn Marija tmur tgħin lil Eliżabetta? Aħjar sabet lil xi ħadd biex jgħin lilha ladarba hi wkoll issa kellha bżonn. Imma le. Marija qasmet il-ferħ tagħha għall-ħwejjeġ kbar li għamel magħha l-Mulej billi marret tagħti daqqa t'id lil min kellu bżonn. Fil-ferħ tagħna, meta ngħaddu minn xi eżami, jew nieħdu xi *promotion*, jew jirnexxielna nakkwistaw dak li nkunu nixtieqũ, jiġina naturali bħal Marija li mmorru naqsmu l-ferħ tagħna permezz tas-servizz lill-oħrajn?

Marija tkompli turina l-imħabba li għandu jkollna lejn xulxin bil-preżenza attiva tagħha fit-tieġ ta' Kana. Marija tinduna li hemm xi ħaġa ħażina, imma ma tieqafx hemm. Tmidd idejha biex tgħin lill-għarajjes. U dan tagħmlu billi tibgħathom għand binha. Bħal Marija aħna wkoll għandu jkollna din is-sensibilità għall-bżonnijiet ta' xulxin.

Imma ma nieqfux hemm. Meta nagħrfu li ħutna għandhom xi bżonn, apparti milli mmiddu jdejna biex ngħinuhom għandna niftakru, bħalma tgħallimna Marija, li nibgħathom, jew aħjar, inresquhom għand Ġesù biex ifittxu l-għajnuna mingħandu.

Darba wieħed studjuż kien qal li dwar Marija qatt ma nistgħu ngħidu biżżejjed. U għandu raġun. Biex inkunu tassew studenti ta' din l-omm u għalliema tagħna, ejjew nippruvaw nieħdu ftit aktar bis-serjetà dawn l-eżempji li hi tagħtina: li naħsbu fuq il-modi kif Alla qiegħed ikellimna f'ħajjitna, li nafdaw fih u li nippruvaw dejjem aktar inkunu ta' servizz għal ħutna. U fejn insibuha diffiċli ngħixu b'dal-mod, induru lejha. Marija, bħala ommna u bħala għalliema tagħna, żgur li mhux se tħallina waħedna, u żgur se tkun magħna fl-għażliet u fl-azzjonijiet tagħna.


Vast Range of Car Accessories
Tinted Glass Installation
Computer Cut Stickers
Stereos & Car Audio Equipment
KENWOOD
Xplod
Pioneer
Panasonic
JVC
Gabba
Auto Tint
Imqabba Road, Siggiewi
Tel: 21462537 Mob: 99486437


For Hire
Pickers
For Best Prices
9948 6437


Gabba
Tyres Service
Mqabba Road, Siggiewi
Mob:99246503



# Il-Gwarniċun Mekkanizzat Sorpriża 2008

kitba ta' Carlo Sciberras
President Sezzjoni Żgħażagħ

Ghaddiet il-Festa Titulari tal-2007, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagh iġġedded u dlonk ġew iddeterminati x'inhuma l-aspirazzjonijiet tagħna għas-sena 2007/2008. Mingħajr dubju l-miri ewlenin tal-Kumitat kienu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagh. Il-pożizzjoni kienet waħda u ċara; Ma tista qatt tiċċelebra anniversarju importanti u ma toħroġx b'idea innovattiva, dan propju għall-fatt li jkun pass xejn għaqli li tinvesti r-riżorsi f'xi ħaġa li tkun diġà saret minn xi ħadd ieħor.

Ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2007 kienu tassew impenjattivi fejn wara ħafna eżerċizzi ta' preparazzjoni mentali, l-element innovattiv tabilħaqq irnexxielu jirrenja fuq kull ħaġa oħra u bnejna stampa ċara ta' dak li verament irridu li jsir. Ir- riskji li kull oġġett oriġinali jġib miegħu kienu hemm, però ma qatgħulniex qalbna! Is-Sur Jerry Ghigo kien tassew strumentali sabiex irnexxielna nidentifikaw, nużaw u eventwalment niżviluppaw il-potenzjali kollha tal-proġett fl-ambitu tal-oriġinalità u kreattività. Is-Sur Patrick Ghigo kien inkarigat mid-disinn, u wara diversi ġranet ta' ħidma ġiet ippreżentata l-pjanta b'mod mill-aktar elaborata li ġiet approvata mill-Kumitat. Avviċinajna lis-Sur Alvin Livori fejn spjegajnielu x'għandna f'moħħna kif ukoll l-effett li kien ser jinħoloq permezz tal-mekkaniżmu fejn wara diversi ġranet ta' riċerka u konsultazzjoni, iddeċidejna li l-pittura kellha tkun waħda li tinkorpora fiha diversi personaġġi Bibliċi, biċ-ċentru tal-attenzjoni tkun il-Madonna. Is-Sur Livori li propju din is-sena ġie maħtur bħala delegat tal-briju rnexxielu joħloq kapulavur, bi ġmiel ta' pittura li turi lil Santa Marija meqjuma mit-Trinità Mqaddsa, San Ġużepp, San Pietru, San Ġorġ Martri, Santa Katarina ta' Lixandra, San Ġorġ Preca u San Pawl flimkien mal-anġli.



Lejn tmiem ix-xahar ta' Novembru, ix-xogħol fuq is-sistema ta' *hydraulic* kien diġà għaddej b'ritmu tajjeb. L-għan prinċipali tagħna kien li permezz ta' sistema kumplessa ta' *hydraulic* jinħoloq effett mill-aktar oriġinali bil-ħsieb li jdaħħal lil kull min ikun qed josserva l-movimenti f'sens kbir ta' imprevedibilità li ma tagħti l-ebda ħjiel jew ċans




Il-Gwarniċun Mekkanizzat, jaħdem eżattament hekk kif immaġinajnieh fl-istadji bikrija tal-proġett.



lil viżitaturi tal-Festa jbassru x'ser ikun ħa jiġri. Dan il-prinċipju kien tassew kruċjali sabiex eventwalment irnexxielna nkunu ta' distinzjoni mhux biss fl-Imqabba iżda fuq bażi nazzjonali. Iffurmajna diversi gruppi ta' voluntiera fejn kull grupp kellu l-għanijiet u l- isfidi tiegħu sabiex il-proġett li kien jirrikjedi ħafna ħidma f'setturi differenti seta' finalment jirnexxi f'ko-ordinament singulari f'TIM wieħed iggwidat minn aspirazzjoni waħda: **"Suċċess".**

Ix-xogħol kollu konness mas-sistema tal-*hydraulic* u l-movimenti kien fdat f'idejn is-Sur Jerry Ghigo li huwa d-delegat tal-briju fi ħdan il-Kumitat taż-Żgħażagħ, u s-Sur Marvin Tabone megħjunin minn diversi żgħażagħ oħrajn fosthom is-Sur Andrea Vannini. Ix-xogħol relatat mal-ġwarniċ u l-iskultura ħa ħsiebu s-Sur Chris Micallef li huwa wkoll delegat tal-briju fi ħdan il-Kumitat taż-Żgħażagħ. Wieħed jista' jimmaġina li sabiex proġett ta' din in-natura seta' jirnexxi kien hemm numru kbir ta' żgħażagħ involuti bil-ħidma tagħhom li fi spazju ta' paġna huwa impossibbli li nsemmihom kollha. Minn hawn nirringrazzjahom kollha kemm huma tal-għajnuna tagħhom tul xhur sħaħ li wassluna sal-Jum Storiku tat-13 ta' Awissu 2008.

Il-mument tal-verità kien wasal u wasal bil-kbir. Propju fil-Marċ tal-Aħħar Tridu beda tiela' x-xogħol tagħna li ħalla lill-folla preżenti affaxxinata bl-isbuħija tal-arti u l-effett u preċiżjoni tax-xogħol mekkaniku. Is-sagrifiċċji kbar li għamilna flimkien ġew ippremjati bl-approvazzjoni ta' kull min kien preżenti. Huwa fatt ukoll li l-Gwarniċun Mekkanizzat spiċċa meqjus minn bosta bħala l-isbaħ u l-iktar sorpriża oriġinali fil-Festi ċċelebrati fil-Gżejjer Maltin fis-sena 2008.




Uhud miż-Żgħażagħ involuti fil-proġett fl-istadji bikrin tax-xogħol relatat mal-pittura - Fejn Hemm l- Għaqda Hemm is-Saħħa!





*Mill-Kummissjoni Plančier*

kitba tas-Sur Benjamin Camilleri
Delegat

# Plančier Artistiku għall-Banda Re Ġorġ V

Hekk kif għaddiet sena oħra, huwa xieraq li filwaqt li nagħtu stampa li turi l-istadju li fih wasal il-plančier, naqsam ukoll magħkom il-qarrejja ta' dan il-ktejjeb xi ħsibijiet fuq l-istess proġett.

Kien lura għas-sena 2004 meta l-plančier kien għall-ewwel darba ppreżentat fil-Pjazza tar-raħal sabiex iservi bħala pjattaforma għall-Banda Re Ġorġ V u baned oħra mistiedna waqt il-festi ad unur Marija Assunta. F'dawn is-snin ħdimt bla heda fuq dan il-proġett, filwaqt li l-għajnuna finanzjarja jew manwali li taw numru ta' partitarji kienet ukoll ta' sostenn tul dawn is-snin.

Kif wieħed jista' jara mir-ritratti stampati ma' dan l-artiklu, fost diversi xogħolijiet li twettqu, is-sena li għaddiet sar xogħol estensiv fuq l-istruttura u d-dekorazzjoni tal-faċċata li kienet tinkludi wkoll id-disinn u l-bini ta' tarag ġdid li jwassal għal fuq il-plančier.



Il-plančier artistiku armat fil-pjazza tar-raħal.

Dan ix-xogħol ta' ristrutturar kellu jsir hekk kif ix-xogħol li kien sar fuq il-pjanijiet preżentati mid-disinjatur preċedenti ma setgħux ikomplu jiġu żviluppati minħabba diżlivelli u proporzjonijiet tal-istess disinn.

Sal-lum sar ħafna xogħol u wieħed jista' jgħid li mhux maħsub li għad baqa' xogħol daqs kemm diġà tlesta, iżda l-appell għall-għajnuna finanzjarja huwa wieħed kostanti hekk kif f'dawn l-aħħar snin kien hemm ċirkostanzi meta kelli personalment ukoll nagħmel tajjeb finanzjarjament. Huwa ferm importanti li wieħed mhux biss jifhem dan l-appell għal donazzjonijiet, iżda huwa importanti wkoll li fattwalment dawk il-partitarji li, b'dispjaċir ngħid, sal-lum għadhom qatt ma taw il-kontribut finanzjarju tagħhom għal-dan il-proġett, din id-darba jersqu 'l quddiem biex jagħtu kontribut xieraq.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi b'awguri u tislijiet lir-residenti kollha tal-Imqabba u dawk kollha li jogħġobhom jonorawna bil-preżenza u l-parteċipazzjoni tagħhom tul il-jiem tal-Festa.



Dehra tal-faċċata tal-plančier artistiku.



















Lavur
Qoxra tal-Fil
Fireplaces

MAKSAR
Stone Decoration
1, St. Mary Garage, 12th May Street, Żebbuġ
Tel: 21 450 593 | Mob: 99 472 993







F'SANTA MARIJA, L-IMQABBA
St. Mary
FIREWORKS FACTORY
14 t'Awwissu, 9.30pm
15 t'Awwissu, 7.00pm
Wirjiet b'elementi ġodda u innovattivi
Rebbieħa tal-Kampjonat Dinji tan-Nar
Caput Lucis, Ruma, l-Italja - 2007
L-Ewwel Rebbieħa tal-Festival
tan-Nar ta' Malta - 2006

# JMC
## Real Estate

**the leader in best value properties**
**estate agents, developers, valuers**

**79231275 – 2789 5826**
**123, Għajn Dwieli Road – Paola**

***Property on sale direct from owner***

**Siġġiewi Large 3 bedrooms apartment**
Garage optional – €110,645 (Lm47,500)

**St. Julians – Furnished Corner 3 Bedrooms**
apartment – €151,409 (Lm65,000)

**Msida – New on the market**
2 Bedrooms finished apartment – €100,163 (Lm43,000)



*Messaġġ mil-Licensee*

is-Sur Joseph Camilleri





# Spettakli kbar ta' nar

Meta qed nikteb dan il-messaġġ bil-għajnuna tal-għażiża Ommna Santa Marija, il-Kamra tan-nar tagħna qiegħda fl-eqqel tal-preparamenti għal Festa oħra grandjuża kif taf tagħmel l-Għaqda tan-Nar tagħna. In-nar fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba sar xi ħaġa annwali fejn eluf ta' Maltin, Għawdxin u turisti jiġu bi ħġarhom fl-Imqabba biex jitpaxxew bl-arti piroteknika fil-Festa tagħna.



Barra minn hekk l-Għaqda tagħna tiġi mistiedna f'ħafna okkażjonijiet biex tesebixxi n-nar tagħha matul is-sena kollha. Bħalissa baqa' daqs ħmistax oħra biex l-Għaqda tan-nar tagħna tagħti esebizzjoni oħra kbira ġewwa n-Nadur Għawdex fejn dawn in-nies fdaw fl-Għaqda tagħna biex tagħmel din l-esebizzjoni kbira tan-nar. Għalhekk bħalissa l-Għaqda tan-nar tagħna qed tipprepara bil-kbir għal ġewwa n-Nadur u għall-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Bħal dejjem, l-Għaqda tan-nar tagħna dejjem kienet minn tal-ewwel li tagħmel xogħol ġdid fil-qasam tal-piroteknika.

Din is-sena wkoll l-Għaqda tan-Nar tagħna ppreparat ħafna affarijiet ġodda li min jiġi fil-Festa ġewwa l-Imqabba żgur li ħa jitpaxxa b'dawn l-affarijiet ġodda flimkien ma' ħafna nar ieħor. Barra 'l ħafna nar li hemm ippreparat għall-Festa ta' din is-sena, Lejlet il-Festa ħa jkun hemm esebizzjoni bi spettakli ta' nar fosthom kliem miktub bin-nar u ħafna affarijiet oħra ġodda li ser jiġu ppreżentati ġewwa l-Imqabba għall-ewwel darba. Bħal kif isir dejjem, ser ikun hemm settijiet tas-sitta ta' murtaletti bil-logħob li jiġu maħruqin fit-Tranżulazzjoni. Ma' dan in-nar ukoll matul il-ġimgħa tal-Festa, ħa jkun hemm ħafna nar ieħor bħal murtali tal-murtaletti bil-logħob, beraq pront, u anke murtali tal-kulur.



F'kelma waħda, bl-għajnuna ta' Ommna Santa Marija żgur li dawk li jiġu ġewwa l-Imqabba matul il-ġimgħa tal-Festa ser jitpaxxew b'xi ħaġa jew oħra.

Wara dan kollu, irrid nirringrazzja lill-bravi membri tal-Għaqda tan-nar tagħna li jagħmlu sagrifiċċji kbar biex inkunu nistgħu nferrħu lil dawk in-nies li bħal kull sena jiġu jżuruna ġewwa raħalna. Barra li nirringrazzja lill-membri tagħna, irrid ukoll nirringrazzja lill-familji tagħna li bħalna żgur jagħmlu ħafna sagrifiċċji matul is-sena biex aħna nkunu nistgħu naħdmu n-nar. Mela qabel ma nagħlaq dawn il-kelmtejn nerġa' mill-ġdid inheġġeġ lill-Maltin u anke l-Għawdxin biex fl-14 t'Awwissu 2009 jiġu ġewwa l-Imqabba biex flimkien nitpaxxew b'dawn l-ispettakli pirotekniċi li jafu jagħmlu l-membri tagħna tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija.

Wara dawn l-ispettakli ta' nar tal-ajru sinkronizzat u innovattiv għall-aħħar, ikollna spettaklu kbir ieħor din id-darba ta' nar tal-art mekkanizzat li bħal dejjem dawn il-membri dejjem iħabirku sabiex jippreżentaw nar tal-art ġdid. Dawn ukoll ħaqqhom kull tifħir tax-xogħol u sagrifiċċji li jagħmlu biex ikunu jistgħu jferrħu lil dawk l-eluf ta' Maltin u anke barranin li jiġu jżuruna fil-Festa tagħna.

Ma nistax ukoll ma nsemmix is-sehem tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija billi offriet diversi spettakli ta' nar tal-art fi rħula oħra fosthom ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex, bħala parti minn attività organizzata mill-Kunsill Lokali, għall-festa tal-Madonna ta' Fatima ġewwa

transfer your fantasy into reality!



**Aldo Ritchie**

'Madonna ta' Pinu',
Triq il-Ħarriġiet
Mqabba ZRQ 08
Tel: **21641032**
Mob: **9946 5963**
e-mail: **alnaca@onvol.net**

Fantasy Flowers

Flowers for weddings, engagements, etc
Invitations & Souvenirs



Vierge Hair Salon
by Sonia

St Innocent Street, Mqabba, Malta
Tel: (356) 2168 3175 • Mob: (356) 7920 8040

Opening Hours: Monday Closed • Tuesday: 09.00hrs till 17.00hrs
• Wednesday: 09.00hrs till 14.00hrs
• Thursday: 12.00hrs till 18.00hrs
• Friday & Saturday: 09.00 till 18.00hrs





l-Pietà u spettaklu ieħor propju ftit wara l-Festa ta' Santa Marija ġewwa Raħal Ġdid għall-festa ta' Lourdes. Għeżież partitarji, ma tistax l-Għaqda tan-Nar tagħna ma tgħidx grazzi kbira u mill-qalb lill-benefatturi kbar tal-Għqda tan-Nar tagħna, lis-Sinjuri Wenzu Ellul magħruf aktar bħala *Ta' Katrinu*, u lil ħutu kollha ta' kull għajnuna li meta kellna bżonn dejjem sibnihom warajna. Dawn dejjem issibhom lesti biex minn qalbhom jagħtuna kull għajnuna li jkollna bżonn.

Irrid ngħid grazzi lill-aħwa Zahra magħrufin bħala *Ta' Sinna* fosthom Joe, Nenu u anke Salvu tal-għajnuna kbira li dejjem taw lill-Għaqda tan-Nar tagħna. Grazzi lil kulħadd mill-qalb. Wasalt fl-aħħar tal-messaġġ u jekk insejt lil xi ħadd niskuża ruħi bil-quddiem. Biss irrid nirringrazzja wkoll lil dawk is-sidien tar-raba' li dejjem ħallewna nużaw l-għelieqi tagħhom.

Grazzi wkoll lill-Kumitat Eżekuttiv, lill-Kumitat taż-Żgħażagħ u anke tan-Nisa, tal-appoġġ kontinwu li dejjem sibna min-naħataghhom. Irrid nirringrazzja lill-korp tal-pulizija u lill-kleru, lis-Surmast tal-Banda u anke lill-Kunsill Lokali tal-koperazzjoni li dejjem sibna min-naħa tagħhom. Għeżież partitarji, bħalma dejjem kontu ġenerużi bid-donazzjonijiet tagħkom, inħeġġiġkom terġgħu tkunu ġenerużi għax bil-materjal dejjem jogħla għandna bżonn l-għajnuna tagħkom biex inkunu nistgħu bħal dejjem nagħmlu Festa fejn jidħol in-nar li tkun tixraq lill-Wisq għażiża għalina l-maħbuba Ommna Marija Assunta.

Wasalt biex nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, imma qabel xejn għeżież partitarji u benefatturi nappella bħal kif dejjem għamilna, nieħdu pjaċir fil-Festa tagħna u nkunu ta' eżempju ta' kif għandha tiġi ċċelebrata l-Festa tagħna mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd la bi kliemna u lanqas b'għemielna. Għażiża Santa Marija kompli ndokra mis-sema lilna u l-familji tagħna.

Aħna nħobbuk bħal dejjem kif inti tħobbna mis-saltna tiegħek. Grazzi lil kuħadd u nixtieq il-Festa t-tajba lill-Maltin u l-Għwdxin kollha li matul il-ġimgħa tal-Festa jiġu jieħdu gost magħna. Nawgura wkoll il-Festa t-tajba lis-Soċjetà tagħna kollha, lill-benefatturi kollha u lill-Imqabbin kollha. Il-Festa t-tajba lil kulħadd u fuq kollox nitlob lill-Wisq maħbuba tagħna l-Verġni Ommna Marija Santissma, biex dejjem teħlisna bħalma dejjem għamilt minn kull tiġrib. Viva Santa Marija, il-Patruna tal-Univers u tal-Imqabbin kollha.







SNACK BAR & PIZZERIA
& TAKE AWAY
Grills & Snacks
Appetizers
Entertainment
Amusement Games
Billiards & Snooker
WE SPECIALIZE IN
FENKATI & HORSE MEAT
LIVE SPORTS ON BIG SCREENS
THE VENUE
Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Tel: 21642487 Mob: 79730248 / 99447883



# Programm tan-Nar



## Il-Ħamis, 30 ta' Lulju
*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

## Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu
*Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ tal-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

## It-Tlieta, 11 ta' Awwissu
*L-ewwel jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

## L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu
*It-Tieni jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu
*It-Tielet jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu
*Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Tranżulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzati mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar tal-art mekkanizzat.

## Is-Sibt, 15 ta' Awwissu
*L-Għid tal-Assunta*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

## Is-Sibt, 22 ta' Awwissu
*L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

---

## Nota mill-Bord Editorjali

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li kien sar fis-sena 2006, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata bir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar organizzat ġewwa Ruma l-Italja, Caput Lucis 2007.

# Tahabel Limited

Prop: J. Ferriggi

*Rope & Chair Dealer*

*Fejn issibu kull tip ta' spag*
*u tajjar għax-xogħol tan-nar.*

'St. Catherine', John Borg Str.,
Żejtun ZTN 05 - Malta
Tel: 2167 3589 – Mob: 9947 0351 – Fax: 2169 2894



# BRIAN & JAMES GREEN

**FUNERAL SERVICE**

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959

"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880



# Il-Battalja ta' Lepanto u l-Imqabba

Kitba tas-Sur Giovanni Battista Farrugia
Storiku

Il-ġrajjiet tal-imgħoddi huma dejjem tifkira ħajja tal-lum. U kif dejjem nghidu, ejja naraw kif ħadmu niesna u kif taw xhieda ta' dak li emmnu fih. Fost ħafna riċerki jew kitba li ltqajt magħhom sibt dan il-vers 'Lepanto u l-Imqabba'[1] fid-dokumenti ta' Giuseppe Falzon. Din hija kitba antika u f'wieħed mid-dokumenti, sibt paġna li kien fiha Imqabbin f'Lepanto, eżattament ħamsa minnies li huma Giuseppi Farrugia, u Karmenu Zammit filwaqt li t-tlieta l-oħra isimhom mhux imniżżel. Dawn kienu marru fuq ix-xini *Santa Maria della Vittoria* u hawn Giuseppi Falzon, kjeriku, għadda l-karti kollha lil Turu Dimeck, kittieb tar-Rumanzi. Jiena xorta bqajt insegwi dawn id-dokumenti tant importanti[2]. Ma' dawn il-ħames Imqabbin marru rġiel miż-Żurrieq, Carmelo Camilleri, Dion Pace, Giuseppi Bugeja u ħamsa oħra. Marru erbgħa mill-Qrendi kif ukoll nies minn Ħal Luqa. Din il-kitba swietli ħafna ħin, verifiki, aktar riċerki fil-bibjoteka u dan ma kienx faċli. Sibt koperazzjoni kbira però d-diffikultajiet ma naqsux.

Tajjeb qabel xejn inkunu nafu dwar l-istorja ta' Lepanto li saret fis-7 ta' Ottubru 1571. Kienu ħadu sehem barra x-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann, xwieni minn Venezja, l-Kroazja, San Marino u l-Awstrija. Però skont xi storiċi l-Kavallieri li telqu minn Malta bi xwieni armati sa snienhom, kważi kienu fuq quddiem nett. Din kienet battalja importanti għax kienet rebħa tal-Ordni ta' San Ġwann flimkien ma' nazzjonijiet oħra. Din il-battalja kienet tat rebħa fuq l-imperu Ottoman fis-7 ta' Ottubru 1571. Rebħa ta' importanza storika għall-Ewropa u għad-dinja kattolika[3]. Din il-battalja poġġiet lill-belt ta' Navpactos bħala ċ-ċentru storiku għall-Ewropa. Din il-battalja ma bdietx u spiċċat fis-7 ta' Ottubru 1571. Kien ilhom isiru attentati mix-xwieni Torok, l-iktar fuq xwieni tal-Kavallieri ta' Venezja u San Marino. Fil-fatt bejn Lulju u Awwissu tas-sena 1571, xini kbir Venezjan ġie rrapurtat li ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu. Mela hawn nistudjaw li dawk l-inħawi kienu perikolużi ħafna kif tgħid l-idjoma Latina – *Alea Iacta Est* – li tfisser ma kinetx sitwazzjoni feliċi[4]. Lepanto tissemma f'kull paniġierku ta' Santa Marija għall-fatt li din intrebħet żgur bil-għajnuna ta' Marija Assunta. Propju fil-15 ta' Awwissu 1571 kulħadd kien ippreparat u lest b'kuraġġ kbir għal din il-battalja tant importanti, li ġiet sitt snin biss wara li kellna r-rebħa tal-Assedju l-kbir fis-sena 1565.



Pittura tat-taqtiegħa mdemmija bix-xwieni Ottomani u dak tas-Sacra Liga (l-Għaqda Mqaddsa) segwita u mħarsa mill-Missier Etern u l-Madonna.

Mela l-ewwel ma telqu kienu it-tliet xwieni ta' *Santa Maria della Vittoria*, *San Ġwann* u *San Pietru*. Taħt il-kmand ta' Pietru Giustiniani, wieħed jinnota li bil-vittorja li għamlu l-kavallieri fl-Assedju l-Kbir tal-1565, l-imperu Ottoman iddgħajjef qatigħ tant li skont studju li sar dwar din is-sitwazzjoni, il-pirati Torok kienu jibqgħu qrib Navpaktos biex jekk ma min jiltaqgħu jkun b'saħħtu iktar minnhom, huma jkunu fil-qrib għall-għajnuna. Wara dawk ix-xwieni l-kbar ħarġu tlieta oħra, bil-munizzjon, ikel u ilma waqt li bdew jingħaqdu magħhom xwieni oħra minn Venezja, San Marino u l-Awstrija. Kienet battalja qalila li attakkathom, ħasdithom u qerdet lil dawk Torok.

[5]Fl-istorja jew fit-taqbida ħarxa ta' Lepanto nsibu lil Navpactos, fiha port mill-isbaħ u li għandha

# The Village Shop

Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba

**Fejn tista' ssib stationery, affarijiet ta' Disney, bjankerija, underwear, detergents, kartolini, rigali g˙al kul˙add u ˙afna aktar affarijiet bi prezzijiet ir˙as.**

Ħinijiet: Tnejn - Ġimgħa • 9.00 - 12.00 – 16.30 - 19.00
Is-Sibt • 9.00 - 12.30
Il-Ħamis filgħaxija nkunu magħluqin

**Mobile: 7929 6500 / 7927 6444**

# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

New Street, Luqa • Tel: 2180 9351




## Rose Stationery & Gifts

*Stationery - Accessories - Gifts - Haberdashery*
*Cell Phones - Underwear - School Bags*
*Photocopy Service in Black/Colour - Binding*
*and more ...*

*@ unbeatable prices!*

*134 Triq il-Konvoj ta' Santa Marija*
*Mqabba*
*Tel: 27023239*

l-għeruq tagħha midfuna fi żminijiet imbiegħda saħansitra qabel Kristu. Tant hi ta' importanza kbira li kitbu dwarha l-aqwa kittieba Griegi, fosthom Thucyclides, Aeschylus, Pafsanias u Xenophon. Kienu jarawha ta' importanza kulturali kemm ir-Rumani, il-Biżantini, il-Venezjani, it-Torok u saħansitra l-istess Griegi.

[6]Fis-sena 1551 qabel Kristu, Navpactos inħakmet minn terremot kbir li kważi qeridha għal kollox. Fis-sena 896 kienet dikjarata bħala metropolis mill-Biżantini u fl-1407 ġiet maħkuma mill-Venezjani filwaqt li fl-1499 intrebħet din id-darba mit-Torok. Fis-sena 1687 intrebħet mill-ġdid mill-Venezjani u fil-1699 ġiet mogħtija lit-Torok sakemm fit-18 t'April 1829 ġiet meħlusa darba għal dejjem u saret l-art tal-Greċja.

L-iktar li tissemma Navpaktos hu għal din it-taqtiegħa li saret biswit id-daħla pittoreska tal-port tagħha. Kien hawn li bosta mill-Maltin tilfu ħajjithom meta ssieltu bla heda flimkien ma' kavallieri ta' San Ġwann fis-*Sacra Liga*.

Kienet Għaqda Qaddisa taħt il-Kmand tal-Prinċep ta' Spanja Don Juan, filwaqt li l-Ammiral Tork kien Mouzin Zante Ali Pasha. Hekk Malta li kienet kburija bir-rebħa tal-1565, daqstant ieħor kienet kburija li tat sehemha bil-kbir fit-taqbida ta' Lepanto. Rebħa għal Malta, għall-Ewropa u għad-dinja fi żmien il-Gran Mastru Pietro del Ponte.

Hawn rajna ftit mill-istorja li għaddew minna missirijietna u li ħallew ħajjithom għal dak li kienu jemmnu fih. Il-poplu ta' din il-Gżira japprezza ħafna l-istorja ta' Navpactos u jistudja wkoll l-istorja tagħna ċioe' dik Maltija għax bħalna għandhom storja ta' qlubija, taqtiegħ il-qalb, telf u fuq kollox rebħ ukoll.

Hawn tajna ftit informazzjoni dwar il-battalja ta' Lepanto. Din hija storja ftit twila u kkumplikata però ktibna din l-informazzjoni biex wieħed ikollu idea x'sar. Il-ħamsa min-nies Imqabbin, li sfortunatament tnejn biss nafu isimhom, dak ta' Giuseppe Farrugia u Karmnu Zammit jissemmew f'kitba oħra[7] flimkien ma' nies minn Ħal Luqa, li jidher li kienu marru numru tajjeb fosthom Stiefnu Magro, Indri Farrugia u xi sitta oħra minn Ħal Luqa. Marru wkoll numru miż-Żurrieq, minn Ħaż-Żebbuġ u bnadi oħra. Dawn kienu fuq ix-xwieni *Santa Maria della Vittoria* u fuq ix-xini *San Pietru*. Kien ftit baħar imċaqlaq meta telqu. Però telqu b'kuraġġ kbir u determinati li jirbħu kif rebħu fl-Assedju. Dawn kienu jagħmlu mal-Għaqda Guardia ta' San Ġwann. Kienu armati sa snienhom. Warajhom



San Pietru, Santu Rokku, San Ġustinu u San Mark jitlobu lill-Madonna għall-flotta Kattolika fil-gwerra ta' Lepanto - Pittura ta' Paolo Veronese.

ħarġu xi xwieni oħra mgħobbija b'xi affarijiet tal-bżonn bħal ikel, ilma u munizzjon. Lepanto saret taqtiegħa kbira fejn intilfu ħafna nies. Minn xi studji jidher li l-iktar li ntilfu kienu Torok. Kienet telfa kbira għat-Torok. Min-naħa tal-Kavallieri, ta' Venezja u l-oħrajn, ukoll kien hemm telf. [8]Il-battalja ta' Lepanto kienet rebħa għall-Ewropa u għad-dinja tant li ġiet segwita ħafna. Dak iż-żmien din il-verżjoni ħarġet minn studjużi Griegi.

[9]Meta ġew lura niesna (għalkemm xi wħud minnhom baqgħu ma rritornawx), għamlu festi kbar lill-Madonna f'Santa Marija tal-Ħerba ġewwa Birkirkara, Santa Marija tal-Ħlas ġewwa Ħal Qormi, Santa Marija tal-Faqqanija ġewwa l-Imqabba, Santa Marija tal-Ħniena ġewwa l-Qrendi, Santa Marija tal-Gwerra ġewwa s-Siġġiewi, u Santa Marija Ta' Mamo ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Din id-devozzjoni damet issir f'dawn il-knejjes għal bosta snin (1572 – 1672 – 1772). Dawn il-knejjes huma xhieda tal-fidi soda ta' missirijietna u tant ieħor ta' informazzjoni storika mill-ikoni li ġew imħollija u li ħafna minnhom għosfru maż-żmien. Dawn tawna ħafna studju storiku għax għenu ħafna fir-riċerki tal-istorja. Però peress li ġara li ġara rridu nitħabtu iżjed biex insiru nafu l-verità tal-fatti.

[10]Wieħed mir-riżorsi ewlenin għar-riċerka storika huma s-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar, u xhieda oħra tal-Papa Piju VI li fil-Breve tal-1826 ta wkoll indulġenzi kbar. Kwadru numru 69 li hemm fil-mużew hu wkoll xhieda kbira ta' din it-taqbida storika u skont Mons. Profs A Bonnici[11] ta x'wieħed jifhem li l-viżti tas-seba' Santa Marijiet bdew f'dawn iż-żminijiet u tkomplew wara taħt forma jew oħra. Insibu wkoll il-festi li saru fis-sena 1772[12] minn Soċjetajiet ad unur Maria Santissma u 77 fratellanza taħt xi titolu tal-Madonna. Barra dawn insibu Soċjetà antika *Mater Boni Consigli*, Santa Marija tal-Ħniena u Marija Omm il-ħniena li wara għamlu kappella u semmewha Santa Marija tal-Ħerba. Żmien wara, sar il-Leġjun ta' Marija li ħaddem u qed jaħdem bis-sħiħ biex ixerred id-devozzjoni lejn Marija. Dawn huma fatti l-iktar konkreti kemm il-kbira Reġina tas-Sema u l-Art, Santa Marija fit-tlugħ




*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992

tagħha fis-Sema dejjem ħasbet f’Malta. Tul l-istorja kollha ta’ din il-ġżira ma hemmx qalb ta’ Malti li ma tħabbatx bl-imħabba għal Marija Santissma u jien inżid li ma jistħoqqlux jissejjaħ Malti min ma jħobbx lil Marija. Ir-ritratt tal-ikona li jidher hu xhieda kbira għall-fatti li ktibna dwarhom.


Pittura oħra li turi l-battalja ta’ Lepanto, li ġrat nhar is-7 ta’ Ottubru 1571.

Referenzi

[1] Giuseppi Falzon, Dokumenti antiki – Storiku, Żurrieq.
[2] Turu Dimeck – Storiku u Rumanzier.
[3] Profs. Toni Hatzidimitriou – Studjuż Grieg – Università ta’ Ateni.
[4] Paniġierku minn Patri Fiorini fis-sena 1957.
[5] Minn dokumenti tal-Profs. Saydon.
[6] Informazzjoni li tani Profs. Andrew Vella O.P.
[7] Loreto Vella – Storiku - Żebbuġi.
[8] Profs. Toni Hatzidimitriou – Studjuż Grieg – Università ta’ Ateni.
[9] Loreto Vella – Storiku - Żebbuġi.
[10] Santwarju tal-Grazzji ta’ Dun Gius. Zarb P.59, 60-39; Seba’ Festi P.57.
[11] Mons. Profs. A Bonnici; Marija u Malta.
[12] Malta P.935 – Annuario Diocesi di Malta, Loreto Vella vol.15, p.13; Giov. Segno – Storia ta’ Malta.


Sunray Butcher

40, Church Square, Mqabba
Tel: 2168 3690

G˙al kull kwalità ta’ La˙am Frisk,
Ti©ie© u Fniek, Bajd, eçç



POWER WAGON GARAGE

V.R.T. Station
Triq ta’ Kandja, Siġġiewi
*Victor Attard*





*Tel: 2146 6111 Tel/Fax: 2146 2635*
*Mobile: 9949 8736*

# Private Tuition

- Mathematics & Physics: Forms 3, 4 & 5 (Sec)
- Pure Mathematics Intermediate & Advanced

*Locality: Mqabba / Żurrieq*
*Contact: M. Debattista B.Ed (Hons)*
***Mob: 7970 7458***

Smina
POULTRY PRODUCTS
QUALITY GUARANTEED

**San Dawtar,**
**Fawwara Road, Siġġiewi**
**Tel: 2146 6180**
**2146 5922**
**Mobile: 7979 1210**

**Free Delivery**

Fresh Quality Products

# C.D.S.

Aluminium Works

**Sejba Road Mqabba**
**For a Free Estimate Contact:**
**Carmel D. Spiteri**
**Mob: 9949 4304, 7999 3816**





# Il-Maġġur Anthony Aquilina

## *Is-Surmast tal-Marċi Maltin*

Kitba tas-Sur Victor Galea
Kompozitur u Awtur

L-ammirazzjoni li jien għandi lejn il-Maġġur Anthony Aquilina hija kbira u din tidher propju fil-marċ stess li jiena kkomponejt fuq arranġament mużikali tas-Surmast Alfred Farrugia u semmejt għal dan is-Surmast tal-Marċi Maltin – 'Tislima lill-Maġġur'. Dan mhux biss, għaliex propju s-sena l-oħra jiena ppublikajt bijografija ta' dan l-istess Surmast. Illum qiegħed nikteb dan l-artiklu sabiex fi ftit kliem infakkar lil dan il-persunaġġ li ta kontribut kbir lill-mużika f'pajjiżna. Propju s-sena d-dieħla jaħbat il-25 anniversarju mill-mewt tal-Maġġur, u għalhekk qed nikteb dan l-artiklu sena qabel sabiex permezz tal-kitba tiegħi nheġġeġ lil dawk il-każini tal-banda li b'xi mod jew ieħor kellhom konnessjoni diretta jew indiretta ma' dan is-Surmast. Inħeġġeġ anke lil dawk il-każini tal-banda li għandhom fil-librerija tagħhom marċi tal-Maġġur Aquilina. Minn issa nappella sabiex is-sena d-dieħla nagħrfu nfakkru dan l-anniversarju filwaqt li nsellmu lill-Maġġur Anthony Aquilina għax-xogħol siewi tiegħu. Bil-marċi tiegħu, il-Maġġur Anthony Aquilina għaraf jifraħ hu u jferraħ lil ħafna u għalhekk xieraq li sabiex infakkru dan l-anniversarju, fejn dejjem hu possibbli, jindaqqu l-marci ta' dan is-Surmast.

### Tagħrif Ġenerali dwar il-Maġġur Anthony Aquilina

Il-Maġġur Anthony Aquilina twieled nhar il-25 ta' Lulju 1906. Iben Indri Aquilina u martu Filippa, imwielda Bugeja. Tgħammed l-għada, jiġifieri fis-26 ta' Lulju fil-knisja ta' San Filep, f'Ħaż-Żebbuġ stess. L-ismijiet propja tiegħu huma Paul, Philip u Joseph iżda kulħadd jafu b'Ninu jew Anthony. Ta' min isemmi li Ninu kellu żewġ ħutu oħra li kienu t-tnejn bniet, Filippa u Marija.



Il-Maġġur Anthony Aquilia meqjus bħala s-Surmast tal-marċi Maltin.

Meta dan it-tfajjel beda jitfarfar, nibtu fih żewġ xewqat li dejjem xtaq li jwettaqhom, jiġifieri li jitgħallem idoqq strument tal-banda u wkoll jingħaqad mal-militar. Meta kellu madwar tmien snin, it-tfajjel Toninu tħajjar jingħaqad mal-Banda San Filep, li magħha kellha bħala assistent surmast lis-Sur Wiġi Said, li mill-ewwel intebaħ li l-alliev li kellu quddiemu barra li kien moħħu tajjeb, kien imżejjen b'talent mużikali aktar min-normal. Ħass li kellu jħarrġu b'dak kollu li jaf hu biex aktar jinkoraġġih. Seħħlu jitgħallem l-istrument, il-klarinett u ta' għaxar snin ħareġ idoqq mal-Banda San Filep, meta daqq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred P. Hare. Ma kienx għadda ħafna żmien. Wiġi webblu jdoqq bħala solista t-terzett mill-opra '*I Lombardi'* ta' Giuseppe Verdi, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Orlando Crescimanno u mar tajjeb ħafna. Ftit wara, ħajruh jattendi kunċert mal-Banda King's Own. Meta rawh u semgħuh idoqq, kellhom kliem ta' tifħir għalih, minkejja li kien għadu żgħir. Mhux biss, imma s-surmast Awstrijak Mro. Aurelio Doncich, li dderieġa l-Banda King's Own mill-1908 sal-1930, xeħet għajnejh fuqu għax għaraf il-ħila tiegħu. Xtaq jgħinu jkabbar dan it-talent mużikali kemm jista'. Kien bis-saħħa ta' dan is-surmast li xi snin wara Ninu kiseb postu fl-armata. Daħal bħala *Band Boy* u dam hekk għal ħames snin. Madankollu għad li kiseb postu fl-armata huwa xorta ssokta bl-istudju tiegħu fuq il-klarinett taħt il-bravu surmast Awstrijak Aurelio Doncich,



Is-Sur Victor Galea, awtur tal-ktieb dwar il-Maġġur Aquilina jidher jippreżenta l-ktieb lis-Surmast Direttur tal-Banda Mro. David Agius.

# die ECKE
## GIFTS - STATIONERY - TOYS

Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi
Tel: 2146 3403
Triq l-Iskola, Ħal Safi
Tel: 2164 1149 / 2764 1149
email:info@dieecke.com



## We offer a vast range of:

Gifts, Stationery, Books, Newspapers, Greeting Cards, Toys, Perfumes

## We also offer:

Digital ID Photos, Book Covering, Spiral & Heating Binding, Lamination, Colour & B&W photocopying directly from your pen drive or CD

competitive prices

# DIGIT

Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi
Tel: 2146 5898 / 2746 5898
email:info@digitmalta.com

*CRT, LCD & Plasma TVs, DVD players, Home Theatre Systems & Hi-Fis*



*Computer Systems, accessories & repairs*



*Video/digital camera & accessories*





E250 G600 U800 I18510 J700



1208 5000 5310 5220 5610



KF600 KE970 KP500 KF510

SAMSUNG NOKIA LG

Go & Vodafone offers available

More than 150 models in stock

Smart card accepted

mal-King's Own, tal-Belt. Lill-ħabib tiegħu Żebbuġi ma warrbux għax xorta baqa' jmur jieħu l-lezzjonijiet għandu.

Fis-sena 1926, iż-żagħżugħ Anthony ntbagħat fuq kors ta' tliet snin, jispeċjalizza fil-klarinett, liema kors kien rebħu hu, minn fost tliet mitt bandist. Kiseb id-dritt għall-borża ta' studju tar-Royal Military School of Music fi Kneller Hall Twickenham Surrey, fl-Ingilterra. Kien żmien mitqlu deheb għal Anthony għax seħħlu jitħarreġ kemm fuq l-istrumenti kollha u saħansitra fid-direzzjoni. Tgħallem ukoll jikkomponi u jagħmel l-arranġamenti għall-orkestra u sintendi għall-banda stess. Kemm dam l-Ingilterra rnexxielu jirbaħ tliet medalji. Fl-1927 kiseb l-ewwel premju fuq id-daqq tal-istrument, il-klarinett u ngħata l-'*Cousin's Memorial'*. Fl-1930 dabbar żewġ unuri oħra, rebaħ l-ewwel post fil-'*Conducting*' jiġifieri fid-direzzjoni u seħħlu jġib l-ogħla punteġġ fl-arranġamenti mużikali kemm għall-orkestra kif ukoll għall-banda militari. Meta rritorna Malta, issa bħala *Warrant Officer Class 1*, lil Anthony tawh f'idejh it-tmexxija tal-banda tar-Royal Malta Artillery.

Bħala surmast direttur tagħha dam seba' snin. Wara li temm din il-kariga, huwa nħatar bħala president onorarju. Dan kollu seħħ fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta ngħata lilu r-rank ta' *Commissioned Officer*, fizzjal b'żewġ stilel. Fl-armata baqa'



Is-Sur Victor Galea, l-awtur tal-ktieb dwar ħajjet il-Maġġur Aquilina. Is-Sur Victor Galea kkompona wkoll il-marċ 'Tislima lill-Maġġur'.



July 9th 2008

Dear Victor

Congratulations.

Your biography of my father, Major Anthony Aquilina, is a great success and everyone who has seen it is very impressed. A number of people who were friends of my father have bought the book and then arrived at my door to ask me to sign it for them. Of course they should be coming to you, not me, but I signed it just the same.

A lot of hard work and time went into creating the biography and you deserve a medal for your dedication.

The Major, I am sure, would have been surprised, impressed and flattered that such a good book could have been written about him.

Congratulations again.

My best wishes you and your family.

Geoffrey Aquilina Ross

Geoffrey Aquilina Ross

Ittra ta' ringrazzjament u fl-istess ħin ta' tifħir li s-Sur Geoffrey Ross Aquilina, iben l-istess Maġġur bagħat lis-Sur Victor Galea.

javvanza u meta rtira mill-R.M.A. fl-età ta' 57 sena kellu l-grad ta' maġġur.

Waqt li ż-żagħżugħ Anthony Aquilina kien l-Ingilterra ltaqa' mat-tfajla Catherine Ross, Kanadiża, minn Toronto. Meta ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ, fit-2 ta' April, 1932, fil-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta, hu kellu sitta u għoxrin sena u għarustu kienet sentejn iżgħar minnu. Frott dan iż-żwieġ kellhom tifel waħdieni li għammduh bl-isem ta' Geoffrey.

Kien dħuli kemm trid man-nies. Kien jaf imur ma' kulħadd u t-tbissima fuq fommu baqgħet tiddi tul ħajtu kollha. Kellu qalbu tad-deheb. Imma waqt it-taħriġ tal-banda m'hemmx ċajt għax kien ikun irid kollox perfett. Il-Maġġur Aquilina kien raġel li jżomm ruħu pulit u eleganti, dejjem nadif xummiema b'leħja mqaxxra friska kuljum, b'ħaddejh lixxi daqs irħama. Kull fejn tarah kien ikun dejjem dritt, wieqaf fuq qaddu, xeħta ta' bniedem li għadda ħajtu fis-servizz militari.

Bħala marċi, l-Maġġur Anthony Aquilina, kitibhom f'art twelidu, aqta' xi wieħed jew tnejn, li kkomponiehom meta kien jistudja l-Ingilterra.

L-istil tiegħu tagħrfu mill-ewwel, stil militari, iżda Mediterranju b'laqtiet Spanjoli. Marċi funebri qatt ma kiteb. Ta' bniedem ferrieħi li kien, qatt ma niżlulu l-waqtiet kiebja.

Bosta mix-xogħol mużikali tal-Maġġur ħareġ fuq tliet *long plays*, l-ewwel waħda fl-1979 u għammidha bl-isem ta'*Festive Memories,* it-tieni waħda fl-1981 ħariġha bl-isem *Festive Memories No.2* u t-tielet waħda saret wara li miet u ngħatat l-isem *In Happy Memories*.

L-Innu-marċ **Preghiera a Sant'Antonio** ma ddaħħalx mal-marċi f'dawn il-*long-plays* iżda ma' dawk irrekordjati mill-Banda ta' Sant'Antnin. Kien l-uniku innu-marċ li kiteb u kkomponieh meta kien is-surmast direttur ta' din il-Banda Karkariża, bejn l-1983 u l-1985. Ta' min jgħid li bejn l-1946 u l-1956 mexxa l-banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara.

Il-Maġġur Anthony Aquilina ħalliena ta' 79 sena. Il-funeral sar nhar it-Tlieta, l-24 ta' Settembru, 1985. L-għada, il-gazzetti ta' kuljum ilkoll taw prominenza kbira lil dan l-avveniment b'kitbiet imżewqa b'ritratti tal-funeral tiegħu li tista' tgħid kien qisu wieħed statali.

# A ida H all

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

For Receptions, Parties and all occasions

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**






**WÜRTH LIMITED, WÜRTH HOUSE, Triq il-Masgar, Qormi QRM 3217, Malta.**

Tel: (356) 2149 4604, (356) 2144 3035 Fax: (356) 2144 1081

E-mail: sales@wuerth-malta.com

Web: www.wuerth.com.mt

# Innu lil Marija Assunta

Kitba ta' J.M. Ghigo S.J.



Ħallina ntennulek, Marija,
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-sliem,

Id-dinja Bik tifraħ,
Tissieħeb mal-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,

Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

Rit.

Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-dija
Tas-sema bla tmiem.

Rit.

U Lilek issellem,
Omm alla, sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' driegħu rebbieħ.

Rit.

*10 ta' Frar 1947*




Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tal-Imqabba
tixtieq tifraħ lil

**Miguel Ghigo**

għas-suċċess miksub
fit-*training camp* ġewwa l-Italja
fejn rebaħ l-unur
tal-**Aħjar player**.

# Minn fejn se jgħaddi l-marċ



Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu –
*Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk; Zuntier tal-Knisja, Triq il-Parroċċa, Duluri, Madonna tal-Ġilju, Aħwa Ghigo, Barumbara, Madonna tal-Ġilju, Misraħ il-Missjoni Żgħira, Sejba, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Żurrieq, Torba, Spnar, Familja Brancati, Kirkop, Mentna, Konvoj, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Santa Katarina, Pal, Troll, Mitħna, Santa Katerina, Santa Marija, Cavi, San Innoċenzju, Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà ta' Santa Marija.

## It-Tnejn, 10 ta' Awwissu –
*Jum il-Banda*

**8.15pm** Imiss jerġa' lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali u annwali tagħha.





## It-Tlieta, 11 ta' Awwissu –
*L-ewwel Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Qattara, Konvoj ta' Santa Marija, Barrieri, Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq Xandru Farrugia, M. A. Caruana, Ħajt tal-Malta, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, Kirkop, Katakombi, Dun Gerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu –
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Santa Katerina, Kileb, Mikielanġ Sapiano, Konvoj





ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem iI-Każin.

## Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu –
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** II-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjiet għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, Fjuri, Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu –
*Lejliet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tesegwixxi programm Strumentali quddiem il-Każin u wara marċ mat-toroq tal-Imqabba li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi kif ġej: Pjazza tal-Knisja, Santa Katarina, San Innoċenzju, M. A. Sapiano, Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, għall-Pjazza tal-Knisja, Parroċċa.

**8.30pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea, tibda marċ minn Triq il-Pal, Troll, Sejba, Santa Katarina sal-Pjazza.

**10.00pm** Taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Galea, il-Banda King's Own tal-Belt Valletta tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 15 ta' Awwissu –
*L-Għid tal-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Xriek, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt it-tmexxija ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ minn Triq San Bażilju, Valletta, Paroċċa għall-Pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** II-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia ssellem lill-Istatwa bl-Ave Marija. Wara jsir marċ qasir madwar it-toroq tar-Raħal.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi minn Josianne Zammit. Wara, bis-sehem tal-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Maria.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-Festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.





REMISSA BAR

Church Square
Mqabba

Tel:
79290190



# HORACE ENTERPRISES LTD.



**Trophies &
Sports Goods
Importer &
Wholesaler**

Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja
E-mail: horaceenltd@link.net.mt





# ÓA Ì AR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)





# Mal-Mewt ta’ Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem

Kitba ta’ Carmelo Caruana

Kien diġà l-għodda miġbura
X’ħin dellet musfara l-għaxija.
Ir-rgħajja tferrxu mistagħġba
Fl-għabex dulużi u f’malinkonija.

Il-ħmura fuq art muntanjuża
X’ħin għabet fietla x-xemx.
F’rifless ta’ kuluri skuri
Isbaħ minnha ma hemmx.

Kien deher fuq ix-xefaq
Sħab wieti bir-ragħad.
Ma kienx hemm tbassira
Fir-temp wisq inkurlat.

Bdew jidwu l-kelmiet – Marija
Fil-bxara melliesa tal-foqra.
Instemgħu kibja f’dagħdigħa
Mill-għolja ta’ SIJON il-kotra.

Ma’ l-aħbar tal-mewt ta’ Marija
B’mijiet u iżjed ta’ mistoqsija.
F’paniku ta’ ġenn bla ntemm
Jibku w jixheru – Għaliha.

Bi spirtu profond ġiet imkeffna
U mogħtija l-aħħar titwila.
U l-kotra wriet f’dik is-sogħba
Mitt darba w elf li sogħbiha.

Bdiet tidwi talba VENERANDA
U tharħru fl-iflieq ta’ agunija.
Corteo għall-wied f’ta’ KEDRON is-skiet
Presente Cadavre – imħollija.

Inġabret il-kotra aħħarija
Biex tagħti l-aħħar tislima.
LIL OMMNA TAS-SEMA MARIJA
Mogħnija f’sehem il-qdusija.

U xterdu f’leħħa ta’ berqa
Fi djuq il-mogħdija fir-resħa.

*Qrendi – 02/04/1996*




***Treatments Available:***
- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**




# Frida's Ltd.

## Transport & Lifting Service

**St. Philip House, Triq il-Qattara – Mqabba**

**Tel: 2123 0448 (Office)**

**Mobile: 9944 4095, 9949 0332, 9949 7332**

# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

J. Cutajar
SMOKING ARTICLES



# Il-Glorja fis-Sema tal-Verġni Marija Assunta

Kitba tas-Sur Joe Chetcuti

Il-Missirijiet tal-Knisja (is-Santi Padri) u l-kummentaturi tal-Iskrittura kienu jħobbu jqabblu l-Misteru tal-Verġni Marija ma' nies u ġrajjiet li għexu u seħħew fl-Antik Testment:-

Wieħed qaddis xebbaħ lil Marija ma' dik il-Ħamiema bajda u sabiħa li bil-fergħa taż-żebbuġa simbolu tal-paċi f'ħalqha, reġgħet marret fl-Arka ta' Noe biex tfissirlu li l-periklu tad-dulluvju kien għadda.

Esiġeti oħrajn tal-Iskrittura jpoġġu lil Ġuditta, mara qawwija li għakkset u qatlet lill-għadu ħażin. Hekk ukoll Marija għakkset u saħqet b'għarqubha r-ras tal-għadu infernali, Satana.

Xi missirijiet tal-Knisja ġabu bħala xebħ lis-sabiħa Ester li, wara li daħlet fil-palazz tas-sultan Assweru ġiet minnu nkurunata. Hekk il-Madonna meta ġiet imtellgħa fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem ġiet minn Alla nkurunata.

Ixebbħu lil Marija ma' Betsabea, omm Salamun, illi minn binha stess ġiet imqiegħda reġina fuq tron irjali tal-paċi u tal-glorja.

Iva, id-devoti ta' Marija għandhom jifirħu mal-Verġni mbierka Marija li kollha sabiħa, kollha pura, kollha qaddisa, iffigurata b'tant u tant nisa qaddisin tal-Antik Testment, li għax kienet Omm Ġesù Kristu, Alla u Bniedem, ġiet mgħollija s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, inkurunata Reġina tas-Sema u l-Art u mgħollija fuq il-Kori kollha tal-anġli.

Kif kiteb fl-innu ta' 'Tifħir lill-Madonna', l-Isqof San Bonaventura, il-Madonna kif waslet fis-Sema, Hi ġiet mogħtija mill-anġli kollha, mill-arkanġli, mit-Troni u d-Denominazzjonijiet, mill-Virtu' u l-Podesta', mill-prinċipati, mill-Kerubini u mis-Serafini, li kollha kemm huma, bil-leħen ħelu tagħhom kantaw: "Qaddisa, Qaddisa, Qaddisa, int Marija, Omm Alla u fl-istess ħin Verġni." San Bonaventura mbagħad ikompli jgħid: "li t-tifħir lill-Madonna mal-wasla tagħha fis-sema ingħata wkoll mill-appostli li kienu laħqu mietu, mill-martri, mill-konfessuri, mill-verġni; f'kelma waħda mill-abitanti kollha tas-sema. Tawha qima bħala dik il-persuna li tat lid-dinja lil Kristu, Ħaruf Immakulat. Mela, anki aħna, il-Knisja fuq din l-art trid tibqa' matul iż-żminijiet kollha tkanta tifħir lil Marija għax Hi l-Omm qaddisa t'Alla, Sultana tas-Sema, il-Magħqad, it-Tempju u t-Tabernaklu tal-Ispirtu s-Santu.

Marija Santissma biss hija ddestinata, bi privileġġ singulari li tara lil Alla bir-Ruħ u l-Ġisem, għaliex HI Immakulata. Kif jgħidulna xi qaddisin: "Marija hi Assunta għax hi Immakulata." Marija, flimkien ma' Ġesù, ħadmet għall-fidwa tal-umanità; kienet ko-redentriċi. Marija biss, minn dan il-wied tad-dmugħ u tal-miżerja ġiet mgħollija s-sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

Għandna nifhmu li d-dħul



Marija fil-Glorja. Pittura li tinsab fis-sala prinċipali tal-Każin.



# GREEN GARDEN

**Joe Borg**

*Joe ta' Lukardu tal-Fjuri*

All Year round Growers
of All Types of Flowers

***Specialising in*** **Carnations, Gebra, Gladioli.**

Residence: 12, St Bartolomew Street, Qormi   Tel: **2144 3723**
Ta' Kandja Nursery, l/o Siggiewi   Tel: **2164 0467**
Fax: **2147 0335**   Mob: **9945 8234**

---

# JV *Plastering*

**SCAFFOLDING GĦALL-KIRI**

**Għal kull tip ta' xogħol fuq il-fil, tibjid, tikħil, kisi u restawr fuq l-antik**

Mob: **9924 4807** jew **9986 1751**

ta' Marija fis-Sema kien akkumpanjat b'festa kbira. Jekk id-devoti fuq din l-art jagħmlu kemm jistgħu biex fil-15 t'Awwissu jagħmlu festa kbira, mela x'nistgħu ngħidu x'festa kbira bi trijonf kbir għamlu l-qtajja' ċelesti tas-sema meta Omm Alla waslet is-Sema. Kienu jafu dan il-qtajja' ċelesti li wara stennija ta' tlett ijiem fil-qabar, Kristu resaq lejn dak il-qabar u qajjem lil Ommu minn dak in-ngħas l-iżjed ħelu (bħal ma jgħidilna San Ġwann Damaxxenu) u taha mhux biss il-ħajja iżda wkoll imliha b'kull xorta ta' splenduri, ġisem glorjuż, l-istess bħal dak tiegħu.

Tabilħaqq għandha raġun il-Knisja fil-festa tal-Assunta, tmur tkanta l-antifona "Min hija dik li tielgħa bħaż-żernieq, sabiħa donna l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża bħal eżerċtu lest għal taqbida."

Kif waslet is-sema, Marija ġiet imqiegħda fuq il-lemin ta' Binha, li nkurunaha b'kuruna ta' glorja u ta' grazzja. Taha s-setgħa li Hi fis-sema Hi tikkmanda, li xxerred il-grazzji lid-devoti tagħha li jkunu għadhom fid-dinja fil-ħajja militanti.

Meta niftakru f'dawn il-glorji kollha ta' Marija nagħmlu sewwa nisimgħu x'qalilna l-Papa Piju XII fid-diskors li għamel fl-1 ta' Novembru 1950: "Nistiednu għalhekk lil ulied kollha ta' Marija biex jerfgħu 'l fuq il-ħarsa tar-ruħ tagħhom lejn it-tron għoli fis-sema, li fuqu Marija ġiet imqiegħda mit-Tliet Persuni Divini u nkurunata Sultana tal-ħlejjaq kollha ... nirrikorru fil-ħtiġijiet tagħna tar-ruħ u tal-ġisem għax mhux biss tista' tgħinna imma wkoll trid tgħinna."



Parti minn pittura oħra tal-Kav. Camilleri Cauchi li tinsab fis-sala prinċipali tal-Każin li tirrappreżenta l-Konvoj ta' Santa Marija.

Zneiber
Confectionery & Pastizzerija

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999
Mobile: 9988 3692

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)

Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 10.00am onwards (Summer Time)
Mondays Closed

# SEABREEZE HOTEL

**PRETTY BAY, BIRÛEBBU Ì A**

**BAR & RESTAURANT**

( Fully Airconditioned )

**Tel: 2165 1256, 2165 1499**

**Open also to Non-Residents**
**Entertainment every Saturday Night**



# Tieqa fuq 100 sena ilu

## *Il-qagħda tal-parroċċa ta' Santa Marija Assunta fl-Imqabba fl-1909*

© Dun Jonathan Farrugia,
B.A. (Hons), B.A. Theol. & Hum. Stud., S.Th.B, S.Th.L

### Id-dokument

Xi snin ilu kont fl-arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof u rajt li hemm sezzjoni b'*folder* għal kull parroċċa. Staqsejt lis-sur Lorenzo Zahra x'kienu u qalli li dawk kienu xi karti sparsi li kien sab jiġru fl-arkivji u ġabarhom lokalità lokalità biex ma jintilfux. Ma stajtx inżomm it-tentazzjoni li nitolbu l-*folder* tal-Imqabba biex naghti daqqa' t'għajn x'kien fih.

Fost id-diversi korrispondenzi li kien hemm, sibt dokument qasir, iżda kien fih ftit informazzjoni interassanti dwar il-qagħda tal-parroċċa tagħna preċiżament mitt sena ilu. Milli stajt nifhem, dan id-dokument huwa statistika li baghat il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Franġisk Saverju Bonanno, lill-kanċillier li fiha jaghti xi dettalji dwar it-tmexxija tal-parroċċa u l-qagħda tal-lokalità f'dak iż-żmien. Fih insibu:

1. lista tal-kleru Mqabbi li kien qed iservi fil-parroċċa f'dik is-sena;
2. lista tal-knejjes tal-Imqabba;
3. lista tal-fratellanzi u l-kongregazzjonijiet eretti fil-parroċċa;
4. dettalji dwar l-insara li kienu jgħixu fir-raħal.



Revmo Monsignore

Riguardo alla circolare del 29 Ottobre ultimo scorso, ho l'onore di riferire a V. S. Revma che nella mia Parrocchia non vi sono Cappelle Private neppure Religiosi secolarizzati.

Baciando riverentemente la mano ho l'onore di rafformarmi

D. V. S. Revma

Umo Servo

Micabiba
6 Novembre 1909

Parroco F. S. Bonanno

Ittra li l-kappillan Dun Franġisk Saver Bonanno baghat lill-Kurja nhar is-6 ta' Novembru 1909.



Nota delle Chiese di Micabiba

1° Chiesa Parrocchiale Titolare l'Assunzione di M. V.
Rettore Parroco Sac. Franc. Sav. Bonanno
Procuratore Sac. Lorenzo Zammit

2° Chiese figliali San Michele e San Basilio
Procuratore Don Nicola Heberras

3° Chiesa figliale Santa Caterina
Procuratore Giuseppe Camilleri

4° Chiesa dell' Addolorata
Jus Patronato del Giudice Pullicino

Micabiba
18 Ottobre 1909

Parroco F. S. Bonanno

Il-lista tal-knejjes li kienu jinsabu fl-Imqabba fis-sena 1909.



CLERO DELLA PARROCCHIA DI Micabiba

| N. d'ordine | Nome e Cognome | Età | Se confessore | Dignità, uffizio ed occupazioni |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Sac. Fran. Sav. Bonanno | 40 | | Parroco |
| 2 | " Salvatore Schembri | 71 | si | Procuratore di Legati Pii |
| 3 | " Giuseppe Galea | 65 | si | Procuratore delle Anime Purganti |
| 4 | " Eugenio Mallia | 49 | si | Predicatore ed Organista |
| 5 | " Lorenzo Zammit | 45 | si | Procuratore della Chiesa |
| 6 | " Nicola Heberras | 32 | no | Procuratore delle Quarantore |
| 7 | " Gio Battista Ghigo | 28 | no | Procuratore della Conf. del SS. |
| 8 | " Michele Zammit | 31 | no | Procuratore del [illegible] |
| 9 | Rev. Nicola Zammit<br>Diac. Dunc. Zammit | 20 | | Chierico |

Micabiba
18 Ottobre 1909

Parroco F. S. Bonanno

Lista tal-Kleru Mqabbi li kien qed iservi fil-parroċċa matul is-sena 1909.

Barra dawn imbagħad kien hemm ittra oħra mibgħuta mill-istess kappillan kważi xahar wara li ntbagħatet l-istatistika.

## L-istatistika tgħid hekk:

*Clero della Parrocchia di Micabiba*

| N° d'ordine | Nome e cognome Confessore | Età | Se | dignità, ufficcio ed occupazioni |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Sac. Fran. Sav. Bonanno | 40 | Si | Parroco |
| 2. | Sac. Salvatore Schembri | 71 | Si | Procuratore dei legati pii |
| 3. | Sac. Giuseppe Galea | 65 | Si | Procuratore delle Anime Purganti |
| 4. | Sac. Eugenio Malli | 47 | Si | Puntatore ed organista |
| *5.* | *Sac. Lorenzo Zammit* | *45* | *Si* | *Procuratore della Chiesa* |
| *6.* | *Sac. Nicola Xiberras* | *32* | *No* | *Procurtore delle Quarantore* |
| *7.* | *Sac. Gio. Battista Ghigo* | *28* | *No* | *Procuratore della conf. Del S. Sac.* |
| *8.* | *Sac. Michele Zammit* | *31* | *No* | *Procuratore del S. Cuore e Via Crucis* |
| 9. | *Sac. Nicola Zammit*[1] | *20* | | *Ostiario* |
| | *Diac. Innoc. Zammit* | | | |

Wara din il-lista nsibu d-data miktuba bit-Taljan *18 Ottobre 1909* u l-firma tal-kappillan Bonanno.

Fil-paġna li jmiss insibu t-titlu *Nota delle Chiese di Micabiba* li fiha nsibu lista tal-knejjes fl-Imqabba flimkien mal-prokuraturi tagħhom. Huwa interessanti ħafna l-ordni li fiha huma mniżżlin il-knejjes u n-numerazzjoni tagħhom li tagħti indikazzjoni dwar l-importanza ta' dawn il-knejjes fir-raħal.

## Maqluba għall-Malti l-lista tgħid hekk:

L-ewlenija: Il-knisja parrokkjali li għandha bħala titlular l-Assunzjoni ta' Marija Verġni.

Rettur: il-kappillan Dun Franġisk Saverju Bonanno.

Prokuratur: Dun Lawrenz Zammit

It-tieni: il-knejjes filjali ta' San Mikiel u San Bażilju.
Prokuratur: Dun Nikol Sciberras.

It-tielet: il-knisja filjali ta' Santa Katarina
Prokuratur: ġużeppi Camilleri.

Ir-raba': Il-knisja tal-Addollorata.
ġuspatronat tal-Imħallef Pullicino.

Nerġgħu nsibu l-istess data u l-firma tal-kappillan.

Wara din hemm il-lista tal-għaqdiet tal-parroċċa, li kienu bażikament il-konfraternitajiet u l-kongregazzjonijiet, u fil-qiegħ tal-paġna mill-ġdid id-data u l-firma:

1. Il-konfraternità tas-Sagrament Imqaddes
2. Il-konfraternità tar-Rużarju Mqaddes
3. Il-konfraternità tal-Kunċizzjoni
4. Il-kongregazzjoni tal-Agunija
5. It-terz-ordni ta' San Franġisk ta' Assisi
6. Il-kongregazzjoni tal-Appostolat tat-Talb


Il-kappillan Dun Franġisk Saverju Bonanno, Kappillan tal-parroċċa bejn is-snin 1906 u 1922.



Il-firma tal-kappillan Dun Franġisk Saver Bonanno bid-data 18 t'Ottubru 1909.

L-aħħar paġna fiha xi kurżitajiet interessanti dwar il-qagħda tal-insara Mqabbin. Hija sempliċement statistika ta' kemm nies jitqarbnu, iżda tagħtina idea kemmxejn ċara tal-importanza li kienet tgawdi l-fidi fost missirijietna:

| | |
|---|---|
| *Nota indicante il numero dei fedeli di Casal Micabiba* | |
| *Adulti e ragazzi ammessi alla Communione* | *N° 1004* |
| *Fanciulli non ammessi alla Communione* | *384* |
| *Trascurati* | *17* |
| *Totale* | *1405* |

L-istatistika tispiċċa hemm, iżda mbagħad hemm annessa ittra miktuba mill-istess kappillan, iżda fuq tip ta' karta differenti, li tgħid hekk:

Reverendissmu Monsinjur

Rigward iċ-ċirkolari ddatata 29 ta' Ottubru li għadda, għandi l-pjaċir ngħid lis-Sinjurija Reverendissima tiegħek li fil-parroċċa tiegħi m'hemmx kappelli privati u anqas hemm reliġjonijiet sekularizzati.

Waqt li bir-rispett inbuslek idek, għandi l-unur li mill-ġdid nafferma lili nnifsi qaddej umli tas-Sinjurija Reverendissima tiegħek.

l-Imqabba
6 ta' Novembru 1909
Kappillan F.S. Bonanno



Nota indicante il numero dei fedeli
di Casal Micabiba

Adulti e ragazzi ammessi alla Communione N° 1004
Fanciulli non ammessi alla Communione 384
Trascurati 17
Totale 1405

Micabiba
18 Ottobre 1909
Parroco F.S. Bonanno

Dettalji dwal l-insara fidili li kienu jgħixu fl-Imqabba.



Nota delle Confraternite e Congregazioni

1° Confraternita del SS Sacramento
2° Confraternita del SS Rosario
3° Confraternita della Concezione
4° Congregazione dell' Agonia
5° Terzo Ordine di S. Francesco d'Assisi
6° Congregazione dell'Apostolato della Preghiera

Micabiba
18 Ottobre 1909
Parroco F.S. Bonanno

Lista tal-fratellanzi u l-kongregazzjonijiet eretti fil-parroċċa.

## Għalfejn inbagħtet l-istatistika?

Ir-raġuni għala l-kappillan tal-Imqabba bagħat din l-istatistika lill-kanċillier tal-Kurja mhix magħrufa, imma jidher li kienet xi inizjattiva mill-Kurja stess għax il-karta li fiha mela l-informazzjoni dwar il-kleru kienet formola apposta, stampata fl-istamperija tad-Dar ta' San Ġużepp fil-Ħamrun. Forsi minn dan nikkonkludu li l-Kurja riedet tagħmel xi forma ta' ċensiment biex tara sewwasew x'kienet il-qagħda tad-djoċesi dak iż-żmien. Ma rridux ninsew li fil-bidu tas-seklu għoxrin f'Malta – bħalma ġara f'pajjiżi oħra fl-Ewropa – bdew jitfaċċaw forom ġodda ta' reliġjonijiet, setet u ideoloġiji li żgur kienu ta' nkwiet għall-Knisja Kattolika. Forsi l-aktar każ li għamel ħoss kien dak tax-"Xirka tal-Imdawwlin" imwaqqaf minn Manwel Dimech lejn is-sena 1911.

Xhieda indiretta ta' dan l-inkwiet min-naħa tal-Kurja b'konnessjoni ma' dawn is-setet jista' jkun li hi l-ittra li hemm annessa ma' din l-istatistika. Jidher li meta l-kanċillier irċieva l-istatistika tal-kappillan Bonanno xi ġranet wara t-18 ta' Ottubru 1909, huwa bagħat xi nota oħra lill-kappillan jistaqsih speċifikament dwar "*cappelle private*" u "*religioni secolarizzate*" ladarba fl-istatistika ma jagħmel ebda referenza għalihom. L-ittra

# Victor's Take Away

## Bar, Restaurant, Cafeteria

*Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties*

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**

*(Next to Bus Terminus and near the Ûurrieq School)*

Noffru servizz lill-każini f'dak li hu kiri ta' platti, kikkri, frieket, skieken, eċċ...
Inbid Home made bi prezz speċjali għal BBQ's u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)

**Tel: 2164 1033 • Mob: 9947 4249**

---

# ST. NICHOLAS FISH SHOP



**For all kind of Fresh & Frozen Fish**

**Triq John Debattista, Siġġiewi**

**Tel: 2146 4367 • Mob: 7905 7501**

Mon: 4.00pm – 7.00pm
Tues, Wed, Thur, Fri: 7.00am – 12.00pm, 4.00pm – 7.00pm
Pub Hol, Sat: 7.00am – 12.00pm

---

MED LENS
OPTICAL CLINIC

Sliema Road, Gżira GZR 1635
Tel: 2131 5730

5, New Street, Luqa LQA 1559
Tel: 2167 3238

**EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE**

Beretta SPORT

fcuk vision

Montana CLAUDE MONTANA

GIVENCHY PARIS

ANTOINE BOURGEOIS PARIS

**OPTICIANS SUNGLASSES**
**CONTACT LENSES**
**SPECTACLES**

***We supply full range of contact lenses, tinting and anti-reflective coats, hard coating to reduce scratching, photochromatic lenses & Bifocals.***



High - Scorers: The Shooter's answer to better vision



Latest fashion spectacle frames



Dun Salvatore Schembri, għal xi żmien kien ukoll Viċi-Kappillan fil-parroċċa tal-Imqabba.

li bagħat lura Bonanno, datata 6 ta Novembru 1909, turi li fl-Imqabba milli jidher dawn l-ideat ġodda kienu għadhom ma daħlux jew inkella ma rabbewx l-għeruq. Hi tagħti x'tifhem ukoll li dak li verament xtaqu jsiru jafu mill-Kurja ma kienx biss dwar kemm nies jattendu għall-quddies, imma anke jekk dawk li ma jattendux (dawk imsejħa "*trascurati*") kellhomx xi ċentru ieħor fejn imorru.

## Notamenti storiċi u bijografiċi

Tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa lejn xi spunti bijografiċi u storiċi relatati mal-persuni u l-għaqdiet li jissemmew f'dan id-dokument.

Il-kappillan Bonanno kien twieled f'Ħaż-Żebbuġ u sar kappillan tal-Imqabba nhar it-13 ta' Awwissu 1906 u żamm din il-kariga sat-22 ta' Marzu 1922, fejn wara għamel sena kappillan tas-Siġġiewi. Miet fis-16 ta' April 1938.

Dun Salvatore Schembri kien Imqabbi u sar saċerdot fis-16 ta' Diċembru 1864. Kien hu li ħallas għall-kwadru titulari tal-Assunta, xogħol Filippo Venuti fl-1896 u hu kien għamel it-tliet tridijiet bi tħejjija għall-festa titulari tal-Assunta fis-sena ċentinarja tal-1898. Huwa kien ħallas ukoll wieħed mill-konfessjonarji l-antiki.

Dun Ġużepp Galea wkoll kien mill-Imqabba u sar saċerdot fl-20 ta' Settembru 1871.

Dun Ewġenju Mallia, magħruf bħala Dun Ġienju, kien sar saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1886. Huwa kien ħallas parti mill-ispejjeż tal-pulptu, xogħol Saverio Oliva fuq disinn ta' Nikola Zammit, li żżanżan fil-festa tal-Madonna tal-ġilju 1897. Dun Ġienju kien ukoll wieħed minn dawk li kienu fil-knisja meta ntlaqtet mill-bomba fid-9 ta' April 1942. Huwa miet fl-1953 fl-età ta' 90 sena.

Dun Lawrenz Zammit kien twieled fl-1863 u sar saċerdot fis-17 ta' Dicembru 1887. Għal ħafna snin, sa mill-1 ta' Jannar 1902, kien il-prokuratur tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba u fi żmien din il-prokura saru ħafna opri artistiċi fil-knisja tagħna. Fost dawn insemmu l-pittura tal-koppla, l-artal maġġur tal-malakite – li għalih kien ħareġ sehem – fl-1910, il-pedestall tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju u s-sarkofagu tal-fidda tal-vara titulari ta' Santa Marija.

L-imħabba tiegħu lejn raħal twelidu u lejn il-knisja ddedikata lill-Assunta jidhru l-aktar fiż-żewġ pubblikazzjonijiet li kien ħareġ, li fihom ġabar l-istorja tal-knisja msemmija: *Ghat tielet centinariu tal Erezioni tal Cnisia Parrocchiali ta l'Imkabba fil Festa Solenni tal Gloriusa Assunzioni tal Beata Vergini Maria fis-sena 1898* (1898) u *Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba* (1927). Zammit ġustament jista' jissejjaħ "Missier l-istorja tar-raħal tagħna" għax kien hu l-ewwel Imqabbi li ġabar l-istorja tar-raħal f'kotba. Huwa kien ukoll l-aħħar saċerdot li ndifen fil-kripta tal-kleru taħt il-kor tal-knisja tal-Imqabba qabel ma din intradmet fil-gwerra.

Dun Nikol Sciberras sar saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1905.

Dun Giovanni Battista Ghigo sar saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906. Hu u ħuh taw diversi oġġetti lill-knisja parrokkjali ta' raħal twelidhom, fosthom żewġ baċiri tal-fidda fl-1964 u l-qanpiena li ħadet post il-Fustanija fl-1965. Għamel żmien kappillan ta' Ħal Safi u arċipriet taż-Żurrieq sakemm ġie magħżul mill-arċisqof Gonzi bħala kanonku tal-Katidral. Miet fl-1967 meta kellu 85 sena.

Dun Mikiel Zammit sar saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907.

Dun Nikol Zammit twieled fl-1888 u sar saċerdot fl-20 ta' Settembru 1913. Dun Nikol kellu n-namra għall-kitba u fil-fatt kiteb diversi kotba dwar ħajjiet ta' qaddisin u dwar il-ħajja nisranija. Hu kien il-fundatur u l-ewwel editur tar-rivista *Malta Missjunarja* li dehret fl-1932 u għadha toħroġ sal-lum. Miet meta kellu 81 sena fl-1969.

Id-djaknu Innoċenz Zammit twieled fl-1890 u sar saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1916. Hu serva bħala kappillan tal-Imsida għal 26 sena. Miet fl-1957 meta kellu 67 sena.[1]

Mil-lista ninnutaw li wħud minn dawn is-saċerdoti kien għad m'għandhomx il-fakultà li jqarru lin-nies. Qabel il-Konċilju Vatikan II meta wieħed isir saċerdot ma kienx ikollu l-privileġġi kollha, imma dawn kienu jingħatawlu ftit ftit. Dawk li kien għad m'għandhomx din il-fakultà fil-fatt ma kienux ilhom li ġew ordnati presbiteri.

## Xi dettalji żgħar dwar il-knejjes li jissemmew:

Il-knisja parrokkjali preżenti ddedikata lill-Assunzjoni tal-Verġni Marija nbniet lejn tmiem is-seklu sbatax. L-istil tal-koppla u l-arkitettura ta' żewġ artali nbidlu wara li ntlaqtet minn bomba fid-9 ta' April 1942.



Dun Eugenio Mallia.



Dun Laurenz Zammit, benefattur u kittieb. Fost il-kotba li kiteb, Descrizioni Storica tal Cnisia Parrocchiali ta' l-Imkabba.



Dun Mikiel Zammit.



Dun Innocenzo Zammit.

Il-knisja ta' San Bażilju nbniet fl-1486 u mbagħad baqgħet titkabbar sal-1515. Għamlet sal-1607 sservi bħala knisja parrokkjali, sakemm ingħaqdu żewġ knejjes biex inħolqot l-ewwel knisja parrokkjali ddedikata lill-Assunta.

Il-knisja ta' San Mikiel inbniet lejn is-sena 1550 u mbagħad ġiet mibnija mill-ġdid fl-1669 mill-prokuratur Giovnni Andrea Zammit.

Il-knisja ta' Santa Katarina V.M. wkoll inbniet oriġinarjament lejn l-1550 u mbagħad inbniet il-knisja li naraw illum bejn l-1764 u l-1774.

Il-knisja tad-Duluri hija antikissima, mibnija oriġinarjament qabel l-1500 u ddedikata lill-Assunta u magħrufa bħala *Santa Marija tal-Fuqqanija*. Il-knisja preżenti, bl-isem mibdul għad-Duluri tal-Madonna, inbniet fl-1680.

Il-knisja tan-Nazzarenu, li tinsab fiċ-ċimiterju, ma tissemmiex għax inbniet fl-1910.

Se nagħti wkoll xi dettalji dwar il-fratellanzi u l-kongregazzjonijiet li jissemmew:

Il-konfraternità tas-Sagrament Imqaddes twaqqfet fl-1600 mingħajr l-approvazzjoni tal-Isqof. Dan ġie ratifikat fl-1621 u ġiet aggregata ma' Fratellanza f'Ruma.

Il-konfraternità tar-Rużarju Mqaddes kienet diġà teżisti meta l-Imqabba saret parroċċa fl-1598, fil-fatt kienet ġiet eretta fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja ta' San Bażilju. Fl-1634 ġiet ġemellata mal-konfraternità ta' Santa Marija f'Ruma.

Il-konfraternità tal-Kunċizzjoni twaqqfet fl-1772 u hija aggregata mal-arċikonfraternità tal-Immakulata eretta fil-knisja ta' San Lorenzo in Damaso f'Ruma.

Il-kongregazzjoni tal-Agunija kienet ġiet eretta b'digriet tal-Isqof Lorenzo Astiria fl-10 ta' Settembru 1674 u sena wara ġiet aggregata mal-arċikonfraternità tal-Agonizzanti li tinsab Ruma bi privileġġ tal-Papa Klement X.



Dun Nikola Zammit.



Il-kleru tal-Imqabba fil-bidu tas-seklu XX. Bil-wieqfa: Dun Angelo Ghigo, Dun Michele Zammit, Dun Giovanni Battista Ghigo, Dun Innocenzo Zammit, Dun Nikola Sciberras, Dun Giuseppe Xuereb. Nofs: Dun Eugenio Mallia, Dun Salvatore Schembri, Kappillan Dun Franġisk Saver Bonanno, Dun Gużepp Galea, Dun Lawrenz Zammit. Bilqiegħda quddiem (abbatini): Mikiel Galea (il-Muċċ), Salvu Mallia (tal-Piżatur). Mill-ħames 'il quddiem: Emanuel Sciberras (ta' Lippinu), Emanuel Zammit (Menġaq) u Giuseppe Zammit (il-Pepe').

It-terz'ordni ta' San Franġisk ta' Assisi kien twaqqaf fl-1 ta' Jannar 1878 minn ċertu Fra Gianpawl ta' Malta.[1]

Dwar il-kongregazzjoni tal-appostolat tat-talb ma rnexxilix insib informazzjoni dwar meta twaqqaf fl-Imqabba u minn min.

## Għeluq

Żgur li hemm aktar informazzjoni x'wieħed jista' joħroġ minn dan id-dokument qasir, iżda hawn mhux il-lok li jsir dan. Ninsab ċert, iżda, li dokumenti simili jgħinu biex ikollna idea aktar ċara ta' kif kienet il-ħajja fil-parroċċa tagħna fl-imgħoddi.

1 Dan naħseb li huwa żball ghax skont il-lista tal-kleru Mqabbi li jaghti Dun Lawrenz Zammit, Dun Nikol ġie ordnat presibiteru fl-1913. Forsi r-referenza ghalih bhala saċerdot ("Sac.") tfisser li kien diġà rċieva xi ordnijiet minuri u ghalhekk kellu diġà t-tonsura.



*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tifraħ lill-qassis novell*

**W.Rev. Dun Ronnie Zammit**

*iben Josephine xebba Sammut u Joseph Zammit*

Dun Ronnie ħa l-Ministeri tiegħu kif ġej:
Kandidatura: 27 ta' Frar 2007 Marija Annunzjata Ħal Tarxien
Lettorat: 11 ta' Mejju 2007 Marija mtellgha s-sema, Ħ'Attard
Akkolitat: 30 ta' Novembru 2007 Kolleġjata Bażilika Sant' Elena Birkirkara
Djakonat: 31 ta' Ottubru 2008 fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar
Presbiterat: 3 ta' Lulju 2009 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann

Nawguraw lil Dun Ronnie
ħidma pastorali fejjieda b'risq il-komunità ta' Sant' Elena Birkirkara.

# Ad Multos Annos

SOUTHERN FRIED

Lip Licking Flavour

Chicken

**For the Best Southern Fried Chicken in Malta**
**available from**
**B'Kara M'Scala B'Buġa Ħamrun**

# La Piccola

*Discount Store*



**52, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**Tel: 21 64 28 78**

**Għall-orħos prezzijiet, affrarijiet ta' groceries, confectionery, detergents, ħobż frisk kuljum u affarijiet tal-friża.**

**Jingħataw ħafna affarijiet b'xejn max-xirjiet. U kif ukoll tittella' xirja kull ħmistax.**

Nifħu kuljum
Mit-Tnejn sal-Ħamis mill-5.30 sas-19.00
Il-Ġimgħa mill-5.30 sat-20.00
Is-Sibt mill-5.30 sal- 17.00
Il-Ħadd mill-5.30 sal-11.00



**NAGÓMLU FREE DELIVERIES**



# Il-'Programm' tal-Festa

## *25 sena ilu ġie ppubblikat il-ktieb kif nafuh illum*

Informazzjoni mis-Sur Antoine Sciberras

Sa mill-bidu nett, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dejjem ħasset il-ħtieġa li żżomm kuntatt dirett mas-soċi u partitarji tagħha bl-iskop li tkun tista' twassal aħjar il-messaġġ tagħha. Jekk inħarsu lura għas-sena 1973 insibu li l-Kumitat ta' dak iż-żmien kien ippubblika ktejjeb ċkejken bħala dak li llum insejħulu l-annwal jew il-programm tal-Festa.

Dan kien jikkonsisti fi tnax il-paġna ta' qies żgħir (A5) *black and white*. Il-faċċata kienet tkun dejjem simili li kienet tinkludi l-istatwa devota u artistika ta' Santa Marija meqjuma fil-parroċċa tagħna. Kien jinkorpora fih il-programm tal-festa ġurnata b'ġurnata kif ukoll xi artikli qosra ta' interess relatati mal-parroċċa u s-Soċjetà tagħna. Biż-żmien, dan il-mezz ta' komunikazzjoni beda jinkorpora fih il-messaġġi għall-ewwel tal-kappillan tal-parroċċa u aktar tard ukoll dawk tal-uffiċjali tal-Każin.

Jidher li dan il-ktejjeb ċkejken kien jintlaqa' tajjeb tant li fis-sena 1984 il-Kumitat ta' dak iż-żmien deherlu li kellu jagħti xejra differenti lil dan il-ktejjeb. Deċiżjoni li wasslet għall-ktejjeb kif nafuh illum. Il-qies tiegħu ġie mkabbar filwaqt li żdidulu n-numru ta' paġni għal tnejn u tletin.

Il-qoxra saret għall-ewwel darba bil-kulur u kienet ta' materjal ohxon. B'hekk nistgħu ngħidu li l-ktejjeb li jiġi ppubblikat matul il-ġimgħa tal-Festa ngħatatlu xejra aktar denja ta' ktieb li jinkorpora fih diversi artikli fosthom il-messaġġi u rendikonti ta' dak li jkun sar fis-sena ta' qabel. Minn din is-sena 'l quddiem il-faċċata ta' dan il-ktejjeb saret tkun dejjem fuq stil differenti.

Propju llum, 25 sena wara, dan il-ktejjeb ingħatalu dehra aktar professjonali mimli ritratti u artikli ta' interess ġenerali bin-


PROGRAMM
TAL-FESTI SOLENNI LI JSIRU
FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA
F'GIEH
SANTA MARIJA
PATRUNA TAR-RAHAL
30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1973

Il-Programm tal-Festi solenni li saru fil-parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ Santa Marija fis-sena 1973.


Għaqda Mużikali
RE GEORGE V
Est. 1910
NON NISI PER ARDUA
Programm tal-Festi Solenni li jsiru
fil-Parrocca tal-Imqabba f'gieh
SANTA MARIJA
Patruna tar-Rahal
mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1984

Il-Programm tas-sena 1984 li għall-ewwel darba ġie ppubblikat b'qoxra bil-kulur u li ħa xejra aktar professjonali.






Il-Programm 2008 maħruġ mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Pubblikazzjoni li tiġbor fiha rapporti u artikli ta' interess ġenerali.

numru ta' paġni jiżdied għal aktar minn 150 ta' qies A4 fosthom diversi paġni bil-kulur. Sar ikun mistenni minn diversi dilettanti u saħansitra ssib min għandu d-delizzju li jġemma' dawn il-programmi. Illum il-ġurnata dan il-ktejjeb qed ikun aċċessibbli wkoll fuq il-websajt uffiċjali tas-Soċjetà *www.santamarija.com*.

*Dan il-ktejjeb*
*huwa aċċessibli*
*fuq il-websajt uffiċjali*
*tas-Soċjetà*

**www.santamarija.com**

**Ġrajjiet**
**is-Soċjetà Santa Marija**
**u l-Banda Re Ġorġ V**
**fl-Istorja ta' l-Imqabba**
miġbura
fi ktieb ta' Carmen Lia

Ktieb utli
għall-istudenti tal-Istorja
– Rigal uniku
għal qrabatna Emigranti

Jista' jinxtara mill-Każin
tas-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V





# Anniversarji importanti relatati mas-Soċjetà...

Informazzjoni mis-Sur Antoine Sciberras



Il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li ġie akkwistat fis-sena 1934.



L-Orkestra Santa Marija li ġiet imwaqqfa fis-sena 1945.

## 1934... 75 sena ilu

Is-Soċjetà xtrat il-Każin preżenti nhar it-22 ta' Jannar fil-lokal dak iż-żmien bin-numru 27 Pjazza tal-Knisja. Qabel dan il-post, is-sede tas-Soċjetà kien fin-numru 26. Hekk 75 sena ilu, ġiet żgurata l-futur ta' din l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba.



Is-Sur Ġużeppi Galea, il-Fundatur tal-Banda Re Ġorġ V.

## 1939... 70 sena ilu

Ġużeppi Galea beda jgħallem il-qari tal-mużika lill-ewwel allievi fis-sede tas-Soċjetà King George V. Sfortunatament, iżda, huwa kellu jieqaf ħesrem minn din il-ħidma minħabba li faqqgħet il-gwerra.

## 1944... 65 sena ilu

Ġużeppi Galea, b'determinazzjoni akbar reġa' beda jgħallem il-mużika bl-iskop li jwaqqaf Orkestra. Hu kien megħjun minn Carmelo Schembri, Antonio Mamo, il-Professur Pawlu Carabott, Espedito Deguara u Francesco Azzopardi,

# Cassar Florist

*(taz-Zizzu)*

for your Wedding Flowers/Holy Communion Head-dress,
Engagement Parties and Funerals, Souvenirs,
Tulle & Accessories for all occasions.

Triq Ġużeppi Mattew Callus,
Żurrieq

*(near Aida Hall)*

Tel: 2164 7735, 2164 0501

Mob: 9946 7457,9946 7498

## Cassar

**Bargains**

Grocer, detergents
and Fresh products
Open all Day

***Il-Familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Mqabbin kollha***

# Stone Art Works






- Balavostri
- Lavur
- Qoxra tal-Fil
- Ruzuni
- Ventilaturi
- Qsari Tal- Gebel
- Hnejjiet
- Coving
- U hafna izjed




Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 79730206 - 99873105

kollha surmastrijiet ċelebri u tajbin.

Propju dan wassal biex l-Orkestra Santa Marija tagħmel id-debutt uffiċjali tagħha nhar it-12 ta' Awissu 1945 qrib is-sede tas-Soċjetà taħt it-tmexxija tas-surmast Espedito Deguara li ħa d-direzzjoni tal-Orkestra f'idejh wara s-surmast Anthony Mamo. L-Orkestra ġiet imwaqqfa mis-Sur Giuseppi Galea u tat it-tieni servizz tagħha propju ġewwa l-knisja parrokjali tal-Imqabba fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju tal-istess sena permezz ta' mutett.

Sa dakinhar ma kienet teżisti ebda soċjetà jew għaqda mużikali oħra ġewwa l-Imqabba li kienet għamlet xi debutt mużikali għajr tagħlim tal-mużika biss.

Fl-istess sena s-Soċjetà flimkien ma' diversi każini oħra offrew rigal lill-gvernatur ta' Malta Lord Gort taħt forma ta' *Sword of honour* bħala sinjal ta' gratitudni u ammirazzjoni għat-tmexxija għaqlija tiegħu.



Fis-sena 1949 beda x-xogħol fuq it-tieni sular tal-Każin.

## 1949.. 60 snin ilu

Is-Soċjetà Santa Marija ħasset il-ħtieġa li tkabbar il-Każin tagħha li kienet akkwistat ħmistax-il sena qabel. B'hekk fis-sena 1949 beda x-xogħol fuq it-tieni sular tal-każin.




Il-Programm tas-sena 1984 li għall-ewwel darba ġie ppubblikat b'qoxra bil-kulur u li ħa xejra aktar professjonali.

## 1984.. 25 snin ilu

Il-Kumitat ta' dak iż-żmien deherlu li fis-sena 1984 jagħti xejra kemxejn differenti lill-ktejjeb tal-festa. Għall-ewwel darba l-programm tal-Festa ġie ppubblikat b'qoxra ħoxna u bil-kulur filwaqt li żdidulu l-paġni. Dan kien jinkorpora diversi artikli u messaġġi ta' interess ġenerali.



## 1999.. 10 snin ilu

Il-Kumitat Eżekuttiv minn dejjem kellu tberren f'moħħu l-ħolma li jkabbar il-Każin. Propju għaxar snin ilu, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V rnexxiela takkwista u tixtri l-propjetà biswit il-Każin preżenti bl-iskop li meta jkun il-waqt din il-ħolma ssir realtà.

Proprju fis-sena 1999 intlaħaq ftehim u s-Soċjetà taħt il-Presidenza tas-Sur Carmel Zahra, president attwali tas-Soċjetà xtrat il-proprjetà maġenb il-Każin biex illum 10 snin wara qed naraw il-ħolma ta' bosta ssir realtà.

Dehra tal-proprjetà biswit il-Każin preżenti li nxtrat fis-sena 1999.



# Kargo
## Aluminium & Timber

Kargo House, San Ġwakkin Road, Imrieħel,
Malta QRM 09
Tel: +356 2144 9303
Fax: +356 2149 3002

# **Sharp Edge**
## Tipped Tools

*"For that fine cut!"*

A44, Industrial Estate, Marsa LQA06, Malta
email: sharpedge@itt.net.mt
tel: 2122 4409 • fax: 2123 8055

# Tagħrif storiku dwar il-parroċċa ...



Il-Knisja parrokkjali tal-Imqabba ddedikata lil Marija Assunta.

## 1599... 410 sena ilu

L-ewwel magħmudija mniżżla fir-reġistru tal-magħmudija hi ta' iben Ġużeppi u Margarita Bonavia. Saret fis-6 ta' Jannar 1599. It-tifel issemma Gandumink. F'dik l-ewwel sena tgħammdu erbatax-il tarbija oħra. Is-sena ta' wara tgħammdu tnax. Fl-1601 hemm ħdax-il magħmudija, sebgħa fl-1602 u erbatax fl-1603. Bejn wieħed u ieħor in-numru ta' magħmudijiet ta' kull sena sal-1621 baqa' ta' madwar erbatax; biss fis-sena 1609 tgħammdu 22 tarbija. Fit-28 ta' Awwissu 1599 insibu l-ewwel tewmin li tgħammdu fil-parroċċa. Ġanmari u Antonju. M'hemmx imniżżel kunjomhom. Il-ġenituri tagħhom kienu minn Ħal Kirkop. Wieħed jaħseb li ommhom kienet mill-Imqabba u nġabret għand ommha biex tiled. L-ewwel tewmin Imqabbin kienu Dominika u Ġoanella, ulied Bartolmew u Anġelika Magro. Għammduhom fit-28 ta' Ġunju 1603.

Referenzi: Tagħrif Storiku Dwar il-Parroċċa: Ħarsa lejn l-ewwel reġistru tal-magħmudija (1599-1621) kitba ta' Dun Ġużepp Micallef – Programm tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ Santa Marija Patruna tar-Raħal 1978.





# Rendikont
# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja
# Festa ta' Santa Marija – 2008





## Dħul

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* fid-djar | **€ 3,833.00** |
| Ġbir fil-knisja | **€ 918.50** |
| Kaxxa quddiem l-istatwa | **€ 82.00** |
| Total | **€ 4,833.50** |

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2007 | **€ 1,431.63** |
| Ċelebranti u trasport | **€ 347.00** |
| Orkestra, u vuċijiet | **€ 1,915.00** |
| Daqq ta' qniepen | **€ 140.00** |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | **€ 2,243.16** |
| Servizzi ta' kappi u kurċifiss | **€ 150.00** |
| Fjuri u *envelopes* | **€ 120.00** |
| Total | **€ 6,346.79** |
| **Żbilanċ** | **€ 1,513.29** |



Dehra tal-Festa kif kienet tiġi ċċelebrata fl-imgħoddi. Jidher ukoll xi armar li kien jintrama fil-pjazza. (Ħajr Victor Galea)

Kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





SMART CARD ACCEPTED

For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..

Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering



**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**
**Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Mqabba**
**www.santamarija.com**